# Festa 2023



**Soċjetà Filarmonika**
**Marija Mtellgħa s-Sema l-Imġarr**
**A.D. 2011**



# Werrej


Werrej . . . 1
Kumitat Eżekuttiv 2023 . . . 2
Il-Kollaborazzjoni ta' Bejnietna . . . 4
Banda ta' Suċċess . . . 5
Festa Sabiħa . . . 8
Inħeġġeġ lill-Imġarrin . . . 12
Dinamika Ġdida . . . 13
L-Ispirtu ta' Marija . . . 16
L-Importanza u s-sehem tal-għaqdiet tal-baned f'pajjiżna . . . 20
Ir-Rużarju . . . 28
Bejn Festa u Oħra . . . 32
L-Istatwa ta' Santa Marija tad-Dimostrazzjoni, il-Pedestall u l-Bradella . . . 41
Il-Verġni Mbierka Marija Mtellgħa s-Sema . . . 52
Marija Assunta Wieħed mill-eqdem titulari fil-gżejjer Maltin . . 56
Fin-Natura Nsib l-Hena . . . 60
Ingħaqad mal-Banda – Jake Camilleri - Kurunetta . . . 64
Il-Kult Marjan f'Malta . . . 65
L-Imgħallem Bennej Imġarri Ġanmari Camilleri . . . 70
Kif San Franġisk Ipinġi lil Marija . . . 77
Servizzi Mużikali 2023 . . . 80
Programm tal-Festa 2023 - Festi Interni . . . Insert
Sehem il-Banda fil-Festa . . . Insert
It-Trasfigurazzjoni ta' Kristu: L-Aħħar Pittura ta' Raffaello . . . 97
Il-Jien... jew Aħna? . . . 109
20 Sena mill-Mewt ta' Suor Artemisia Gatt . . . 112
Il-Kollezzjoni tal-Programmi tal-Festa fil-Bibljoteka . . . 129
Id-Disgħa u Erbgħinijiet . . . 132
Analiżi Stilistika tal-Innu Popolari L-Imġarr Iben Marija . . . 138
Il-Kaċċa tal-Fenek mis-Seklu 16 sa Żmien l-Ingliżi . . . 141
Is-Sala Dun Edgar u l-Konkors Teatrali tal-Imġarr . . . 177
Dinja waħda iżda għal mitt bniedem hemm mitt fehma... . . . 183
Spoljazzjoni . . . 186
Philip Gatt (1927-1995) . . . 189
L-Iktar Ikla Importanti tal-Ġurnata.... . . . 196
Lista tar-Reklami . . . 200



Pubblikazzjoni tas-
**Soċjetà Filarmonika**
**"Marija Mtellgħa s-Sema",**
**tal-Imġarr A.D.2011**

Fl-okkażjoni tal-Festa Titulari
ta' Santa Marija, Awwissu 2023
www.bandamgarr.com
info@bandamgarr.com
VO/0577
VAT MT 2606 2606

Editur:
Joseph Caruana

Qari tal-provi:
Chris Giordano

Ġbir tar-reklami:
Joseph Caruana
Giovanni Gatt
Maria Vella
Martin Scerri

Ritratti:
Awturi tal-artikli
Arkivji
Joseph Caruana
Frederick Muscat
Clive Pace

Ħajr: Lill-Kumitat Eżekuttiv
tas-Soċjetà, lil dawk li ġabru
r-reklami, kontributuri tal-artikli,
u tar-ritratti, lid-ditti u lill-kumpaniji li
rreklamaw u lilkom li tapprezzaw
din il-pubblikazzjoni.



Ħadd ma jista' jikkopja jew juża parti
minn din il-pubblikazzjoni mingħajr
il-permess bil-miktub
tal-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà.

L-artikli kollha li qegħdin jiġu ppubblikati
f'dan il-ktieb huma propjetà tal-awturi
rispettivi. Is-Soċjetà Filarmonika "Marija
Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr, mhix
responsabbli mill-fehmiet imfissra fl-artikli
ppubblikati f'din il-ħarġa. Għalhekk kull
awtur huwa responsabbli ta' dak li jikteb.

Kull reklam li jidher f'din
il-pubblikazzjoni huwa donazzjoni
lis-Soċjetà Filarmonika
"Marija Mtellgħa S-Sema", tal-Imġarr.

Din il-pubblikazzjoni
qed titqassam bla ħlas.

Kull donazzjoni tiġi apprezzata.



Disinn: Massimo Schiavone

Stampat
**Best Print Co. Ltd, Qrendi**
**21649012, 99499084**




*Wara, mix-xellug: Christian Vella, Maria Vella, Angela Muscat u John BugejaQuddiem, Mix-xellug: Mark Edward Mifsud (kaxxier), Joseph Caruana (Segretarju Ġenerali), Dun George J. Schembri (Kappillan), Giovanni Gatt (President) u Colin Falzon (Viċi President)*

*Insert: Dr Sonia Consiglio u Sharon Azzopardi*



# Kumitat Eżekuttiv 2022-23

*Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", L-Imġarr A.D. 2011*

**Presidenti Onorarji**
It-Tabib Godfrey Farrugia
L-Onor. Dr. Ian Borg MP
L-Onor. Kav. Louis J. Vella MQR
Is-Sur Raymond Muscat BSc., EFIAP, FMPS
Is-Sur Michael Attard
Is-Sindku s-Sur Paul Vella
Is-Sur Paul Camilleri
Is-Sur Antoine Azzopardi
Is-Sur Giancarlo Sopetti
L-Onor. Dr. Alicia Bugeja Said MP
Is-Sur Charlie Polidano

**Membri Onorarji**
Is-Sur Nazju Schembri
Is-Sur Tony Vella
Is-Sinjura Doris Vella
L-Inġinier Mario Sammut

**Segretarju Ġenerali**
Is-Sur Joseph Caruana

**President**
Is-Sur Giovanni Gatt

**Kaxxier**
Is-Sur Mark Edward Mifsud ACCA, MIA

**Assistent Segretarja**
L-Avukata Dr Sonia Consiglio LL.D

**Viċi President**
Is-Sur Colin Falzon

**Assti. Kaxxiera**
Is-Sinjura Anġela Muscat
Is-Sinjura Maria Vella

**P.R.O**
Is-Sinjura Maria Vella

**Delegat Briju u Spettaklu**
Is-Sur Christian Vella

**Delegat tal-Banda**
Is-Sur Joseph Caruana

**Arkivista**
Is-Sur Joseph Caruana

**Membri**
Is-Sur John Bugeja
Is-Sinjura Sharon Azzopardi

**Rappreżentanti Għaqda Każini tal-Banda**
Is-Sur Joseph Caruana
Is-Sur Christian Vella

**Surmast Direttur u Għalliem tar-Ramm u Perkussjoni**
Mro Tancred Grech
FLCM, LLCM,
B.A(Hons)Music, PGCE

**Assistent Surmast**
Mro Mauro Spiteri
A(Mus) LCM., A.L.C.M.

**Għalliem Strumenti tal-Qasba**
Is-Sur Charlie Pace

**Għalliem tat-Teorija**
Mro Mauro Spiteri
A(Mus) LCM., A.L.C.M.

**Konsulenti Legali**
L-Avukat Noella Scriha LL.D
L-Avukat Dr Sonia Consiglio LL.D

**Għalliem Music Appreciation**
Mro Wayne Bartolo
Dip. ABRSM (Tuba), B.A. (Drumkit),
B.A. (Hons) in Tuba Performance;
MTL in Music Education

**Webmaster**
Is-Sur Joseph Caruana

**Direttur Spiritwali**
Il-Kappillan Dun George J. Schembri



# Il-Kollaborazzjoni ta' Bejnietna

**Paul Vella**
*Sindku*

Ħuti Mġarrin,

Waslet festa oħra u għal darb'oħra qed inwasslilkom dan il-messaġġ f'din l-okkażjoni hekk importanti għar-raħal tagħna. Żmien ċelebrattiv li fih ningħaqdu bħala komunità biex niċċelebraw festa kif jixraq lill-patruna tagħna Santa Marija.

Matul din is-sena l-kunsill lokali tal-Imġarr kompla jżid l-attivitajiet u għall-ewwel darba organizzajna L-Epifanija fl-Imġarr. Din kienet attività mifruxa fuq diversi ġranet. F'din l-attività ħadet sehem ukoll il-banda tal-lokal tagħna billi għamlet kunċert b'mużika adattata għal dan iż-żmien. Dan ma kienx l-uniku impenn tal-banda li sar b'kollaborazjoni mal-kunsill. Wara li fil-festa tas-sena li għaddiet tellajna flimkien programm ta' mużika leġġera lejlet il-festa, din is-sena qed nerġgħu nżommu dan l-appuntament, biex dejjem ngħinu u nkomplu nsebbħu l-festa tagħna. Wara nuqqas ta' sentejn minħabba l-pandemija tal-COVID-19 fi Frar li għadda rġajna tellajna s-serata Ġieħ l-Imġarr. Hawnhekk ukoll ħadet sehem il-banda tal-lokal. B'hekk din is-sena se nkunu tellajna flimkien mal-banda 3 kunċerti mużikali.

Il-kollaborazzjoni ta' bejnietna tmur lil hinn mis-servizzi mużikali. Kif dejjem għamilna, noffru sapport sħiħ lill-banda f'dak li hu tagħlim. Dan billi nagħtu l-post biex isiru l-lezzjonijiet tal-mużika regolari kull ġimgħa. Nagħtu wkoll l-għajnuna tagħna meta mitluba fl-attivitajiet li jorganizzaw, speċjalment fil-permessi u t-trasport.

Inkun ferm kuntent jekk nara iktar voluntiera jissieħbu fl-għaqdiet tal-lokal tagħna. Inħeġġeġ lir-residenti u l-familji ġodda li ġew jgħammru fostna biex ma joqogħdux lura u huma wkoll jissieħbu f'xi għaqda lokali. Dan ikun pass sabiħ u ta' sodisfazzjon.

F'isem sħabi l-kunsilliera u l-istaff tal-kunsill nawguralkom il-festa t-tajba.





# Banda ta' Suċċess

**Giovanni Gatt**
*President*

Il-banda tiġbed ħafna nies warajha. Din hi l-banda Mġarrija, il-banda tal-Imġarrin kollha. Il-banda timla l-festa.

Il-banda tar-raħal iddoqq b'xejn festa festa u anke tgħallem b'xejn lil ulied l-Imġarrin. Għal kollox trid il-flus, u aħna nibqgħu għaddejjin grazzi għad-donazzjonijiet tagħkom, li jagħtuna kuraġġ.Imġarrin, kienet il-banda tar-raħal li minn meta twaqqfet frankat ħafna flus lill-parroċċa. Komplu għinu l-banda. Fittxuna u ssibuna. Agħtu xi donazzjoni biex inkomplu nkabbru l-festa.

Festa bla banda? Il-banda timla l-festa. Imġarrin, grazzi talli kull meta ġejna għal xi ħaġa sibniekom warajna.

Din is-sena se nżanżnu statwa ġdida għall-festa. Kienu ilhom jgħiduli n-nies li għall-festa l-pjazza tkun vojta. Kien għalhekk li għamilna din l-istatwa, biex inkomplu nsebbħu l-pjazza ewlenija ta' raħalna.

Nirringrazzja lis-Segretarju Ġenerali s-Sur Joseph Caruana u lill-Viċi President Colin Falzon u sħabi tal-kumitat tal-għajnuna tagħhom. Nirringrazzja wkoll lis-Sindku u l-kunsilliera, il-Kappillan u l-kleru. Grazzi kbira lis-Surmast Direttur Tancred Grech, l-Assistent u l-għalliema tax-xogħol tagħhom biex jgħallmu lill-allievi tagħna.

Grazzi lill-poplu Mġarri u lill-benefatturi kollha ta' dak kollu li jagħmlu magħna.

Viva Santa Marija!



# FESTA 2023




1922 2022



# Festa Sabiħa

**Joseph Caruana**
*Segretarju Ġenerali*

Għeżież Imġarrin,

Reġa' wasal Awwissu, l-isbaħ żmien tas-sena għalina l-Imġarrin. Dan għaliex f'dan ix-xahar niċċelebraw il-festa tant għażiża għalina, ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema. Festa li filwaqt li ġġib mumenti ċelebrattivi u festivi għandhom ikunu żmien ta' għaqda u ferħ fil-parroċċa tagħna.

Bħala soċjetà mużikali din is-sena komplejna naħdmu biex inwettqu dak li ppjanajna. Din is-sena però kienet iebsa wisq f'dak li hu dħul finanzjarju. Dan għaliex fil-preżent m'għandniex post fejn norganizzaw attivitajiet soċjali. Dan qed jaffettwa bis-sħiħ l-introjtu tagħna u anke l-kuntatt soċjali. Inħoss li għadna ma rkuprajniex mill-effetti tal-pandemija. Nittama li ma ndumux ma nirkupraw, biex niżguraw li din l-għaqda tant għażiża għalina tibqa' sostenibbli.

Minkejja dawn l-isfidi komplejna ngħallmu l-mużika bla ħlas lil ulied l-Imġarr u b'sodisfazzjon kbir inħabbar li din is-sena se jingħaqad mal-banda mużiċist ġdid: Jake Camilleri bil-kurunetta. Minn qalbi u f'isem sħabi tal-kumitat nawguralu kull suċċess fil-karriera mużikali tiegħu. Il-banda tagħna daqqet f'diversi okkażjonijiet fir-raħal tagħna u anke ġiet mistiedna biex iddoqq fil-festa titulari ta' parroċċi oħra fil-gżejjer tagħna. Naturalment issa ħejjejna programm sħiħ kif jixraq għall-festa titulari ta' raħalna. Dan kollu jimliena b'kuraġġ għax juri li l-ħidma tagħna qed tagħti l-frott, u sodisfatti bil-kummenti sbieħ li nirċievu kull meta ddoqq il-banda tagħna.

Tul din is-sena komplejna u lestejna diversi proġetti li konna bdejna fis-snin li għaddew. Bosta minn dawn il-proġetti kienu ffinanzjati minn fondi tal-EU u oħrajn minn fondi lokali. Għalkemm dawn il-proġetti kienu ffinanzjati niżgurakom li dawn kienu impenjattivi ferm, għax biex tingħata l-fondi hemm proċess ta' għażla, proċess li jirrikjedi ħafna ħsieb u xogħol u preparamenti ta' proposti. Però sodisfatti għax is-Soċjetà tagħna ggwadanjat ħafna u kompliet iżżid l-assi tagħha. Fil-fatt tul din is-sena wettaqna proġetti ffinanzjati mill-Aġenzija Żgħażagħ u proġetti mill-fond Leader tal-UE. Ħadna wkoll fondi mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, billi ngħatajna proġett taħt l-iskema VOPS u gawdejna minn kofinanzjament ta' proġett tal-UE.

Il-qofol tal-ħidma tagħna din is-sena kien il-pedestall monumentali, il-bradella

u l-istatwa artistika ta' Santa Marija. Kif wegħedna, din is-sena fil-jum tal-aħħar jum tat-Tridu, nhar il-Ġimgħa, 18 t'Awwissu 2023, se nagħmlu festa kbira. Dan għaliex se nkunu qed ninawguraw statwa artistika ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema. Din l-istatwa, wara li titbierek, se tinġarr fit-toroq ewlenin tal-parroċċa b'dimostrazzjoni ċelebrattiva. Wara se tittella' fuq pedestall monumentali li se jkun armat f'nofs il-pjazza quddiem iz-zuntier tal-knisja. Għal dan il-jum ser inkunu wkoll qed inżanżnu bradella ġdida, li fuqha se tinġarr Santa Marija. Inħeġġeġ lil kull min jixtieq jerfa' f'din l-istatwa biex jikkuntattjana. Aħna se nagħtu ċans lil kulħadd. Dan il-proġett mhux se jkun lest mill-fażijiet kollha din is-sena. Dan minħabba l-ispiża finanzjarja kif ukoll minħabba li l-injam irid jimmatura qabel inkomplu x-xogħlijiet tal-pedestall. Ġeneralment proġetti bħal dawn jitlestew fuq medda ta' snin. Nippjanaw li kull sena nkomplu xi ħaġa, biex fl-aħħar jitlesta wkoll. Nappellalkom biex tagħtuna d-donazzjonijiet ħalli filwaqt li aħna nkunu nistgħu llestu din l-opra tal-arti, intom tkunu parti diretta f'din il-ħolma li qed issir realtà, u żgur li se tkun opra tal-arti li se tkompli żżewwaq il-pjazza maestuża li għandna quddiem it-tempju tant għażiż għalina, li missirijietna ddedikaw lis-Sultana tas-Sema.

Nistedinkom biex nhar il-Ġimgħa 18 t'Awwissu tiġu bi ħġarkom għal din il-festa sabiħa li se nagħmlu. Inħeġġiġkom biex tarmaw il-gallariji u l-faċċati ta' djarkom fit-toroq li minnhom se tgħaddi d-dimostrazzjoni, biex b'hekk nagħtu tislima xierqa lis-Sultana tas-Sema, Omm l-Imġarrin.

Nixtieq inżid mal-appell tiegħi billi nitlobkom tagħtuna s-sostenn u s-sapport tagħkom. Mingħajrkom ma nistgħu nagħmlu xejn. Nappella biex tieħdu ħsieb tixtru mingħand id-ditti li tawna sponsor. Ngħinu lil min jgħinna. Napprezza ferm li tattendu l-attivitajiet ta' fundraising li norganizzaw. Issa jmiss l-ikla l-kbira tal-festa. Din l-attività sabiħa li tgħaqqadna flimkien bħala familja tgħinna biex intaffu ftit mill-ispejjeż tal-festa. Minn qalbi nirringrazzjakom ukoll tad-donazzjonijiet li tagħtuna għall-ġid ta' din is-Soċjetà, li jissarrfu f'ġid komuni għar-raħlin tagħna. Kemm hu sabiħ li permezz tal-mużika u l-arti mużikali nkunu qed inbiegħdu lit-tfal u liż-żgħażagħ tagħna mill-vizzji koroh li hawn madwarna.

Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lil sħabi kollha tal-kumitat, lis-Surmast Direttur, l-Assistent u l-għalliema fi ħdan l-iskola tal-mużika tagħna, lis-Sindku u l-kunsilliera, lill-Kappillan u l-kleru kif ukoll lill-pulizija tal-ħidma tagħhom matul is-sena, l-iktar fi żmien il-festa titulari. Aħna flimkien tim wieħed, naħdmu għal għan wieħed, biex nagħmlu l-ġid lil raħalna u biex ikollna festa li tassew tixraq lil Ommna tas-Sema. Nagħmel kuraġġ lil dawk li minħabba ċirkustanzi diversi ma jistgħux jiċċelebraw il-festa magħna u nwegħduhom it-talb tagħna.

Jalla l-ferħ li ġġib il-festa jibqa' jgħammar f'qalbna s-sena kollha u ngħixu l-jiem tal-festa s-sena kollha.

Viva Santa Marija, Omm l-Imġarrin!

In-Nutar

# Dr Sam Abela



*jawgura kull suċċess*

*lis-Soċjetà Filarmonika*

*Marija Mtellgħa s-Sema*

*tal-Imġarr*

*u jitlob li ningħaqdu*

*u nagħtuha sapport tassew.*

**T: 2145 4008**
**M: 9948 6565**
**E: sam@samabela.com**
**A: 13, Wesgħat il-Ġublew, Mġarr**
**4, Museum Road, Rabat**




**Nawgura l-Festa t-Tajba lill-Imġarrin kollha**

info@aliciabugejasaid.mt +356 99857268



# Inħeġġeġ lill-Imġarrin

**Mark Edward Mifsud**
*Kaxxier*

Nixtieq nibda dan il-messaġġ billi nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat tal-opportunità li tawni u tax-xogħol li jagħmlu matul is-sena.Waslet festa oħra, u bħas-soltu aħna tal-kumitat ħdimna qatigħ biex intellgħu festa kif jixraq lil Santa Marija. Din is-sena iktar speċjali mis-snin ta' qabel, għaliex bħala kumitat tal-banda nedejna statwa ġdida.M'għandniex xi ngħidu, din iġġib magħha sfidi ġodda. Sfidi finanzjarji u sfidi loġistiċi, fost l-oħrajn. Impenn sħiħ mill-kumitat kollu biex din titlesta fil-ħin għall-festa tagħna. Nixtieq naħtaf din l-opportunità biex inħeġġeġ lill-Imġarrin jagħmlu xi donazzjonijiet lill-banda, biex intaffu l-ispejjeż, u nħeġġiġkom tirrikorru bi ħġarkom għall-attivitajiet li norganizzaw matul is-sena. L-attivitajiet jirrikjedu impenn sħiħ bħala kumitat, u l-għan tagħna huwa li naraw Mġarr magħqud u jieħu pjaċir b'dak li aħna nippreparaw.Nistgħu ngħidu li għalkemm kellna dawn l-isfidi ġodda, kienet sena pożittiva ħafna, u bis-saħħa ta' kull membru tal-kumitat qegħdin hawn, biex nerġgħu nagħtu ġieħ lil Santa Marija u lill-Imġarr.

Dawk in-nies li jixtiequ jingħaqdu magħna fuq livell ta' kumitat nitlobhom ikellmu lis-Segretarju s-Sur Joseph Caruana jew lil xi membru ieħor tal-kumitat. Biex il-banda tkun tista' topera, toffri tagħlim b'xejn u l-briju fil-festa, fost ħafna attivitajiet oħra, għandha bżonn il-finanzi biex ittaffi l-ispejjeż. Għalhekk nitlobkom tagħtu donazzjoni lill-banda tal-festa tant għażiża għalina. Min jixtieq jagħmel dan, javviċina lili jew lil xi membru ieħor tal-kumitat.

Viva Santa Marija!

*Stitch by Stitch*

*Fr. Edgar Street, Mġarr*
*Mob: 9989 1105*
**Outerwear, Underwear, Footwear, Accessories,**
**Household Goods & Home Furnishings.**



# Dinamika Ġdida

**Colin Falzon**
*Viċi President*

Ħuti Mġarrin,

Wasal Awwissu u reġgħet waslet il-festa. Żmien tant għażiż għalina l-Imġarrin, li fif niċċelebraw flimkien it-tlugħ ta' Ommna Marija fis-sema.Din is-sena ffokajna fuq il-proġett tal-pedestall u l-istatwa tad-dimostrazzjoni. Proġett ambizzjuż u impenjattiv li se jitlesta fuq perjodu ta' żmien. Dan qed isir biex filwaqt li nkabbru l-festa, inżidu l-briju fil-marċi tagħna u fl-istess waqt insebbħu l-pjazza maestuża li għandna aħna l-Imġarrin.

Din is-sena se nkunu qed inlestu l-istatwa artistika ta' Santa Marija u anke l-ewwel fażi tal-pedestall monumentali. Il-qofol u l-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett se jkunu nhar il-Ġimgħa, 18 t'Awwissu 2023, l-aħħar jum tat-Tridu. Din is-sena dan il-jum għandu jkun mistenni iktar mis-soltu, għax permezz ta' dan il-proġett se nkunu qed nagħtu dinamika ġdida kif niċċelebraw l-aħħar jum tat-Tridu.

Inħeġġiġkom biex tingħaqdu magħna ħalli flimkien nagħmlu festa xierqa lill-patruna tagħna. Irridu li  l-jum tat-18 t'Awwissu 2023 jibqa' mfakkar u mniżżel fl-istorja tas-Soċjetà tagħna bħala jum speċjali.

Minn qalbi nawguralkom il-festa t-tajba.

Viva Santa Marija!


**M.A.V. SUPPLIES**

**Shop 5, Triq Magħkuba, Mġarr**
**Tel: 2157 4794**


Andrew Schembri
Floor Tile Polisher
M: 99875104

# L-Ikla l-Kbira tal-Festa

*B'risq l-ispejjeż tal-Banda fil-Festa*

**OPEN AIR FIT-TRIQ TA' MAĠENB IL-KNISJA, MĠARR**

**NHAR IS-SIBT, 12 TA' AWWISSU 2023**

**MIT-8.00 PM 'L QUDDIEM**

**Għall-Kbar:**
Ftira Maltija + Timpana + Għażla bejn Ribeye jew Chicken Breast + Kontorni u Deżerta
**Prezz:** Chicken €22, Ribeye €25



**Għat-Tfal:**
Ftira Maltija + Beef Burger + Insalata + Chips + Deżerta
**Prezz:** €12 (+ Timpana: €15)

**Bookings u dettalji:**

**79391306, 99265409**




**Mistiedna speċjali:**
**Kathy the Violinist u DJ Nadine**

# L-Ispirtu ta' Marija



**Dun George J Schembri**
*Kappillan u Direttur Spiritwali*

Kull darba li tiġi l-festa ta' raħalna nistħajjel lil Marija, b'dik il-ħarsa serena, tagħmel din il-mistoqsija lili personali u lill-komunità tagħna: Int/Intom kuntenti? Din hija mistoqsija fundamentali li rridu nagħmlu lilna nfusna u rridu nsibu r-risposta sinċiera għaliha. Hawn ħafna sabiħ madwarna li jwassalna għall-kuntentizza; daqstant ieħor hemm diversi fatturi li qegħdin jieħdu minn qalbna l-ferħ ġenwin li għalih konna maħluqa. Aħna li qed nagħmlu festa Nisranija, irridu nżidu mistoqsija oħra: Tgħid Ġesù u Marija huma kuntenti bina?

Bħala bnedmin li ngħixu f'dinja ta' stress, ġirja sfrenata biex inlaħħqu ma' kollox, niskopru li hemm fatturi ġo fina li jfixkluna mill-kuntentizza tal-qalb. Qed jiġrilna li qed noħolqu ambjenti fejn ma nkunux verament sereni. Diversi kwistjonijiet li jkollna bejnietna, diversi intoppi li jinqagħlu fil-familja jew fost sħabna, għandhom għeruqhom fl-aljenazzjoni kbira li kapaċi nidħlu fiha u ma nindunawx. Dan kollu jrid iġagħalna nirriflettu imma nagħmlu għażliet ta' kif inkunu bnedmin kuntenti.

Wasalna għal sena oħra biex nagħmlu festa lil Santa Marija, Assunta. Permezz tagħha rridu nieqfu naraw ftit għalfejn din il-festa ssir, filwaqt li nikkumparaw il-kuntentizza tagħna ma' dik ta' Marija. Mill-Evanġelju (Lq. 1:39-56) ta' jum il-festa ta' Santa Marija nixtieq nieħu xi punti biex tabilħaqq ngħixu ta' bnedmin, Insara kuntenti.

L-Evanġelju jibda bil-kelmiet "F'dawk il-ġranet". Liema huma dawn il-ġranet? San Luqa, l-awtur tal-Evanġelju, jagħtina rakkont ieħor qabel dan, li huwa t-tħabbira lil Marija, li tisma' lil Alla jkellimha permezz tal-anġlu. Dan kien l-ewwel mument li jurina l-kuntentizza ta' Marija. Marija li saret omm Ġesù imma qabel kollox, qabel ma ġarritu f'ġufha, hija ġġorr f'qalbha u f'moħħha lil Alla, għax kienet tħobbu u għalhekk kienet kapaċi tisimgħu. Aħna qed infittxu li bħal Marija nġorru f'qalbna u f'moħħna lil Alla? Irridu nammettu li l-veru ferħ tal-ħajja jiġi biss minn Alla, li jgħinna nagħmlu għażliet tajba.

L-Evanġelju ta' nhar il-festa tal-Assunta jkompli jgħidilna dak li għamlet Marija: "Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet." Il-kelma qamet hija kelma importanti fl-Evanġelju. Hija kelma li mhux biss tintuża hawn, imma hija referenza għal Kristu li jqum mill-mewt. Fil-lingwa oriġinali tal-evanġelju l-kelma hija anastase – irxoxta. Dan kollu jfisser li meta Marija għamlet tagħha l-Kelma

ta' Alla, f'moħħha, f'qalbha u f'ġufha ma baqgħetx tħares lejn il-ħajja bl-istess mod… imma l-ħajja ħarset lejha mill-lenti ta' qawmien ġdid. Marija ma bnietx ħajjitha fuq stress, inkwiet u problemi. Imma kellha l-qawwa li tqum… tirxoxta, tant li mill-bidu ta' ħajjitha bdiet tielgħa lejn is-sema.

Għeżież ħbieb, nixtieq ħafna li bħala komunità jkollna dan l-ispirtu ta' Marija, li fuq kollox huwa l-ispirtu ta' Kristu Rxoxt. Irridu nġorru magħna l-Kelma ta' Alla biex tħeġġeġ fina dan l-ispirtu. Il-vera kuntentizza tinsab fl-għajxien tal-istess Kelma, li mhix sett ta' regoli imma attitudni ħajja ta' kif inkun bniedem kuntent. Is-sejħa tagħna hija sejħa li niddefendu l-kuntentizza tal-qalb, l-istess post li fih Alla jixtieq jgħammar. Jalla l-festa ta' Santa Marija tlaqqagħna mal-mistoqsija: Jien kuntent? U fil-fond ta' qalbi, b'qalb sinċiera, nirrispondi għaliha billi nħalli l-kelma ta' Alla tiggwidani. Festa Nisranija trid tkun festa mimlija bl-esperjenza ta' Alla. Sbieħ huma t-tradizzjonijiet tal-festi tagħna, imma isbaħ huwa l-mument li fihom jien inqum mill-ġdid, bħal Marija, u nersaq lejn Alla permezz tal-qrar, tal-Kelma ta' Alla u tal-Ewkaristija.

Treecake
Confectionery

**Caterers for all Occasions**
Jesmond Cauchi – Managing Director

Independence Avenue,
Mosta - Malta
Tel: 2143 2859
Mob: 9946 4060

# Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema






Deputat Parlamentari


Mgarr Band (mobile app)
Mgarr Band is a multiplatform app built with by PrettyNeat
Mġarr Goes Mobile
My Events
Invitations
Past Events
Declined
L-Ewwel u l-Unika Banda li għandha l-App tagħha
Welcome to Mgarr Band
Email*
Password*
Forgot Password
Niżżel u installa din l-app bla ħlas mill-Google Play Store jew l-App Store.
Irreġistra bħala musician jekk tixtieq iddoqq mal-banda tagħna, jew bħala civilian jekk trid tirċievi tagħrif dwar l-avvenimenti tagħna.


D Farm
Fruit & Veg
Triq Għajn Tiffieħa, c/w Triq Skorba, Żebbiegħ L/O l-Imġarr
Mob: 9985 8835
Opens daily 8am - 8pm



# L-Importanza u s-sehem tal-għaqdiet tal-baned f'pajjiżna

**Tancred Grech**
*FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE*
*Surmast Direttur*

Il-festa ta' Marija Santissima Mtellgħa s-Sema, jew kif jafuha ħafna Santa Marija, hija wisq għal qalb il-Maltin kollha, anke għaliex matul is-snin naqqxet ġrajjiet tant importanti fl-istorja ta' pajjiżna. Mhux b'inqas fil-parroċċa tagħna fl-Imġarr. Il-poplu Mġarri matul is-snin dejjem ta ġieħ lil Marija Santissima u bl-akbar qima ċċelebra din il-festa tant mistennija.F'dan l-messaġġ nixtieq insellem u nitkellem ftit fuq l-importanza u s-sehem tal-għaqdiet tal-baned f'pajjiżna. Sfortunatament mhux kulħadd jagħraf is-sbuħija u japprezza x-xogħol, ħafna drabi volontarju, ta' tant nies li għandhom ir-raħal u l-banda f'qalbhom. Qabelxejn l-għaqdiet tal-baned lokali huma parti integrali mill-kultura tagħna Maltija. Matul is-snin taw servizz tant sabiħ u meħtieġ lill-komunitajiet tagħna. Ferrħu u allegraw tant devoti filwaqt li esprimew ir-rispett b'marċi anqas allegri f'waqtiet ta' niket. Dawn l-għaqdiet huma mmexxijin u organizzati minn persuni li għandhom interess u jiddedikaw ħafna minn ħinhom għall-mużika. Huma msejħa "l-qbejża tal-komunità" għax huma involuti f'ħafna attivitajiet fiż-żona ta' fejn jinsabu u jiftħu t-triq lill-individwu għat-tagħlim ta' bosta oqsma differenti.L-għaqdiet bandistiċi huma wkoll importanti biex jgħinu lill-ġenerazzjonijiet tat-tfal jitgħallmu jużaw moħħhom u jaħsbu b'mod differenti mis-soltu. Il-mużika hi parti integrali mill-kultura tagħna Maltija. It-tifsira tal-identità Maltija hija kwistjoni ta' ħafna aspetti li jinkludu s-sens tal-mużika Maltija, bħal xi marċi, kwadri, sinfoniji u poeżiji li jispiċċaw f'kull attività Maltija li tibda mill-festa tal-Vitorja. Matul is-snin twieldu ħafna marċi komposti minn artisti Maltin u ġew rikonoxxuti bħala parti mill-identità tagħna.It-tagħlim tal-mużika minn ħafna għaqdiet tal-baned ħafna drabi jinqasam f'żewġ livelli: it-tagħlim tal-mużika għat-tfal, li tkun waħda bażika, u t-tagħlim tal-mużika għall-adulti, li twassal sabiex l-istudent ikun aktar professjonali u anke jkun beda jagħmel xi eżamijiet tal-mużika. Għaldaqstant joffru l-opportunità biex lit-tfal nagħtuhom l-ewwel togħmiet ta' mużika filwaqt li l-adolexxenti u l-adulti jkomplu jitgħallmu l-mużika, u biex ikomplu jkunu parti mill-komunità tagħhom.L-għaqdiet tal-banda jgħinu wkoll biex jintegraw lill-ħbieb u l-familji fl-attivitajiet tagħhom, biex jgħinu lill-ġenerazzjonijiet tat-tfal u l-adolexxenti jiżviluppaw kompetenzi soċjali u kreattivi importanti. Matul il-lezzjonijiet tal-mużika u l-prattika l-istudenti jiksbu l-opportunità li jaħsbu bħala grupp, jaħdmu flimkien u jikkomunikaw mal-ħbieb tagħhom. Dawn l-affarijiet

huma importanti għax joffru ċ-ċans biex il-ġenerazzjonijiet li ġejjin ikomplu jippreżentaw u jidħlu f'dawn l-għaqdiet bħala membri attivi. Dawn l-għaqdiet jgħinu wkoll fl-aspett soċjali billi jintegraw il-familji. Il-ġenituri huma mħeġġa jappoġġjaw u jippreżentaw lil uliedhom f'attivitajiet u esibizzjonijiet pubbliċi u b'hekk jitħeġġu jipparteċipaw attivament. L-għaqdiet joffru spazju fejn jistgħu jinbiegħu l-esperjenzi u jiġu ppreżentati t-talenti tagħhom f'attivitajiet pubbliċi bħall-festi, il-kunċerti u l-iżvilupp ta' marċi spettakolari.F'din id-dinja moderna, fejn l-attenzjoni hija miftuħa għal diversi affarijiet li jistgħu jfixklu t-tagħlim u l-edukazzjoni tal-ulied, l-għaqdiet joffru opportunitajiet prattiċi li jgħinu lit-tfal u l-adolexxenti jibqgħu ffukati u jgħinu fl-attività li tipprovdi wirt mużikali. Għaldaqstant huwa essenzjali li nilħqu l-ħtiġijiet u x-xewqat tal-ġenerazzjonijiet futuri tagħna billi nipproteġu u nippromwovu l-għaqdiet tal-każini tal-baned u l-mużika tagħhom. B'mod kollettiv għandna nużaw il-mużika bħala mezz ta' espressjoni, ta' edukazzjoni u ta' bini soċjali li jibqa' jisfrutta, jinħoloq u jinfetaħ għal dinja li toffri esperjenza profonda, kulturalment rikka u għaqlija.

Nieħu din l-okkażjoni biex nifraħ lil Jake Camilleri, li din is-sena se jingħaqad magħna bħala bandist tal-post. Grazzi u prosit, Jake! Inħeġġeġ aktar studenti biex jersqu lejn l-għaqda tagħna u jibdew jitgħallmu l-mużika.Nirringrazzja minn qalbi lil dawk kollha li b'xi mod jgħinu sabiex din is-Soċjetà tkompli tikber. Grazzi kbira tmur lis-Segretarju, is-Sur Joseph Caruana, li għandu għal qalbu ħafna din is-Soċjetà u li tant jaħdem biex jaraha tikber u timxi 'l quddiem. Grazzi kbira oħra tmur ukoll lill-kumitat ċentrali kollu, tal-għajnuna u l-koperazzjoni li dejjem sibt mingħandhom. Nirringrazzja wkoll lill-Assistent Surmast Mro Mauro Spiteri, lill-għalliem is-Sur Charles Pace u lill-familja tiegħi – Katya, Ema u Matthias – tas-sapport kontinwu li nsib mingħandhom. Fl-aħħar imma mhux l-inqas nirringrazzja lill-istudenti u l-bandisti li qed jistudjaw mas-Soċjetà. Dawn kollha jagħmluna kburin! Nixtieq nawgura lill-poplu Mġarri kollu l-festa t-tajba u jalla jkollna festa sabiħa kif jixraq li jkollha Ommna Marija Mtellgħa s-Sema.Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema!

***It-tagħlim tal-mużika jkattar il-kultura.***

***Għalhekk ħajjar lil uliedek jitgħallmu strument mal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr.***

***Għal aktar dettalji kkuntattjana fl-indirizz elettroniku info@bandamgarr.com jew ibgħat messaġġ bil-WhatsApp lin-numru 79674678.***

# WHERE EXPERIENCE MEETS INNOVATION

**Framegrip**












**(+356) 2141 9797 • MOSTA ROAD, LIJA, LJA9010, MALTA • WWW.FRAMEGRIP.COM**




Minn qalbi nawgura
l-festa t-tajba lil kulħadd
filwaqt li nixtieq
iktar suċċessi
lis-Soċjeta' Filarmonika
Marija Mtellgħa s-Sema

**Dr. Sonia Consiglio**
Avukat u
Konsulent Legali

Uffiċċini 12, Triq ix-Xagħra tal-Knisja, Mgarr - MGR 1424
92, Triq il-Ferrovija l-Qadima, St. Venera - SVR 9015
Mobile 9940 6207
Email avukat.consiglio@gmail.com

# *Innijiet u marċi proċessjonali li se jindaqqu mill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema fil-festa ta' Santa Marija 2023*

| | |
|---|---|
| Innu tal-banda - **Marija Mtellgħa s-Sema** | Mużika: Mario Testa<br>Lirika: Kav. Ġorġ Bianchi |
| Innu popolari - **Infaħħruk Dejjem** | Mużika: Tancred Grech<br>Lirika: Joseph Caruana |
| Innu popolari - **L-Imġarr Iben Marija** | Mużika: Vincenzo Ciappara<br>Lirika: Ġanni Cilia |
| Innu marċ - **Sultana tal-Imġarr** | Mużika: Tancred Grech<br>Lirika: Joe Julian Farrugia |
| Innu marċ - **F'Jum il-Festa** | Mużika: Mary Cauchi<br>Arr. Victor Zammit<br>Lirika: Joe Sammut |
| Innu popolari - **Xbieha Ħelwa** | Mużika: Chris Sciberras<br>Lirika: Joseph Caruana |
| **Auxilium Christianorum** | Neville Pace |
| **Marcia Processionale N. 1** | Ray Sciberras |
| **Marcia Processionale N. 2** | Ray Sciberras |
| **Marija Omm l-Imġarrin** | Ray Sciberras |
| **Regina del Cielo** | Ray Sciberras |
| **Sultana tas-Sema** | Andrew Calleja |
| **Warda tal-Imġarr** | Daniel Vella |
| **L-Assunta** | Alex Caruana<br>Arr. Simon Farrugia |
| **In Assumptione Beatae Mariae Virginis** | Adrian Sciberras |
| **Sultana tal-Ħolqien Kollu** | Tano Monseigneur |
| **Bl-Imħabba Tiegħek, Marija** | Tanya Schembri |
| **Assumpta Est Maria** | Luke Vella |
| **Lill-Patruna tal-Imġarrin** | Chris Sciberras |
| **F'Dik Ħarstek Ħanina** | Arr. Ray Sciberras |
| **Fil-Ħlewwa ta' Mejju** | Arr. Ray Sciberras |
| **Fis-Santwarju tal-Madonna** | Arr. Ronnie Debattista |
| **Innu ta' Fatima** | Arr. Ray Sciberras |
| **Ismagħha l-Għanja** | Arr. Ronnie Debattista |
| **Lil Marija Reġina** | Arr. Ray Sciberras |
| **Madonna Sbejħa Tagħna** | Arr. Ray Sciberras |
| **O, Kemm Nixtieq Naraha!** | Arr. Ronnie Debattista |
| **Angelus** | Arr. Ray Sciberras |
| **Ave Maria** | Arr. Ronnie Debattista |

# *Marċi brijużi li se jindaqqu mill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema fil-festa ta' Santa Marija 2023*

| | |
|---|---|
| **Karl** | Tancred Grech |
| **Martina** | Mauro Spiteri |
| **Stella Blu** | Wayne Bartolo |
| **Suona la Fanfarra** | Willie Attard |
| **10 Snin Anniversarju** | Chris Sciberras |
| **Mgarrio** | Daniel Vella |
| **Un Danse Orientale** | Luke Vella |
| **Tal-Lumu** | Hertian Gauci |
| **Maria Assunta** | Christopher Tanti |
| **Caserta** | Shaun Mifsud |
| **Leah u Jake** | Joe Miceli |
| **Binġemma** | Andrew Calleja |
| **Sharon** | Tancred Grech |
| **Taħbit ta' Qalbi** | Tanya Schembri |
| **Queen of Queens** | Andrew Coleiro |
| **Xibi l-Pa** | Ray Sciberras |
| **Valley of Roses** | Charles Zammit |
| **Millennium** | Andrew Coleiro |
| **Nigel** | Mario Testa |
| **Victory** | Vincenzo Ciappara |
| **Leona** | David Caruana |
| **Il-Bożen** | Maġ. Anthony Aquilina |
| **Santos** | David Agius |
| **Coronation** | Joseph Azzopardi |
| **Sorrento** | Orazio Cachia |
| **The King** | Archibald Mizzi |
| **Kummissjoni Banda** | Ray Sciberras |
| **Moenchengladbach** | David Caruana |
| **Fiesta** | Maġ. Anthony Aquilina |
| **Giovanni l-President** | John David Zammit |
| **Antoine ċ-Ċavett** | Elton Lee Abela |
| **Lorenza** | Hector Dalli |
| **Golden Jubilee** | Emanuel Bugeja |
| **Coronation** | Luigi Bongailas |
| **Benjamin** | Emanuel Bugeja |
| **Marċi u Bandalori** | Anthony Camilleri |
| **Los Reyes** | Carmel Borg |
| **100 Sena Fostna** | Joseph Galea |
| **Agrigento** | Andrew Coleiro |

***Surmast Direttur***
***Mro Tancred Grech FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE***


Avukat Muscat
L-Avukat u Konsulent Legali
DR. BRANDON KIRK MUSCAT LL.D.
jawgura l-festa t-tajba lill-Imġarrin kollha!
46, Triq Ġużepp Xuereb, Swatar, Birkirkara
2144 8658
7944 8658
www.avukatmuscat.com
dr.muscat@avukatmuscat.com

# CDs li kulhadd għandu jkollu kopja tagħhom!!




## 10 Snin Impenn Mużikali
## 2011 - 2021

## IN MANUS TUAS

Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, l-Imġarr AD 2011

**Sett tal-Marċi Funebri 2022 fuq USB jew CD doppja**




Prezz: USB €15

CD Doppja €15

Offerta Speċjali
USB + CD Doppja €25



## Marċi Proċessjonali
## 2022




Marċi Proċessjonali

| | | |
|---|---|---|
| Marija Omm l-Imġarrin | *Ray Sciberras* | 07:08 |
| In Assumptione Beatae Mariae Virginis | *Adrian Sciberras* | 05:34 |
| Auxilium Christianorum | *Neville Pace* | 05:51 |
| Sultana tal-Ħolqien Kollu | *Tano Monseigneur* | 05:13 |
| Bl-Imħabba Tiegħek, Marija | *Tanya Schembri* | 06:33 |
| L-Assunta | *Alexander Caruana arr. Simon Farrugia* | 07:29 |
| Assumpta Est Maria | *Luke Vella* | 09:06 |
| Sultana tas-Sema | *Andrew Calleja* | 04:50 |
| Warda tal-Imġarr | *Daniel Vella* | 06:28 |
| Regina del Cielo | *Ray Sciberras* | 04:54 |
| Lill-Patruna tal-Imġarrin | *Chris Sciberras* | 03:26 |

**Biex tirriserva jew takkwista kopja ikkuntattjana fuq mgarrband2011@gmail.com jew fuq 79674678**

# Ir-Rużarju

Fr David Muscat

Kull fejn dehret il-Madonna, minn La Salette 'l hawn, hija dejjem saħqet fuq it-talb tar-rużarju. Dan għamlitu mhux biss billi tkellmet dwaru imma wkoll billi dehret b'kuruna tar-rużarju f'idha u kienet titolbu mal-veġġenti li kienu jarawha.



*Id-dehra tal-Madonna f'La Salette*

F'dehra minnhom f'Lourdes Bernardette darba minnhom ħadet magħha kuruna tar-rużarju sabiħa bil-perli u mhux dik tagħha fqira tas-soltu. Din kienet mogħtija lit-tifla minn mara oħra, li riedet tkun quddiem il-Verġni Mbierka b'kuruna diċenti. Is-Sinjura s-Sabiħa qaltilha biex titlob bil-kuruna tagħha tas-soltu, jiġifieri dik personali tagħha, u Bernardette hekk għamlet. Minn dan għandna tagħlima. Ir-rużarju hu talba personali li ddaħħlek f'għaqda ta' mħabba, bħal ta' ħbieb ta' ġewwa li magħhom taqsam kollox.



*Il-Madonna ta' Lourdes waqt waħda mid-dehriet li dehret lil Santa Bernardina*

Hawn min idarrsu r-rużarju u jgħidlek li mhuwiex biss talba esaġerazzjoni ta' tifħir lill-Madonna imma l-forma tiegħu hi kkundannata minn Ġesù nnifsu meta qal: "Meta titolbu toqogħdux tlabalbu bħall-pagani, għax dawn iktar kemm jgħidu iktar mingħalihom li se jinstemgħu." Fil-vera verità, min jgħid hekk jinsa twissijiet oħra ta' Ġesù, fejn iktar minn darba jinsisti fuq "it-talb bla waqfien" u saħansitra darba minnhom iqabbel it-talb mal-insistenzi fitti ta' waħda armla fitta li riedet ġustizzja minn imħallef li ma riedx jikkalkulaha.Tabilħaqq Ġesù ma jinsistix fuq il-kwalità tat-talb imma fuq il-kwantità tat-talb. Tidher stramba, din, imma hekk hu. Iħeġġeġ dwar it-talb bla waqfien ukoll l-Appostlu Missierna San Pawl, meta jirrepeti: "Itolbu bla waqfien" (Rumani 12, 12).




*Il-misteri tar-rużarju*

Ir-rużarju mal-ewwel daqqa t'għajn taħsbu xi talba Marjana. Fil-verità m'hemmx talba iktar Kristoloġika mir-rużarju, minkejja dawk l-Ave Marijiet kollha! Il-misteri kollha tar-rużarju, jiġifieri tal-Ferħ, tad-Dawl, tat-Tbatija u tal-Glorja, huma kollha kemm huma mumenti tal-ħajja ta' Kristu jew fejn hu involut Hu f'ħaddieħor. L-ewwel misteru tal-Ferħ hu l-inkarnazzjoni tiegħu, it-tieni meta bih f'ġufha ommu tiltaqa' ma' Eliżabetta ġġorr lil San Ġwann il-Battista, it-tielet it-twelid tiegħu, u nistgħu nibqgħu sejrin hekk il-misteri kollha tar-rużarju. M'hemmx misteru wieħed li mhux imdaħħal fih Kristu. Anke l-aħħar żewġ misteri tal-Glorja, li mal-ewwel daqqa t'għajn taħsibhom dwar il-Madonna, fil-fatt huma azzjonijiet ta' Ġesù Kristu.

Ir-raba' misteru tal-Glorja hu meta Sidtna Marija ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Dan il-misteru hu li Ġesù bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu ħeles il-ġisem ta' Marija min-nuqqas ta' taħsir u tellgħu s-sema quddiem il-Missier. Il-ħames misteru, meta Sidtna Marija ġiet inkurunata sultana tas-sema u tal-art mit-Trinità Mqaddsa u mgħollija fuq il-kori kollha tal-anġli, hu wkoll misteru li jinvolvi lil Kristu. Dan hu li Ġesù bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu inkuruna quddiem il-Missier lil Ommu u gglorifikaha saħansitra quddiem l-anġli kollha.



Dwar dan l-aħħar misteru ta' min iżid kemm hi importanti l-meditazzjoni li għollieha fuq il-kori kollha tal-anġli. Xi tfisser din? Dan ifisser li l-Madonna tant hi b'saħħitha li l-anġli fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art ikollhom jirrikonoxxuha bħala s-sultana tagħhom. Saħansitra x-xjaten li jobogħduha jkollhom jammettu li hi sultana tagħhom, fis-sens li jkollhom jobduha allavolja jobogħduha.

Għalhekk, ħabib, fittex aqbad dik il-kuruna tar-rużarju u itlob din it-talba għażiża. Jekk hi fqira bħal ta' Bernardette, ma jimpurtax. Itlob ir-rużarju kollu kemm hu, minn tal-Ferħ sa tal-Glorja, kuljum. Tibżax, issib ħin, u mbagħad kollox joqgħod f'postu f'ħajtek.


Il-President is-**Sur Giovanni Gatt**
jawgura kull suċċess
lill-Banda
**“Marija Mtellgħa s-Sema”**
u jwiegħed
lill-Imġarrin l-appoġġ
sħiħ tiegħu biex tissokta
tikber u tissaħħaħ.
Viva l-Banda
**“Marija Mtellgħa s-Sema”**,
tal-Imġarr

# L-aħħar Jum tat-Tridu

## Il-Ġimgħa, 18 ta' Awwissu 2023

## Dimostrazzjoni bl-istatwa l-gdida ta' Santa Marija u Spettaklu

**8.30 pm** Inawgurazzjoni u tberik tal-istatwa l-ġdida ta' Santa Marija

**8.45 pm** Dimostrazzjoni fit-toroq ewlenin bl-istatwa ta' Santa Marija, bis-sehem tal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr



## Spettaklu f'Wesgħat il-Ġublew

*Fl-isfond tad-daqq tal-innijiet, isegwi t-tlugħ tal-istatwa ta' Santa Marija fuq il-pedestall.*

*Jieħdu sehem Michaela Galea u l-Maltebrass.*

*Ikun hemm il-ħruq tan-nar tal-ajru tul is-serata, maħdum mill-kamra tan-nar Santa Marija tal-Imġarr.*

Statwa Banda Feature Nar Dwal





# Bejn Festa u Oħra

Joseph Caruana

Waslet festa oħra u jien erġajt se nżomm l-appuntament tiegħi f'din il-pubblikazzjoni annwali. Dan billi kif għamilt ta' kull sena, permezz ta' din il-kitba msejħa "Bejn Festa u Oħra" nwasslilkom il-mumenti li għexna flimkien f'dawn l-aħħar xhur, biex b'hekk pass pass nibqgħu nfakkru l-istorja ta' din l-għaqda tant għażiża għalina l-Imġarrin. "Bejn Festa u Oħra" djarju tal-attivitajiet u l-impenji tal-għaqda tagħna, naturalment dawk l-iktar importanti u li ħallew impatt.

Wara nuqqas ta' sentejn il-banda tagħna, flimkien mal-poplu Mġarri u dawk li ġew iżuruna, iċċelebrat festa xierqa lill-patruna tagħna Santa Marija. Għal din l-okkażjoni tħejja programm estensiv ta' attivitajiet. Minbarra attivitajiet soċjali l-banda kellha diversi impenji mużikali, li komplew jgħollu isem il-banda tal-għaqda tagħna. Il-banda bdiet is-servizzi mużikali tagħha billi nhar it-Tlieta, 16 ta' Awwissu 2022 esegwiet programm vokali u strumentali fuq il-planċier. Flimkien mal-banda ħa sehem it-Tenur Georg Zammit. Il-banda kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Tancred Grech.

Waqt dan il-programm mużikali ngħataw premjijiet lir-rebbieħa tal-konkors tal-marċi proċessjonali. Ingħatat ukoll tifkira lill-kompożituri li rregalaw xogħol għal din is-CD kif ukoll lill-judges tal-konkors tal-marċi proċessjonali. Waqt dan il-programm saru bosta preżentazzjonijiet, fosthom standard bix-xbieha tal-vara titulari, xogħol l-artist George James Cutajar Zahra. Dan ġie ppreżentat mill-membri tal-kumitat eżekuttiv. Waqt importanti waqt dan il-programm kien it-tnedija tal-mobile app tas-Soċjetà. B'hekk l-għaqda tagħna saret l-ewwel u l-unika għaqda mużikali li għandha mobile app. Għodda ferm utli, l-iktar fis-sejħa għall-mużiċisti waqt is-servizzi mużikali. Mument ieħor importanti kien l-inawgurazzjoni u t-tberik tat-tubular bells. Dawn huma l-ewwel xorta tagħhom fil-gżejjer Maltin. Fil-fatt huma uniċi u nħadmu apposta għalina.



*Il-Kappillan Dun George J. Schembri jbierek il-qniepen uniċi*

Dawn iż-żewġ proġetti, il-mobile app u l-qniepen, ġew iffinanzjati minn fondi Ewropej taħt l-isem Leader, u l-għaqda bbenefikat ukoll minn kofinanzjament mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat.

Il-Ġimgħa, 19 t'Awwissu 2022 imbagħad il-banda għamlet il-marċ popolari tal-aħħar jum tat-tridu. Wara segwa spettaklu awdjoviżiv f'Wesgħat il-Ġublew. Waqt dan is-servizz il-banda ġiet ippreżentata bil-marċ *Jonathan*.



*Il-bandist Għawdxi Jonathan Vella jippreżenta lis-Soċjetà l-marċ brijuż Jonathan*

Lejlet il-festa jien kont mistieden mill-preżentatur Julian Borg biex nagħti tagħrif dwar il-banda u l-festa tal-Imġarr waqt il-programm *Qalb il-Festa*, li xxandar fuq Net FM. Fl-istess jum ixxandar ukoll programm fuq One Radio, *Minn Festa għal Oħra*, fejn jien irrappreżentajt is-Soċjetà.



*Is-Segretarju s-Sur Joseph Caruana waqt il-programm Qalb il-Festa fuq Net FM, nitkellmu fuq il-festa ta' Santa Marija ma' Julian Borg*



*Il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr waqt il-programm ta' mużika leġġera lejlet il-festa*

Filgħaxija l-banda għamlet marċ qasir u wara tellgħet programm ta' mużika leġġera fuq il-planċier f'Wesgħat il-Ġublew. Dan il-programm ittella' bil-kollaborazzjoni tal-kunsill lokali tal-Imġarr.

F'jum il-festa filgħodu membri tal-kumitat u partitarji attendew għall-quddiesa tal-festa, dik tal-paniġierku. Filgħaxija mbagħad il-banda tagħna kien imissha tagħmel l-aħħar servizz tagħha fil-festa billi għamlet marċ qasir u wara daqqet fil-ħruġ tal-purċissjoni. Il-banda daqqet l-innijiet *L-Imġarr Iben Marija* u *L-Innu l-Kbir lil Santa Marija*. Flimkien mal-banda ħa sehem il-kor tal-parroċċa Regina Coeli. Imbagħad il-banda akkumpanjat il-purċissjoni minn Triq San Pawl sa Wesgħat il-Ġublew.

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Ottubru 2022 waqt il-programm *Marċifest*, li jixxandar fuq Radju Malta, il-preżentatur Daniel



*Il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr tilqa' l-ħruġ tal-purċissjoni bid-daqq tal-innu l-kbir Lil Santa Marija*




*Il-poster tal-programm Marċifest,*
*li ttella' fuq il-midja soċjali*

Vella daqq marċi brijużi u innijiet mis-CD tas-Soċjetà tagħna *10 Snin Impenn Mużikali*. Programmi bħal dawn jagħmlulna isem u jkomplu jsemmgħu leħen il-banda tagħna.

Fid-9 ta' Novembru 2022 tħabbret il-mewt tal-President Onorarju n-Nutar Tony Abela, persuna ferm maħbuba mill-Imġarrin. In-Nutar Abela kien benefattur kbir tal-għaqda tagħna u għadni niftakar sew il-mumenti meta kont immur niġbor xi sponsorship. Ma nafx għaliex imma n-Nutar kien ikun irid li jien immur niġbor l-isponsorship, u dejjem għen fejn seta'. Żgur li t-telfa




*Il-kondoljanzi mwassla mis-Soċjetà fis-sit uffiċjali tal-għaqda wara t-telfa tal-President Onorarju n-Nutar Tony Abela*



*Il-President Giovanni Gatt bl-istandard tal-għaqda waqt il-quddiesa ta' Santa Ċeċilja*

tiegħu ħasdet lil kulħadd. Il-memorja ta' Tony se tibqa' f'qalb l-Imġarrin u żgur li kulħadd se jibqa' jiftakru.

Is-Sibt, 19 ta' Novembru 2022 fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta ġiet iċċelebrata quddiesa fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilja, patruna tal-mużika. Wara segwa marċ brijuż fit-toroq ewlenin tal-belt kapitali. Għal din l-okkażjoni s-Soċjetà tagħna attendiet bl-istandards.




*L-awguri tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena*

Għall-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena wassalna l-awguri tagħna fuq il-midja soċjali.




*Il-poster tal-attività L-Epifanija fl-Imġarr*

Nhar is-Sibt, 7 ta' Jannar 2023 il-banda bdiet l-impenji mużikali tagħha għal din is-sena. Dakinhar tellajna programm mużikali waqt l-attività L-Epifanija fl-Imġarr.



*Il-bandist Jurin Busuttil idoqq solo bl-ewfonju waqt is-silta Lady Khalifa fis-serata ta' Ġieħ l-Imġarr*



*Matthew Amaira jdoqq solo bil-klarinett fis-silta Cinema Paradiso dakinhar tal-programm li għamlet il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema f'Ġieħ l-Imġarr*

Il-Ħadd, 5 ta' Frar 2023 il-banda tagħna ħadet sehem waqt is-serata ta' Ġieħ l-Imġarr. Dan wara nuqqas ta' sentejn minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Dakinhar il-banda tellgħet programm mużikali fis-sala tal-iskola primarja tal-Imġarr. Il-banda kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Tancred Grech.

Nhar is-Sibt, 4 ta' Marzu 2023 jien, il-President u grupp ta' Mġarrin oħra tlajna Għawdex biex flimkien mal-mastrudaxxa Anthony Galea ppruvajna l-predestall monumentali, proġett li qed naħdmu biex inkomplu nsebbħu l-festa. Fuq dan il-pedestall se tittella'



*Grupp ta' Mġarrin flimkien mal-mastrudaxxa u l-lavranti tiegħu, u fl-isfond il-kolonna monumentali. Dan ir-ritratt ittieħed wara li ntramat il-kolonna għall-ewwel darba fl-Għarb*

l-istatwa ta' Santa Marija fl-aħħar tal-marċ, dak tal-Ġimgħa. Dan il-pedestall sar fuq disinn tal-artist Għawdxi Michael Cutajar Zahra u ġie ffinanzjat b'fondi tal-Unjoni Ewropea taħt l-iskema Leader.



*Is-Sur Clayton Gauci waqt l-immanuvrar tal-hi-up biex tintrama l-kolonna monumentali*

Għal darb'oħra rġajna ngħatajna fondi bl-iskema VOPS, din id-darba bil-proġett Il-Merħba, proġett immirat biex jiffinanzja l-merħba tal-istatwa ta' Santa Marija tad-dimostrazzjoni li se tiżżanżan din is-sena. Għal dakinhar qed inħejju festa sabiħa u nixtiequ li din tibqa' tissemma. Fil-fatt ilna xhur li bdejna l-countdown ta' dan il-jum storiku, il-jum tal-Ġimgħa, 18 ta' Awwissu 2023, meta se titwettaq xewqa oħra tal-Imġarrin, dik li jkollna



*Il-President tas-Soċjetà (l-ewwel mil-lemin) waqt il-preżentazzjoni tal-grant agreement nhar il-25 ta' Frar 2023. Jidhru wkoll il-Ministru l-Onor. Julia Farrugia Portelli u l-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat is-Sur Mauro Pace Parascandalo*







*Il-posters li dehru kull 18 tax-xahar minn seba' xhur qabel biex iħabbru dan il-jum tat-18 t'Awwissu 2023, jum il-merħba*



















*Il-poster tal-isponsor ta' Festa Frawli 2023*

statwa tal-Assunta li tinġarr mal-banda fl-aħħar jum tat-tridu.

Biex inkomplu nirreklamaw dan il-jum tajna sponsor ukoll waqt l-attività popolari Festa Frawli.

Fl-istess żmien il-ħaddied Peter Caruana kien qed jaħdem ix-xogħol fid-diżlivell, l-infurzar bil-ħadid tal-pedestall, u flimkien mal-mastrudaxxa għamel xogħol għal forċina. Dan ġie pruvat fuq il-post nhar il-Ħamis, 15 ta' Ġunju 2023. Għal darb'oħra bil-għajnuna tal-kumpanija JJ Granite, li provditilna s-servizz tal-hi-up.



*Membri tal-kumitat flimkien mal-ħaddied u l-mastrudaxxa waqt li kienu qed jippruvaw id-diżlivell tal-pedestall*

It-Tlieta, 20 ta' Ġunju 2023 ħadna l-aħbar ħażina li ħalliena l-ħabib tagħna Trevor Newstead. Trevor kien Ingliż, ex Navy. Hu kien ġie Malta fuq xogħol u kibret ix-xewqa fih li jiġi jirtira Malta. Fil-fatt hekk kien għamel. Niftakar l-ewwel darba li laqqagħna miegħu kien is-sid tar-ristorant



*Trevor waqt waħda mill-ikliet li organizzajna flimkien mal-PA system*



*L-iskultur Charlie Azzopardi jiskultura fil-post il-pedestall*

Il-Barri, meta konna se norganizzaw attività fir-ristorant tiegħu u qalli li hawn koppja Ingliżi jixtiequ jattendu. Minn dakinhar Trevor u martu Jan ma naqsux li jattendu l-attivitajiet li konna norganizzaw. Trevor kien anke wera l-interess li jgħin iktar lill-għaqda tagħna, u infatti kien jieħu ħsieb il-PA system tas-Soċjetà. Hu kien dedikat ħafna f'xogħlu u se nħossu wisq in-nuqqas tiegħu. Dejjem għen kif seta', u dak li għamel għamlu mill-qalb. Żgur li Trevor, flimkien ma' martu Jan, li ħallietna xi snin ilu, se jkomplu jsegwuna minn fejn il-Ħallieq.

Nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Ġunju 2023 waslet minn Għawdex il-bradella li fuqha se tinġarr l-istatwa ta' Santa Marija tad-dimostrazzjoni. Din inħadmet mill-mastrudaxxa Anthony Galea tal-Għarb, Għawdex u t-tim tiegħu, tħallset minn fondi tal-Unjoni Ewropea u kienet parti mill-proġett Decorations and Tunes. Hawnhekk ukoll ingħatajna cofinancing mill-NGO Cofinancing Fund, immexxi mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat.



*Il-bradella hekk kif inġiebet minn Għawdex*

M'għandniex xi ngħidu, ix-xogħol fuq il-pedestall hu wieħed kbir. Wara li tlesta x-xogħol tal-injam mill-mastrudaxxa Għawdxi Anthony Galea u sħabu kien imiss li tinħadem l-iskultura fuq il-post. Għal dan ix-











*Membri tal-kumitat jiżbgħu, jistukkjaw u jixkatlaw il-pedestall tal-istatwa ta' Santa Marija*



*Il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr waqt is-servizz mużikali fil-festa ta' San Ġużepp, il-Kalkara nhar il-Ħadd, 16 ta' Lulju 2023*

xogħol intgħażel l-iskultur Rabti Charlie Azzopardi. Charlie ħadem sigħat twal fis-sħana tas-sajf biex ilesti l-iskultura. Kif appena lesta l-iskultura bdejna x-xogħol taż-żebgħa, l-istukkjar u l-ixkatlar. Dan il-proċess ħa ftit żmien mhux ħażin imma bil-għajnuna t'Alla wasalna wkoll. Mhux qed ngħid li lestejna, għax issa wara l-festa rridu nkomplu fażi oħra ta' dan il-proġett tal-pedestall monumentali, dik tal-irħamar u x-xogħol tal-fibre u l-induratura.

Lejn l-aħħar ta' Lulju l-pedestall intrama fil-bitħa tal-każin biex jiskatta x-xogħol fuq is-sellum, jew kif hawn min isejjaħlu, iż-żiemel. Dan jintuża biex dakinhar tal-marċ l-istatwa tittella' fuq il-pedestall. Dan ix-xogħol ġie fdat f'idejn l-Imġarri Jimmy Vella, li b'tant abiltà għamlilna dak li xtaqna.

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Lulju 2023 il-banda tagħna għamlet l-ewwel servizz barra mill-Imġarr għal din is-sena. Dan billi għal darb'oħra akkumpanjajna l-vara ta' San Ġużepp fil-Kalkara, servizz li issa l-banda ilha tagħmlu għal bosta snin.

L-ewwel attività soċjali għal din is-sena kienet propju nhar is-Sibt,



*Waqt l-ikla li organizzajna nhar is-Sibt, 22 ta' Lulju 2023*

22 ta' Lulju 2023. Dakinhar organizzajna ikla fejn is-salib tal-knisja. Għal din l-ikla kellna mistiedna speċjali lil Marisa D'Amato, li ferrħet lil dawk preżenti bil-vuċi sabiħa tagħha.




*Il-poster tal-ikla li saret is-Sibt, 22 ta' Lulju 2023*

Wara din l-attività soċjali l-banda tagħna kellha żewġ impenji mużikali oħra. Dawn kienu nhar is-Sibt, 29 ta' Lulju 2023 fl-okkażjoni tal-festa tas-Sultana tal-Martri ċċelebrata f'San Pawl il-Baħar, fejn il-banda għamlet marċ brijuż. L-għada l-Ħadd, imbagħad, il-banda akkumpanjat il-purċissjoni fil-festa ta' Santa Venera Martri ġewwa Santa Venera. Dawn iż-żewġ servizzi huma servizzi ġodda li l-banda għamlet din is-sena għall-ewwel darba, għalkemm xi snin ilu konna diġà għamilna servizz f'San Pawl il-Baħar.

Wara dawn l-impenji mbagħad bdew iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa 2023, liema festi ninkludihom fil-kitba tiegħi s-sena d-dieħla, dejjem jekk Alla jogħġbu jagħtini s-saħħa u nkompli nwasslilkom dan it-tagħrif ta' kull sena.

Kif tistgħu taraw din is-sena l-iktar li ffokajna kien fuq il-proġett tal-

pedestall u l-istatwa ta' Santa Marija. Dan peress li minbarra li hu proġett li jirrikjedi ħafna ħsieb, kien hemm bżonn ukoll ħafna dedikazzjoni u ħin. Madankollu l-banda baqgħet prijorità, u nħossuna kburin li ferraħna lil kull min semagħna bid-daqq ħelu tas-siltiet mużikali tagħna. Kburin li kull fejn indoqqu nagħmlu isem u nkomplu ngħollu l-livell tal-mużiċisti tagħna. Kuntenti li din is-sena wkoll qed jiddebutta mal-banda bandist ġdid, Jake Camilleri bil-kurunetta, li nixtieq nawguralu kull suċċess.

Għal darb'oħra għall-festa titulari ta' Santa Marija rġajna ħsiebna biex nippubblikaw dan il-ktieb annwali, ktieb li minbarra li juri dak li wettaqna hu mezz importanti ta' introjtu għall-għaqda tagħna. Nappellalkom biex tgħinu lil dawk id-ditti li jgħinuna.

Il-festa hi l-attività ewlenija tal-għaqda tagħna u magħha jdur dak kollu li nagħmlu. "Bejn Festa u Oħra" kitba li ta' kull sena tfakkarna f'dak li sar, u kitba li sservi ta' referenza għal dawk ta' warajna li jinteressahom dak li għamlu ta' qabilhom, li jkunu kurjużi janalizzaw is-sagrifiċċji u l-impenji li wettaqna flimkien għall-ġid tal-komunità Mġarrija u l-festa titulari ta' Santa Marija u l-banda wisq għażiża għalina, il-banda tal-Imġarrin.

Dan kollu li twettaq nafuh lilkom. Grazzi kbira tas-sapport tagħkom. Nappellalkom biex tibqgħu tappoġġjawna ħalli nibqgħu nwettqu l-ħolm u x-xewqat tagħna.

Jalla l-patruna tagħna Santa Marija tkompli tgħaqqadna u tgħinna f'dak kollu li nagħmlu, u nitolbuha tibqa' tħarisna u tbegħedna mill-ħażen.




IG ENGINEERING

Mechanical Engineering Works,
Metal, Aluminium and Stainless Steel Welding

Isaiah Grima

M: 99832441
E: isaiahgrima@hotmail.com

Address:
Triq Għajn Stas, St. Paul's Bay

**Anthony Galea**
**Wood-Worker**

*Warda Mistika,*
*Sdieri Street, Għarb, Gozo*
*T: 2156 5645   M: 9942 6865*

# L-Istatwa ta' Santa Marija tad-Dimostrazzjoni, il-Pedestall u l-Bradella

Joseph Caruana

Kienet ilha x-xewqa ta' bosta membri tal-għaqda tagħna, u anke ta' bosta Mġarrin, li l-Imġarr bħall-maġġoranza tal-bliet u l-irħula Maltin u Għawdxin ikollna statwa ta' Santa Marija li tinġarr mal-banda fl-aħħar jum tat-tridu u wara tittella' fuq pedestall sabiħ fil-qalba tal-misraħ ewlieni tar-raħal, quddiem it-tempju maestuż li missirijietna bnew u ddedikaw lis-Sultana tas-Sema.

Din ix-xewqa kompliet titħeġġeġ maż-żmien u laħqet il-qofol wara l-festa tas-sena 2018. Il-kumitat beda jfittex u jara min kellu jiġi fdat b'dan il-proġett. Ridna li dak li nagħmlu nagħmluh sew u li jkun għal qalb l-Imġarrin u bil-kunsens ta' kulħadd. Kien għalhekk li wara li Dun George Schembri nħatar kappillan tal-parroċċa tagħna f'Diċembru 2018 iddiskutejna miegħu din ix-xewqa u rajna x'inhi l-aħjar triq 'il quddiem.

Il-kumitat, wara li analizza diversi għażliet u ra x-xogħol ta' diversi artisti Maltin u Għawdxin, iddeċieda li nafdaw dan ix-xogħol f'idejn l-aħwa George James u Michael Cutajar Zahra, artisti Għawdxin stabbiliti u magħrufa sew għax-xogħlijiet tagħhom.

Ftehemna li delegazzjoni mill-kumitat tmur tiltaqa' mal-artisti fl-istudju tal-iskultur Michael Cutajar Zahra f'Ta' Kerċem. Kien propju s-Sibt, 30 ta' Marzu 2019 meta jien flimkien ma' Christian Vella kmieni waranofsinhar morna niltaqgħu mal-aħwa Cutajar Zahra biex nitkellmu dwar dan il-proġett. L-ewwel ma ddiskutejna kien kif nixtiequ din l-istatwa flimkien mal-pedestall u meta se jkunu lesti. Huma qalulna li sal-festa ta' dik is-sena kienu se jlestulna d-disinn biex inkunu nistgħu nippreżentawh u nħabbru dan il-proġett. Imbagħad il-ħsieb kien li l-istatwa titlesta għall-festa tas-sena 2020. Ta' min jgħid li George James Cutajar Zahra ġie fdat bid-disinn tal-pedestall monumentali filwaqt li ħuh Michael bix-xogħol tal-istatwa lifesize. Tlabniehom ukoll jagħtuna stima tax-xogħol mitlub.



*Delegazzjoni mill-kumitat waqt il-laqgħa li kellna mal-aħwa George James u Michael Cutajar Zahra*

Ftit ġimgħat wara George James tana l-ewwel idea ta' kif kienu ġejjin il-pedestall u l-istatwa tal-Assunta. Ftit jiem qabel il-festa l-artist Għawdxi tana d-disinn tal-pedestall u l-istatwa. Waqt Jum is-Soċjetà



*L-aħwa Cutajar Zahra bid-disinn tal-pedestall monumentali u l-istatwa ta' Santa Marija*



*Disinji ewlenin tal-pedestall monumentali*





*Id-disinn tal-pedestall u l-istatwa tal-Assunta*

Mużikali fi żmen il-festa titulari, waqt akkademja mużikali fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr, nhar is-Sibt, 10 ta' Awwissu 2019, ħabbarna dan il-proġett u żvelajna d-disinn tal-pedestall u l-istatwa.

Kif għaddiet il-festa tlabna l-iskulturi biex jaħdmulna l-abbozz tal-istatwa biex niżguraw li l-istatwa se tkun kif nixtiquha u għal qalbna. Sadanittant bdejna nfittxu mastrudaxxa u niġbru l-istimi għax-xogħol tal-pedestall u l-bradella li fuqha tinġarr l-istatwa. Fl-istess żmien kienet riesqa safra oħra għall-banda tagħna, dik f'Caserta.Waqt li konna fi triqitna minn Napli lejn l-ajruport ta' Ruma niftakarni sew nirċievi mingħand l-iskultur ritratt tal-abbozz ta' Santa Marija. Dan kien nhar l-Erbgħa, 25 ta' Frar 2020.



*L-abbozz ta' Santa Marija*

Hawn ta' min ifakkar li dan kien iż-żmien li faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19. Michael qalli wkoll li probabbli l-istatwa ma kinitx se tkun lesta għal dik is-sena, peress li kien hemm bżonn tinħadem il-qaqoċċa u l-mastrudaxxa Anthony Galea, li kien se jaħdimha, qallu li diffiċli li din tkun lesta fi żmien ideali biex l-iskultur imbagħad ilesti l-istatwa. Jien naturalment inħsadt, imma ddeċidejt li kif nirritorna lura Malta mmur niltaqa' mal-mastrudaxxa u mal-iskultur u naraw x'possibiltajiet kien hemm.

Imma kif jgħidu, il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi. Il-pandemija sfrattat kollox, u kif eżatt wasalna Malta bdew ir-restrizzjonijiet li wasslu biex tħassru l-festi għal sentejn sħaħ. Żmien ikrah li nisperaw li ma nerġgħux ngħaddu

minnu. Żmien li għadna nsofru l-konsegwenzi li ġab miegħu. Tlifna ħafna voluntiera, naqsu l-allievi u l-bandisti u m'għandniex xi ngħidu anke l-interess naqas.

F'dak iż-żmien kellimna lill-iskultur biex jieqaf mix-xogħol sakemm jitjiebu ċ-ċirkustanzi. Sadanittant applikajna biex nibbenifikaw mill-fondi Leader tal-UE biex inkunu nistgħu niffinanzjaw il-pedestall monumentali u l-bradella. Dan kien proċess twil, u saret sejħa biex naraw min hu interessat jidħol għal dan il-proġett. Wara li kien hemm diversi sottomissjonijiet il-bord tal-għażla għażel lill-mastrudaxxa Għawdxi Anthony Galea mill-Għarb, mastrudaxxa b'esperjenza u abiltà kbira f'dan ix-xogħol.



*Waqt żjara għand l-iskultur Michael Cutajar Zahra. Jidhru l-iskultur u jien bl-abbozz tal-istatwa f'idi*

Wara l-festa tas-sena 2020, festa sempliċi li kienet tikkonsisti biss f'quddiesa, bdejna nittamaw li l-festa tas-sena 2021 issir, u ridna li l-istatwa titlesta. Fis-7 ta' Settembru 2020, waqt li kont Għawdex, iltqajt mal-iskultur Michael Cutajar Zahra u kellimtu biex jitkompla x-xogħol fuq l-istatwa.



*Dettall mill-abbozz tal-vara ta' Santa Marija*

Ġara iżda li l-pandemija tal-COVID reġgħet ħraxet u reġgħu feġġew ir-restrizzjonijiet. Fost dawn ir-restrizzjonijiet reġgħu tħassru l-festi.

Meta kollox kien jindika li l-festi tas-sena 2022 kienu se jkunu normali, bħalma konna niċċelebraw qabel il-pandemija, aħna rġajna tkellimna mal-iskultur, però hu infurmana li minħabba li kellu xogħol ippjanat għal dik is-sena ma kienx se jkun possibbli li jlestilna l-istatwa għall-festa tas-sena 2022. L-iskultur qalilna wkoll li peress li għola l-materjal, issa kien se jitlob iktar flus. Tlabnieh jagħtina stima tax-xogħol wara dan it-tibdil. Fil-15 ta' Ottubru 2021 l-iskultur bagħtilna l-istima riveduta. L-ispiża issa kienet tlaħħaq is-somma ta' €5,100 qabel il-VAT.Il-kumitat fehem li l-materjal għola u ddeċidejna li nkomplu bix-xogħlijiet.

Il-mastrudaxxa ssokta bix-xogħlijiet fuq il-pedestall u l-bradella. Il-pedestall kien jirrikjedi ħafna xogħol ta' reqqa minħabba li fih ħafna tond u dan jinħadem biċċa biċċa u jiġu inkullati. Mhux biss, il-pedestall fih diversi gwarniċi. Fl-istess waqt li kien qed jinħadem il-pedestall beda x-xogħol tal-ħadid. Dan kien jitlob li nagħmlu l-ħadid biex ikun possibbli li dal-pedestall jintrama bl-użu ta' krejn jew hi-up. Dan ix-xogħol inħadem f'Għawdex ukoll.

Fis-7 ta' Lulju 2022 jien flimkien mal-President, Christian Vella, Colin Falzon u Sharon Azzopardi Morena ltqajna mal-mastrudaxxa u d-disinjatur George James Cutajar Zahra biex naraw il-progress tax-xogħol fuq il-pedestall. Qabel dakinhar konna morna drabi oħra u anke ġew magħna s-Sur Jimmy Vella, li se jaħdem is-



*L-artist George James Cutajar Zahra jiddiskuti d-disinn mal-mastrudaxxa Anthony Galea fil-garaxx tal-mastrudaxxa fl-Għarb*





*Ix-xogħol f'diversi stadji fuq il-pedestall, fuq il-parti msejħa "t-tromba"*









*Il-bażi u ż-żewġ biċċiet ta' fuqha li se jiġu taħt it-tromba*



*Il-qaqoċċa u l-pedata lesti mix-xogħol tal-injam*

sellum li bih titla' l-istatwa ta' Santa Marija, u membri tal-kumitat Maria Vella.

Peress li fejn se jintrama l-pedestall fil-pjazza quddiem iz-zuntier tal-knisja l-art fiha diżlivell, kien hemm bżonn li jinħadem diżlivell bil-ħadid u jinkesa bl-injam. Ix-xogħol tal-ħadid ġie fdat f'idejn is-Sur Peter Caruana. Peter ħadem ukoll il-ħadid li saħħaħ il-pedestall biex dan ikun jista' jiflaħ il-piż.Il-pedestall hu maqsum f'sitt partijiet. L-ewwel parti hi d-diżlivell. Dan se jkun maqsum f'żewġ biċċiet. Fuq id-diżlivell hemm it-taraġ, u dan ukoll maqsum f'żewġ biċċiet biex jagħti aċċess għal ġol-pedestall. Fuqu mbagħad titpoġġa l-bażi, li se tkun tiflaħ il-pedestall kollu bl-istatwa u l-qaqoċċa. Imbagħad hemm żewġ biċċiet oħra u fuqhom titpoġġa l-parti l-kbira tal-pedestall, dik li aħna bejnietna qed insejħulha "t-tromba".

L-għada tal-festa tas-sena li għaddiet mort inżur l-iskultur Michael Cutajar Zahra u wegħedni li l-istatwa kienet se tkun lesta sal-festa 2023.

Kien għalhekk li applikajna biex permezz tal-iskema VOPS ningħataw fondi lokali biex inkunu nistgħu nagħtu merħba sabiħa lill-vara ta' Santa Marija nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Awwissu 2023. Dan il-proġett jismu Il-Merħba u ilna naħdmu xhur sħaħ biex bil-għajnuna ta' dawn il-fondi u għajnuna oħra nagħmlu festa kbira li tibqa' tissemma dakinhar li fl-Imġarr ninawguraw din l-istatwa.

Ix-xogħol tal-injam kien lest fil-bidu ta' din is-sena. Nhar is-Sibt, 4 ta' Marzu 2023 jien flimkien mal-President Giovanni Gatt, Jimmy Vella u Paul Galea, flimkien ma' Clayton Gauci, ingħaqadna mal-mastrudaxxa Anthony Galea u l-lavranti tiegħu biex pruvajna għall-ewwel darba l-pedestall. Dan intrama f'bitħa fl-Għarb. Ġew jaraw ix-xogħol ukoll l-iskultur Michael Cutajar Zahra u ħuh George James. Meta rajna li kollox kien sewwa l-pedestall tgħabba fuq it-trakk tal-kumpanija JJ Gauci Ltd biex waslilna l-pedestall l-Imġarr biex jitkompla x-xogħol.

Kien imiss issa li tinħadem l-iskultura fuq il-pedestall. Dan ix-xogħol sar mir-Rabti Charlie Azzopardi, magħruf bħala "Il-Barumbaj".

Nhar il-Ħamis, 15 ta' Ġunju 2023 kien imiss li jintrama fil-post id-diżlivell u jiġi ssettjat. Għal darb'oħra nirringrazzjaw lid-ditta JJ Gauci Ltd li provdewlna t-trasport biex jinġarr id-diżlivell, u anke l-hi-up biex jintrama.



*Jibdew jinħattu l-partijiet tal-pedestall biex jiġi armat għall-ewwel darba*



*L-imgħallem Anthony Galea jara li x-xogħol qed jintrama kif pjanat*



*Waqt li kien qed jintrama l-pedestall fl-Għarb*





*It-tromba titniżżel minn fuq it-trakk biex tintrama*



*Titwaqqaf it-tromba*



*Il-pedestall armat*



*Il-pedestall jitgħabba fuq it-trakk tal-kumpanija JJ Gauci Ltd biex jibda t-triq lejn l-Imġarr, Malta*



*It-trakk mgħobbi, jistenna li jitgħabba fuq il-vapur qabel jibda l-vjaġġ lejn Malta*



*Il-pedestall jasal Malta fi Triq Ta' Ħaġrat, fejn tpoġġa biex jitkomplew ix-xogħlijiet*



*Jibda jinħatt il-pedestall minn fuq it-trakk u jiddaħħal fit-tinda armata fil-bitħa tal-każin, li serviet ta' workshop biex saru diversi xogħlijiet fuq il-pedestall*



*Il-pedestall fit-tinda wara li wasal minn Għawdex*

Il-mastrudaxxa kompla x-xogħol fuq il-bradella. Din il-bradella, li se ġġorr fuqha l-istatwa ta' Santa Marija, hi attrezzata b'ħames lasti. B'hekk se tingħata l-opportunità lil 10 persuni biex jerfgħu l-vara fl-istess waqt. Il-bradella nġiebet Malta minn Għawdex bl-iskorta fit-23 ta' Ġunju 2023. Xi jiem qabel il-mastrudaxxa kien ġabilna wkoll il-ħames lasti. Il-materjal użat biex inħadmet il-bradella huwa tulip filwaqt li l-lasti huma tal-fraxxnu, biex ikunu flessibbli.



*L-iskultur Charlie Azzopardi jaħdem fuq il-pedestall*

Wara li nġiebet il-bradella Malta l-kumitat iddeċieda li jkompli jżejjinha bl-iskultura. Għal dan ix-xogħol tqabbad għal darb'oħra s-Sur Charlie Azzopardi. Inħadmu wkoll sett ta' 4 forċini għall-bradella, li saru mis-Sur Anthony Galea u Peter Caruana. Sadanittant issokta x-xogħol taż-żebgħa u l-ixkatlar tal-pedestall mill-membri tal-kumitat. Inħadmu wkoll sett ċrieki tal-istainless steel biex permezz tagħhom il-bradella





*Parti mill-iskultura li saret fuq il-pedestall*





*Waqt li kien qed jintrama fil-post il-ħadid tad-diżlivell*



*Id-diżlivell issettjat fil-post, qabel ittieħed lejn Għawdex biex jinkesa bl-injam u jinżebagħ*



*It-taraġ tal-pedestall miżbugħ*



*Id-diżlivell miksi bl-injam u miżbugħ*



*Dettall tal-bradella*



*Il-bradella lesta qabel tingħata l-kulur*



*Il-bradella fuq il-vapur t'Għawdex*



*Wieħed mid-disinji tal-iskultura tal-bradella*



*Il-bradella lesta bil-kulur*

tintrama bil-fjuretti. Dawn tħallsu mis-Sur John Bugeja.

L-ispiża tal-bradella u l-pedestall saż-żebgħa, inkluż ix-xogħol tal-ħadid, s'issa laħqet it-tletin elf ewro. Nofs din l-ispiża ġie ffinanzjat mill-fondi tal-UE taħt l-iskema Leader u ngħatajna wkoll cofinancing mill-NGO Cofinancing Fund. Fadal xi ammonti li għadhom ma tħallsux. Għalhekk nitlob is-sapport tagħkom biex tgħinuna nkomplu nwettqu din il-ħolma u nlestu dan il-proġett.

Sakemm ktibt dan l-artiklu x-xogħol fuq is-sellum, it-tarjola (jew iż-żiemel, sejjaħlu li trid) li se tintuża biex wara d-dimostrazzjoni bl-istatwa l-istess statwa tittella' fuq il-pedestall, kien għadu ma bediex. Dan ix-xogħol se jsir mis-Sur Jimmy Vella. Fiduċjużi li din l-għodda importanti se tkun lesta fiż-żmien u nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Awwissu 2023 ikun possibbli li tintuża u l-istatwa tittella' fuq il-pedestall biha.

Fl-aħħar ta' din kitbiti jkun xieraq li nagħtu ħarsa lejn l-istatwa ta' Santa Marija. L-istawa ta' Santa Marija, li kif diġà għedna qed tinħadem mill-iskultur Michael Cutajar Zahra, se tirrappreżenta t-tlugħ fis-sema ta' Sidtna Marija, it-titular tar-raħal pittoresk tal-Imġarr. F'din ix-xbieha Santa Marija se tkun akkumpanjata minn puttin u żewġ serafini. Santa Marija se tkun qiegħda fuq sħaba, b'ħarsitha



*Membri tal-kumitat jiżbgħu, jixkatlaw u jistokkjaw il-pedestall*





*Iċ-ċrieki li se jintużaw biex jintramaw il-fjuri fuq il-bradella*

'l fuq lejn is-sema, lejn il-Missier Etern. Ħarsa ta' mħabba li tistħajjilha qed turina l-ġenna, il-post li kulħadd jixtieq li jmur jgawdi wara din il-ħajja ta' turufnament. L-istatwa hi magħmula minn diversi materjali differenti, fosthom kartapesta u fibre. Ix-xogħol fih proċess u jsir f'diversi stadji. Sakemm kien wasal iż-żmien li mmorru għall-istampar ta' dan il-ktieb l-iskultur kien wasal fl-istadju li jwaqqaf l-istatwa. Wara l-iskultur ikun fadallu jirfina x-xogħol u jżejnu bil-kuluri u d-deheb. L-istatwa se tkun akkumpanjata wkoll



*Is-sħaba fil-forma tal-fibre*



*Wiċċ Santa Marija fi stadju bikri*



*Is-Sur Jimmy Vella waqt li kien qed jaħdem is-sellum li fuqu se tittella' l-istatwa l-Ġdida ta' Santa Marija*

minn stellarju sabiħ, iddisinjat mill-iskultur Michael Cutajar Zahra stess u maħdum minn Joseph Vella t'Għawdex.

Dan ix-xogħol kollu se jiġi inawgurat fl-aħħar jum tat-tridu, nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Awwissu 2023. Ma jfissirx li l-proġett se jkun lest; anzi, se jkun fadal ħafna xogħol, li jitkompla fis-snin li ġejjin. Ta' min isemmi li l-pedestall ikun jonqsu jiġi rħamat u indurat, u jkun jonqos isiru l-forom tal-iskultura biex jinħadmu bil-fibre wara li jkunu saru tat-tafal. Ikun jonqos id-dekorazzjonijiet tal-metall u anke d-dawl. Parti importanti oħra ta' dan il-proġett tkun il-kanċell. Il-kanċell hu dak li jdawwar il-pedestall biex jipproteġih. Dan jinħadem bil-ħadid. Id-disinn tiegħu sar mill-artist George James Cutajar Zahra.

L-istatwa ta' Santa Marija se tiġi inawgurata u mbierka nhar il-Ġimgħa, 18 ta'Awwissu 2023 wara l-quddiesa tat-tridu, għall-ħabta tat-8.30 pm fuq iz-zuntier quddiem il-knisja parrokkjali ta' raħalna. Wara din se tinġarr fit-toroq ewlenin tal-parroċċa, akkumpanjata mill-banda tagħna flimkien magħkom il-partitarji. Irridu nagħmlulha festa sabiħa. Ingħaqdu magħna. Jekk inti tixtieq terfa' f'din l-istatwa kkuntattja lil xi membru tal-kumitat biex nagħtuk din l-opportunità.

S'issa nġabru ħafna flus b'risq dan il-proġett. Anke waqqafna l-iskema Mija għal Marija. Nappellalkom biex intom ukoll tkunu parteċipi f'dan il-proġett billi tagħtu donazzjoni għall-finanzjament tiegħu. Tagħti donazzjoni darba u tibqa' sodisfatt għal dejjem għax tħossok involut direttament f'din l-opra artistika li se tkompli ssebbaħ il-pjazza maestuża tar-raħal tagħna fil-jiem tal-festa.



*Id-disinn tal-kanċell tal-pedestall monumentali*


Newwes Garage
Prop. Horace Spiteri
Make your most important day of your life a memorable day!
A wide range of
• Wedding Cars for Hire • Mini Bus Service • Taxi Service
Opening Hours: Monday - Saturday: 9.00am - 12:00 • 5.00pm - 8.00pm Sunday: 9.00am - 12.00 am
Triq Alfred Cachia Zammit, Żejtun • 5, Triq is-Santwarju, Ħaż-Żabbar
Tel: (+356) 2169 3247 • 2169 4212/1 • Mob: (+356) 9949 8829 • E-mail: newwes1@go.net.mt

TRY OUR
# BBQ RANGE

**We have a wide and extensive range of delicious hand pre-prepared BBQ products for every size of BBQ.**

Our selection includes sausages, burgers, kebabs, ribs and much more.
All are homemade and of course great tasting.









## KEBABS
Chicken, Beef, Lamb Kofta, Chicken Satay

## STEAKS
Rib-eye, Cuberoll, Pork collar

## POULTRY
Buffalo Wings & Drumsticks, Chicken Breast in various flavours

## RIBS
Pork & Beef

## SAUSAGES
Fantastic homemade range including Rabbit, Veal, Chicken, Pork and Beef

## BURGERS
Extensive homemade range including Beef, Pork, Lamb, Chicken

MEAT & POULTRY MARKET
Snow White

Zebbiegh Road, Mgarr, MGR 9036, MALTA
t: +356 21575346 e: info@snowwhite.com.mt
www.snowwhite.com.mt



# Il-Verġni Mbierka Marija Mtellgħa s-Sema

**Joe Chetcuti – preżentatur tal-programm** ***Marċi u Bandalori*** **fuq Net FM**

F'ħafna mix-xbihat (santi) li juru t-tlugħ tal-Madonna fis-sema naraw xi anġli li qed itellgħu lill-Verġni Marija fis-sema. Hemm relazzjoni kbira lejn il-Madonna u l-anġli. Fl-Antik Testment l-anġli huma msemmijin bosta drabi. Il-Madonna fi tfulitha u anke f'żgħożitha, bħala Lhudija, kienet tistudja ħafna l-kotba tal-Antik Testment. Għalhekk kellha konoxxenza kbira tal-anġli u l-funzjonijiet tagħhom fid-dinja. Fil-Ġdid Testment, imbagħad, insibu illi l-Verġni Marija kellha relazzjoni mill-qrib mal-anġli tal-Mulej, u fost il-ħafna passaġġi fit-Testment il-Ġdid li juru r-relazzjoni ta' Marija mal-anġli nsibu dawn li ġejjin.



*It-tlugħ ta' Marija fis-sema*

Nibdew bit-tislima tal-Anġlu Gabrijel lill-Madonna (Lq. 1:26-38). Fis-sitt xahar l-Anġlu Gabrijel kien mibgħut minn Alla f'belt tal-Galilija li kien jisimha Nazaret, għand waħda verġni li kienet mgħarrsa ma' raġel li kien jismu Ġużeppi. L-isem tal-Verġni Marija u l-istorja tat-tislima tal-anġlu jafha kull Nisrani, għax it-talba "Sliem għalik, Marija" għandha post kbir fil-moħħ u fil-qalb tan-Nisrani. L-Anġlu Gabrijel deher ukoll lil Żakkarija sabiex jagħtih l-aħbar li kien se jkollu tifel. Naraw differenza bejn id-dehra tal-anġlu lil Marija u d-dehra tal-anġlu lil Żakkarija. Mad-dehra Żakkarija mtela bil-biża' imma Marija ma beżgħetx. Marija tħawdet ftit għax ma setgħetx tifhem kif se tibqa' verġni u jkollha tarbija imma ma beżgħetx. L-Anġlu Gabrijel kellu messaġġ x'jagħti kemm lil Marija u kemm lil Żakkarija, imma l-messaġġ lil Marija kien ta' importanza wisq akbar mill-messaġġ lil Żakkarija.



*It-tislima tal-Anġlu Gabrijel lill-Madonna*

Fil-Bibbja lill-Arkanġlu San Mikiel insibuh imsemmi wkoll fir-rigward tal-Verġni Marija. Hu l-Arkanġlu San Mikiel li kkumbatta u rebaħ lid-dragun ta' sebat irjus u għaxart iqrun li kien lest biex malli l-mara tiled lil binha, id-dragun jibilgħu. (Apok. 12:4, 7, 8)

Kif jaf kulħadd, l-anġli jissemmew bi prominenza fl-istorja tat-twelid ta' Ġesù fil-belt ta' Betlem. Kienu l-anġli li fit-twelid ta' Ġesù mill-Verġni Marija ħabbru ferħ kbir għall-poplu kollu. Dakinhar flimkien mal-anġlu li ħabbar lir-ragħajja ngħaqdu wkoll għadd kbir ta' anġli jfaħħru 'l Alla u jgħidu: "Glorja lil Alla fil-għoli tas-smewwiet u sliem fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba." (Lq. 2:8-14)


*L-anġli jħabbru lir-ragħajja li twieled Ġesù Bambin*

Fit-tlugħ tagħha fis-sema l-Madonna kellha kuntatt aktar dirett mal-anġli. Il-ktieb apokrifu li jitkellem fuq l-assunzjoni ta' Marija fis-sema jagħti importanza kbira lis-sehem tal-anġli f'din il-ġrajja. Kien San Mikiel flimkien ma qatgħa oħra ta' anġli li akkumpanjaw lil Marija fit-tlugħ tagħha fis-sema u ġiet imqiegħda mill-istess Alla bħala s-Sultana tagħhom.

Meta naqbdu naqraw l-istorja tas-salvazzjoni nsibu illi hemm żewġ kunċetti li jservu biex jagħmlu aktar ċara r-relazzjoni ta' Marija mal-anġli. Iż-żewġ aspetti huma dawn: Marija hija r-Reġina tal-Anġli u Marija hija l-ewwel waħda fost il-ħolqien kollu. Antifona liturġika illi kienet teżisti qabel is-seklu u kienet titkanta fil-festa ta' Santa Marija kienet tgħid hekk: "L-Imqaddsa Verġni Marija hija eżaltata u mgħollija fuq il-kori kollha tal-anġli fir-renju tas-sema."

Fis-seklu ħdax imbagħad bdew isiru l-invokazzjonijiet bħala titli lill-Madonna. Fost it-titli nsibu r-Regina Coeli (Sultana tas-Smewwiet) u l-Ave Domina Angelorum (Sliem għalik, Sinjura tal-Anġli). Teofinu ta' Nicea, li kien arċisqof ta' dik il-belt fil-Medjuevu, ħalla miktub fil-kitba tiegħu illi Marija tgħaddi bil-bosta l-kori kollha tal-anġli u tal-arkanġli, tal-kerubini, is-serafini u s-setgħat.

San Bernardinu ta' Siena kien jilmaħ lill-Verġni Mbierka bħala l-omm spiritwali tal-anġli. L-istess il-Franġiskan San Lawrenz ta' Brindisi OFM, Duttur tal-Knisja, jara lil Marija mgħollija mill-istess Binha Kristu 'l fuq mill-anġli għax hija l-pedament ta' kull ħlejqa maħluqa.


*Marija s-Sultana tal-Univers, l-Omm t'Alla*

Il-papiet moderni kollha użaw liberament it-titlu tal-Madonna "Reġina tal-Anġli". Il-Papa Piju XII, f'wieħed mid-dokumenti tiegħu, semma aktar minn darba l-frażi "Marija Reġina tal-Anġli". Ghalkemm il-Konċilju Vatikan II huwa diskret ħafna dwar ir-relazzjoni tal-Madonna u tal-anġli, madankollu nsibu hekk: "Hi Marija li ġiet eżaltata mill-Mulej bħala s-Sultana tal-Univers, bħala l-Omm t'Alla, u hija ġiet eżaltata fuq il-kori kollha tal-anġli u l-bnedmin." (Lumen Gentium 53, 59, 66).


Il-Festa
it-Tajba
lil kulħadd
DELIA
Adrian
DEPUTAT PARLAMENTARI


HAIR-A-HOLIC
Unisex Hair Salon
Fully qualified and experienced hair stylists
15, Fisher Road, L-Imġarr, Malta,
Tel: 2157 0949
We are recruiting!!
Let us take care of your hair...
Monday Closed
Tue – Sat 10:00am - 6:30pm
Find us on: facebook.


Antoine's
BUTCHER
Free Delivery
Main Street, St. Paul's Bay
Mob: 7722 9904, 9945 5282 T: 2758 1500
Opening Hours:
Mon: 7.00-12.00 / 16.00-18.00
Tue-Fri: 7.00-12.00 / 16.00-19.00
Sat: 7.00-13.00


Parkour group classes & private classes for all ages starting from 2+
Gymnastics, private classes for all age groups
RUSH
PARKOUR MALTA
Owner and head coach, Isaac Camilleri Liberto, 29 years old.
W: https://www.rushmaltaparkour.net/
F: RUSH Parkour Malta M: 99559752



# Marija Assunta
## Wieħed mill-eqdem titulari fil-gżejjer Maltin

Kav. Mario Coleiro O.S.J.

Meta wieħed iqalleb il-paġni tal-istorja, speċjalment dik ekkleżjastika, isib li fost l-eqdem knejjes li nsibu f'pajjiżna, dawk iddedikati lill-Madonna kienu l-iktar numerużi. Insibu diversi titli tal-Madonna li għandhom knejjes iddedikati lilhom. Eżempju l-Lunzjata, il-viżitazzjoni, il-ħarba lejn l-Eġittu, it-twelid tal-Madonna u fuq kollox it-tlugħ tagħha fis-sema.Dan it-titlu tat-tlugħ fis-sema ta' Marija, jew kif inhu magħruf aħjar, l-Assunta, insibuh preżenti saħansitra fil-vista patorali tal-Isqof Senatore De Mello, li kien għamel fil-gżejjer Maltin fis-sena 1436. Dakinhar De Mello kien sab 10 parroċċi li kienu ġa stabbiliti fil-kampanja Maltija. Dawn kienu Birkirkara, in-Naxxar, Ħal Qormi, Bir Miftuħ (il-Gudja), Bisqallin (iż-Żejtun), iż-Żurrieq, is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ, Ħal Tartarni (Ħad-Dingli) u l-Mellieħa. Dawn il-parroċċi tal-kampanja kienu flimkien mal-knisja matriċi ta' Malta, li kienet il-Katidral tal-Imdina, u kien hemm ukoll il-parroċċa tal-port, dik ta' San Lawrenz tal-Birgu. Fil-gżira t'Għawdex kien jidher li kien hemm 4 parroċċi, li l-ewlenija fosthom kienet dik tal-Assunta taċ-Ċittadella. F'Malta wkoll kien hemm tnejn minn dawn il-parroċċi li sab De Mello, li kienu ddedikati lill-Assunta. Dawn kienu dik ta' Bir Miftuħ (il-Gudja) u dik ta' Ħal Tartarni (Ħad-Dingli). Dik tan-Naxxar u dik tal-Mellieħa kienu ddedikati lit-twelid tal-Madonna. Dan juri li minn 16-il parroċċa li sab Senatore De Mello fil-gżejjer Maltin kellna 6 minnhom iddedikati lill-Madonna, 4 f'Malta u 2 f'Għawdex. Minn dawn 3 minnhom kienu ddedikati lill-Assunta u 3 lit-twelid tal-Madonna.

Dan kollu semmejtu biex nuri li l-kult tal-Madonna, speċjalment dak tal-Assunta, kien wieħed b'saħħtu ħafna. Dan l-argument ikompli jsostnih in-numru kbir ta' knejjes oħrajn li kienu ddedikati lill-Assunta li għalkemm ma kinux parroċċi xorta jixhdu din id-devozzjoni qawwija. Nistgħu ngħidu li kważi f'kull raħal kont issib xi knisja jew iktar iddedikati lill-Assunta.Fis-sena 1898 il-knisja tal-Assunta tal-Imġarr, li kienet fit-territorju tal-Katidral tal-Imdina, inqatgħet f'parroċċa indipendenti. Din ma kinitx l-ewwel parroċċa tal-Assunta li ħarġet mill-parroċċi li semma Senatore De Mello fl-1436.

Tajjeb li nsemmu li l-parroċċa ta' Birkirkara għamlet madwar 150 sena tiffunzjona mill-knisja ddedikata lil Santa Marija. Meta l-parroċċa marret fil-knisja preżenti, il-knisja ta' Santa Marija sfat abbandunata sakemm reġgħet saret parroċċa fis-sena 2005. Fil-limiti ta' Birkirkara konna nsibu wkoll il-knisja tal-Assunta ta' Ħ'Attard, li saret parroċċa fis-sena 1578. Fil-limiti tan-Naxxar konna nsibu l-Mosta, li wkoll saret parroċċa ddedikata lill-Assunta fis-sena 1608. Mill-parroċċa ta' Bir Miftuħ (il-Gudja) fis-sena 1598 ħarġet il-parroċċa tal-Imqabba, li wkoll għandha t-titular tal-Assunta. Parroċċa oħra ddedikata lill-Assunta hija dik tal-Qrendi, li saret parroċċa fis-sena 1618 u nqatgħet mill-parroċċa taż-Żurrieq. Fis-sena 1626 Ħal Għaxaq twaqqaf bħala parroċċa indipendenti taħt it-

titlu tal-Assunta u nqata' mill-parroċċa taż-Żejtun. Fis-sena 1688 ġewwa Għawdex naraw li twaqqfet parroċċa oħra ddedikata lill-Assunta, dik tar-raħal taż-Żebbuġ.Dan kollu jurina li fil-gżejjer Maltin Santa Marija hija l-iktar titular numeruż f'pajjiżna; b'kollox insibu 11-il parroċċa ta' Santa Marija. Biex inkomplu nsaħħu l-argument fuq il-kobor tat-titlu tal-Assunta fil-gżejjer tagħna ser insemmi xi knejjes antiki ddedikati lill-Assunta li nsibu fl-irħula tagħna. Fir-raħal ta' Ħal Għargħur insibu 3 knejjes antiki ddedikati lil Santa Marija. Waħda nsibuha fil-Magħtab, oħra hija msejħa "Ta' Bennardu", u dik magħrufa bħala "Santa Marija taż-Żellieqa".


*It-titular ta' Santa Marija taż-Żellieqa, Ħal Għargħur*

Ġewwa Ħal Lija nsibu 2 knejjes oħra tal-Assunta, dik magħrufa bħala "Ta' Duna" u l-oħra magħrufa bħala "Tal-Mirakli", filwaqt li fir-raħal ta' Ħal Luqa nsibu lil Santa Marija tal-Ftajjar. Fil-Marsa nsibu l-knisja ta' Santa Marija ta' Ċeppuna u fil-Mosta, barra l-knisja parrokkjali, insibu wkoll il-knisja ta' Santa Marija msejħa "Ta' Bobosija". Fin-Naxxar insibu l-knisja ta' Santa Marija tax-Xagħra u ġewwa Ħal Qormi nsibu lil Santa Marija tal-Ħlas, Santa Marija tal-Qrejċa u Santa Marija tal-Blat.


*It-titular tal-knisja ta' Santa Marija tal-Ħlas, Ħal Qormi*

Fir-Rabat insibu l-knisja ta' Santa Marija ta' Doni u Santa Marija tal-Virtù. Ġewwa Ħal Safi wkoll insibu knisja ddedikata lil Santa Marija. Fis-Siġġiewi nsibu l-knejjes ta' Santa Marija ta' Ħal Xluq, Santa Marija ta' Ħal Kbir u knisja oħra ddedikata lill-Assunta.

Ħal Tarxien ukoll għandu knisja ddedikata lil Santa Marija. Din hija magħrufa bħala "Tar-Rokna". F'Ħaż-Żabbar insibu l-knisja ta' Santa Marija magħrufa bħala "Tal-Indirizz" filwaqt li f'Ħaż-Żebbuġ insibu l-knisja ta' Santa Marija ta' Ħal Muxi u nsibu knisja oħra msejħa "Santa Marija ta' Mamo". Iż-Żejtun ukoll għandu knejjes iddedikati lil Santa Marija, bħal dik magħrufa bħala "Ta' Ħal Tmin" u nsibu wkoll il-knisja ta' Santa Marija tal-Ħlas. Fiż-Żurrieq insibu l-knisja ta' Santa Marija tal-Baqqari u dik ta' Bubaqra.


*It-titular ta' Santa Marija ta' Ħal Xluq, is-Siġġiewi*

Dawn il-knejjes u ħafna oħrajn li llum m'għadhomx jeżistu huma xhieda qawwija tad-devozzjoni li Santa Marija tgawdi fil-gżejjer Maltin, u dan juri li din id-devozzjoni taf il-bidu tagħha saħansitra sa mill-ewwel żminijiet meta l-fidi Nisranija xxettlet f'pajjiżna mill-appostlu tal-ġnus San Pawl.


***Referenzi:***

*Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo (Achille Ferris) Wayside Chapels of Malta & Gozo (Kilin)*

*Bliet u Rħula Maltin (Alfie Guillamier)*

*Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi Tagħhom (PIN)*


Il-Kunsilliera
Tiziana Borg Busuttil
u l-familja tagħha,
tawgura l-festa t-tajba
lir-residenti Mġarrin.
Viva Santa Marija!
Mob: 99346601


Pet's World
Grooming Services
At Qawra Pet's World
Dog's Wash Out
Open 24/7
A: 63, Triq il-Kaħli, San Pawl il-Baħar
T: 21580285 • 99847622 • 79663382
F: Pets World St. Paul's Bay




**Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur**

CUSTOMER CARE **7999 9936**

info@juliafarrugia.com

JULIA
FARRUGIA PORTELLI

/juliafarrugia



# Fin-Natura Nsib l-Hena

Joe Grima

Minn ċkuniti fil-familja dejjem kellna ġnien u għalqa fejn konna nilagħbu, u fejn missieri l-għażiż kien ikabbar xi ħaġa għall-familja. Daqqa patata, ful, fażola, u frott bħall-ħawħ, it-tin u l-għeneb. Għalhekk nibtet fija l-imħabba għan-natura, imħabba li maż-żmien kibret.

Għadda ħafna żmien u Alla kien ħanin miegħi li laqqagħni ma' mara bint l-Imġarr, u meta żżewwiġna, l-għażla fejn immorru noqogħdu bejn Raħal Ġdid u l-Imġarr kienet għażla faċli.

L-Imġarr imdawwar bil-kampanja, is-siġar, il-fjuri u l-baħar tefgħa ta' ġebla bogħod.

Ovvjament dik l-imħabba lejn il-ġmiel tan-natura li rawmu fija l-għeżież ġenituri stajt nipprattikaha ħafna iktar f'dar-raħal meraviljuż.

Mhux biss fil-ftit raba' li għandi l-opportunità li ngħaddi siegħa żmien fih, imma anki fil-ġnien, fejn insib l-għaxqa tiegħi.


*L-ewwel frotta tal-guava*

Hemm nieħu ħsieb ftit siġar u nkabbar xi ħaxix għall-familja, kif rawwimni missieri. Qed nieħu interess nipprova nkabbar siġar tal-frott li mhumiex daqshekk komuni f'Malta imma li dan l-aħħar bdew jaslu fis-suq: siġar tropikali bħall-papaya, il-guava, il-custard apple u l-pistacchio. Il-guava qtajna l-frott minnha għall-ewwel darba s-sajf li għadda. Jiġifieri almenu waħda minnhom tidher li qed tirnexxi.

Issa ħadtha rutina li filgħodu nqatta' ftit ħin fir-raba' u filgħaxija nindokra l-ġnien.


*Passiflora vjola mħallta ma' fjur oranġjo*

L-ewwel ħaġa li għamilt fil-ġnien kienet li ħawwilt pjanti li jixxebilku, għax ma rridx nara ħitan tal-briks jew tal-konkos. Fost dawn, il-preferuti tiegħi huma l-honeysuckle, iċ-ċelestina, il-passiflora u l-ġiżimin, b'xi waħda tal-ward li jixxeblek bejniethom. L-hena tiegħi meta jiksu l-ħajt kollu, u żewġ pjanti ta' kulur divers, meta jimmaturaw, jidħlu f'xulxin u jżewqu l-kuluri bejniethom. Ngħidu aħna l-fjur oranġjo jitħallat mal-vjola tal-passiflora.

Fl-2008 ħija kien ġabli pjanta tal-banana żgħira,

li ħawwiltha u dawwart l-ilma tal-kmamar tal-banju u l-kċina biex isaqquha peress li trid l-ilma spiss ħafna. Biż-żmien immultiplikaw, billi kull pjanta, qabel tasal għall-għanqud, ittella' tlieta ġodda mill-għeruq.

L-iktar sena tajba li kelli kienet l-2021, meta pproduċew 28 għanqud fi staġun wieħed.

Mhux dejjem ikolli l-istess suċċess, għax ġieli jkolli xi għanqud li jżomm ftit frott, imma fost l-ikbar li kelli kien hemm ta' 100, 103, 105, 115, 127, 129 u 131.

Fl-2018 kont esibejt l-għanqud ta' 105 waqt il-Lejla Mġarrija.

Ilma kważi ma jinħela xejn, ħlief tal-flushings, għax ta' kull xawer, sink u l-kċina jmur kollu fil-banana, u tas-sink tal-kċina ndawru wkoll għal ġos-sigar tal-frott, biex daqqa jieħdu ilma tal-ġiebja u daqqa tal-platti.



*Għanqud ta' 105 bananiet li esibejt fil-Lejla Mġarrija tal-2018*

Dan għamiltu fuq parir ta' min hu espert fil-kimika, minn barra minn Malta.



*Ilqugħ tar-riħ bit-thuya*

Ovvjament dejjem nagħmel enfasi lill-familja biex jillimitaw kemm jużaw sapun, u bleach qatt ma nitfgħu.

Sibt li l-ilma tal-kċina l-iktar li japprezzaw il-pjanti, għax minbarra li bħal ħafna sapun fih il-fosfat, li hu tajjeb għall-pjanti, ikun fih ħafna frak tal-ikel li biż-żmien isir kompost.

Bħala lqugħ mir-riħ ippruvajt xibka u qasab, imma l-aħjar li sibt hija t-thuya, għax folta, niżborha dejqa u tagħlaq ir-riħ qisha daqs ħajt. U fl-istess ħin tibqa' ħadra s-sena kollha.

Fost il-fjuri favoriti tal-ġnien ngħożż iċ-ċentifolja, il-passiflora, il-birds of paradise, iċ-ċelestina u l-hibiscus, li minnha għandi 5 tipi.

L-aħjar ħin għal dawra fil-ġnien huwa filgħodu kmieni, kif titla' x-xemx. Il-fwieħa taċ-ċentifolja u l-honeysuckle dak il-ħin tkun tinxtamm b'iktar intensità minn filgħaxija, meta l-fwieħa tagħhom titħallat mar-riħa tad-duħħan tat-traffiku, it-trabijiet tax-xogħol u rwejjaħ oħra.

Kull meta niżbor il-hibiscus, il-ward jew il-klin, ħadtha drawwa nħawwel il-biċċiet biex li jinbet nagħtih lil min jitlobni.

F'roqgħa żgħira tal-ġnien għamilt zona fejn inkabbar ftit siġar ħalli la jikbru ftit ieħor ikunu jistgħu jitħawlu fil-kampanja Mġarrija, għall-kampanja Nħaddru l-Imġarr bis-Siġar, għax nemmen li qatt mhu biżżejjed.

Fost dawn għandi ballut, ħarrub, rand, żebbuġ, għargħar u prinjol.

Iridu l-attenzjoni wkoll, imma l-hena tiegħi narahom jieħdu r-ruħ.



*Il-mixtla ta' siġar żgħar*

# Preżentazzjonijiet Waqt il-Programm Vokali u Strumentali tal-Festa ta' Santa Marija tal-2022



L-Onor. Ministru Julia Farrugia Portelli ppreżentat kurunetta



Il-President Onorarju Louis Vella ppreżenta standard tal-Amerka lis-Soċjetà



L-Onor. Dr Alicia Bugeja Said, President Onorarju tas-Soċjetà, ippreżentat donazzjoni b'risq l-ispettaklu ta' wara l-marċ tal-aħħar tridu



Il-kompożitur Adrian Sciberras, li rebaħ il-konkors tal-marċi proċessjonali, irregala lis-Soċjetà d-drittijiet tal-marċ proċessjonali In Assumptione Beatae Mariae Virginis biex jindaqq mill-għaqda tagħna biss



Il-kumitat eżekuttiv ippreżenta lis-Soċjetà standard bix-xbieha tal-patruna tal-Imġarrin, xogħol l-artist George James Cutajar Zahra



Il-bandist mill-Awstralja Dean Attard ippreżenta donazzjoni sabiħa lis-Soċjetà



Is-Sinjura Caroline Ciappara ppreżentat lis-Soċjetà l-marċi Id f'Id u Benjamin, xogħol is-Surmast Emanuel Bugeja



Il-preżentatur Daniel Vella ppreżenta marċ brijuż lis-Soċjetà



*Is-Surmast Direttur Tancred Grech, li mexxa l-banda waqt ir-recording tas-CD tal-marċi proċessjonali, ingħata kopja tas-CD tal-marċi proċessjonali*



*Il-bandist Peter Paul Caruana rċieva kopja tas-CD f'isem missieru Alex Caruana, li wkoll ta marċ proċessjonali lis-Soċjetà*



*Mro Andrè Calleja, li rregala marċ proċessjonali lis-Soċjetà u ġie rrekordjat, ingħata kopja tas-CD*



*Is-Surmast Onorarju Tanya Attard, li wkoll kitbet marċ proċessjonali għal din is-CD, ġiet ippreżentata b'kopja tas-CD*



*Il-kompożitur Daniel Vella wkoll ingħata kopja tas-CD tal-marċi proċessjonali wara li rregala marċ proċessjonali lis-Soċjetà li ġie rrekordjat*



*Il-kompożitur Renè Camilleri, li kien ukoll judge fil-konkors tal-marċi proċessjonali, ingħata kopja tas-CD tal-marċi proċessjonali*



*Il-kompożitur Tano Monseigneur jingħata tifkira wara li kiseb it-tielet post fil-konkors tal-marċi proċessjonali*



*Il-preżentatur Joe Chetcuti, li kien ukoll judge tal-konkors, ingħata kopja tas-CD tal-marċi proċessjonali*



*Il-kompożitur Chris Sciberras, li ngħata tifkira wara li kiseb it-tieni post fil-konkors tal-marċi proċessjonali*



*Il-kompożitur Adrian Sciberras, rebbieħ tal-konkors tal-marċi proċessjonali, ġie ppreżentat b'tifkira tal-konkors*



*Is-Sur Mark Vella, f'isem ħuh Luke Vella, ingħata tifkira tal-parteċipazzjoni fil-konkors tal-marċi proċessjonali*



*L-Assistent Surmast Mro Mauro Spiteri ingħata tifkira wara li kien wieħed mill-judges tal-konkors tal-marċi proċessjonali*

# Ingħaqad mal-Banda
# Jake Camilleri - Kurunetta



Jien jisimni Jake Camilleri, għandi ħdax-il sena u ngħix l-Imġarr. Minn dejjem għoġbitni l-mużika u xtaqt li nitgħallem strument. L-hena tiegħi meta nisma' xi marċ għaddej waqt xi festa. Lill-ġenituri wrejthom ix-xewqa li nitgħallem it-trumbetta.

Għażilt dan l-istrument għax għalija huwa uniku għall-ħoss partikolari tiegħu, għalkemm kont għadni ma nafx li trid tonfoħ ħafna, imma rnexxieli u għandi mħabba kbira għaliha. Bil-mod il-mod bdejt it-teorija u nippratika fuq l-istrument, u tajt xi eżamijiet ukoll. Aspett li għoġobni ħafna kien meta s-soċjetà tal-banda Marija Mtellgħa s-Sema, li magħha jien qed nitgħallem fil-knisja taż-Żebbiegħ, tellgħet serata u tat ċans lilna l-allievi biex indoqqu silta mużikali.

Grazzi tmur lis-Surmast Tancred Grech, li permezz tat-tagħlim u l-inkoraġġiment li jagħtini jgħinni sabiex inkompli nitgħallem dak li dejjem xtaqt.






# Il-Kult Marjan f'Malta

Max Farrugia

Id-devozzjoni lejn il-Madonna u l-kult Marjan minn dejjem kienu qawwija ħafna f'pajjiżna, tant li x-xhur ta' Mejju u Ottubru huma ddedikati lil Ommna tas-sema. L-Erbgħat u s-Sibtijiet kienu ġranet ta' talb u penitenza. Dawn għadhom isiru anki llum, meta diversi devoti tal-Madonna jinġabru fi gruppi f'diversi bliet u rħula biex ifaħħru u jqimu lil Marija permezz tat-talba tar-rużarju, il-kant u tifħir Marjan. Ħafna huma dawk li jġorru fuqhom u anki fuq uliedhom domna tal-Madonna biex tħarishom minn kull deni li jistgħu jiltaqgħu miegħu matul il-ġurnata. Ħames posti rużarju f'ħafna djar Maltin ma jonqsux li jingħadu wkoll. Ħafna huma dawk, ukoll, b'mod speċjali fuq il-postijiet tax-xogħol, li fit-tmienja ta' filgħodu u f'nofsinhar jieqfu għal ftit ħin biex flimkien jgħidu talba żgħira u l-Angelus.



*Graffit antik ħafna li jinsab f'katakombi fir-Rabat, Malta*

Kontra dak li ġara fil-każ tal-qaddisin li d-devozzjoni lejhom insibuha f'xi raħal jew tnejn, u f'xi każi ftit aktar, dik Marjana nistgħu ngħidu li tinsab mifruxa sewwa mhux f'Malta biss imma anki fil-gżira ta' Għawdex. Saħansitra nsibu kappella ddedikata lill-Madonna fuq il-gżira ta' Kemmuna, u anki kien hemm waħda fuq il-blata ta' Filfla. Ħafna mill-knejjes u kappelli, meta titkellem dwarhom man-nies tal-lokal, jgħidulek li dawn huma ddedikati lil Santa Marija, imma imbagħad iżidu t-titlu ta' kif isibuha huma, jew bl-isem tal-post fejn tkun qiegħda jew inkella xi titlu ieħor; xi wħud oħra jkollhom ukoll bħal speċi ta' laqam, xi ħaġa interessanti ħafna. Insemmi xi eżempji, bħal Santa Marija tal-Ftajjar, ta' Ħal Xluq, tax-Xagħra, tal-Ħlas, tal-Ħerba, tan-Nuzzu, u ħafna u ħafna oħrajn. Interessanti ħafna kif żviluppaw l-ismijiet għal dawn il-kappelli ddedikati lil Santa Marija, li huma numru kbir ħafna.Kif naraw aktar 'il quddiem, mill-istatistika li ġbart insibu li l-biċċa l-kbira



*Kwadru tal-Assunta li kien hemm f'kappella f'għar fuq Filfla*

minn dawn il-kappelli u knejjes huma ddedikati lill-Assunta, għalkemm insibu numru konsiderevoli ta' titli oħra. Minkejja dawn it-titli kollha, Marija, Omm Ġesù Kristu u Ommna l-bnedmin tad-dinja kollha, tibqa' waħda u l-istess waħda.

Meta bdejt nirriċerka dwar il-bidu ta' dan il-kult li daħal Malta, żgur fost l-eqdem u l-aktar popolari nsibu fdalijiet ta' pittura li hemm fl-Għar tal-Madonna fil-Mellieħa. Imma nafu wkoll li fl-Abbatija tad-Dejr li hemm f'katakombi r-Rabat, fl-inħawi ta' Bir ir-Riebu, hemm affresk li juri lill-Madonna fost figuri oħra. Hawn insibu xbieha ta' Kristu msallab u fuq naħa waħda hemm il-Madonna bil-kelma Mater u fuq in-naħa l-oħra San Ġwann bil-kelma Joannes. Fl-istess post insibu pittura oħra, tat-tħabbira tal-Anġlu Gabrijel lill-Madonna li kellha ssir Omm Alla, bit-titlu Mater Domini. Dawn it-tnejn huma fost l-eqdem li għadhom jeżistu sal-lum. Filwaqt li din tar-Rabat tmur lura għas-sekli bikrin wara Kristu, tal-Mellieħa nistgħu ngħidu li tmur lura għal madwar is-seklu disgħa.


*Il-katidral l-antik, iddedikat lil-Madonna, ġewwa l-Imdina*

Fost l-aktar knejjes antiki ddedikati lil Santa Marija hemm il-katidral l-antik tal-Imdina, li kien ġarrab ħsarat kbar waqt terremot, li fid-dokumenti jirreferu għalih bħala "Madonna Manna" fl-Imdina. Santa Marija della Rocca, l-Imdina, viċin iċ-ċimiterju tar-Rabat li hemm illum, kien hemm il-kappella wkoll antika ta' Santa Marija. Kappella oħra f'dawn l-inħawi, barra l-Belt l-antika, hija dik magħrufa bħala "Ta' Duna". Il-grotta taħt il-knisja tal-patrijiet Dumnikani, u oħra li hemm fl-inħawi Tal-Virtù, oriġinarjament kienu t-tnejn trogloditi. Santa Maria delle Bordini, fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, Santa Marija ta' Godor f'Ħaż-Żebbuġ ukoll, Santa Marija tal-Imriehel, Santa Marija tal-Magħtab u Santa Marija tax-Xagħra fin-Naxxar huma fost l-aktar antiki. Għawdex insibu wkoll numru ta' kappelli li xi wħud għadhom jeżistu u oħrajn le, bħal fil-każ ta' Malta, u fost dawn hemm Santa Marija ta' Calleja fl-Għarb, Santa Marija ta' Gaudiorum, illum magħrufa bħala Santa Marija tax-Xagħra, Santa Marija tal-Qala, Santa Marija tal-Virtù fl-Għarb, Santa Marija ta' Bebuna jew ta' Sabbetta, u oħrajn, fosthom il-knisja żgħira li minflokha llum il-ġurnata hemm is-Santwarju ta' Pinu fl-Għarb ukoll.Insibu li wara s-seklu


*Xbieha tal-Madonna f'xelter tat-Tieni Gwerra*

ħdax it-titli bdew jieħdu xejra oħra. Ma baqgħux sempliċiment jissejħu "Santa Marija" biss, għas-sempliċi raġuni li dawn bdew jiżdiedu bil-bosta. Dan il-fenomenu mhux hawn Malta biss seħħ, imma anki f'pajjiżi oħra li kienu Kattoliċi fil-madwar tagħna, u allura bdew jingħataw it-titli.

Fl-ewwel snin tal-Kristjaneżmu f'Malta nsibu li minħabba li kienu jsiru l-festi fil-15 ta' Awwissu, allura għalhekk kien hawn rabta kbira ma' Santa Marija tal-Assunzjoni. Xi knejjes kienu jirreferu għaliha wkoll bħala SANCTA DEI GENETRICIS VIRGO. Eżempju ta' dan hija l-kappella troglodita li hemm Bormla, viċin il-Bieb ta' Santa Liena, fejn dan il-kliem hu miktub fuq il-fetħa prinċipali tal-kappella.Sa mill-bidu nett li ġie introdott, dan il-kult Marjan f'Malta nistgħu ngħidu li f'pajjiżna kien tferrex mhux ħażin, u kien jikkompara tajjeb ħafna mal-Italja, minn fejn twasslet primarjament din id-devozzjoni.

Li nafu fiċ-ċert, minħabba kitbiet li jeżistu, huwa li fis-sena 1436 kien hawn żewġ parroċċi fil-gżejjer tagħna: dik tal-Katidral u l-oħra tal-Birgu. Dawn kienu diġà jeżistu qabel din id-data, għax mal-miġja tal-Konti Ruġġieru f'Malta r-reliġjon reġgħet bdiet tieħu r-ruħ. Kien propju fis-sena li semmejt aktar 'il fuq li Monsinjur Senatore De Mello, l-Isqof ta' Malta, mill-Katidral tal-Imdina ħareġ għaxar parroċċi. Minn dawn il-parroċċi, dawk tan-Naxxar u l-Mellieħa kienu ddedikati lit-twelid ta' Marija Verġni u dik ta' Bir Miftuħ lill-Assunzjoni. Mit-43 villaġġ li kien hawn dak iż-żmien kien hawn 46 knisja, 20 minnhom iddedikati lill-Madonna, u minn dawn 11 kienu ddedikati lill-Assunzjoni.

Kważi mija u erbgħin sena mit-twaqqif ta' dawn il-parroċċi, fis-sena 1575 saret il-vista appostolika ta' Monsinjur Dusina, li hija minjiera ta' informazzjoni. Mill-erba' mija u tmienja għoxrin knisja, bejn parroċċi, knejjes u kappelli, xejn inqas minn mija u tmienja u sittin huma ddedikati lil Marija Santissima taħt diversi titli, fosthom l-Assunzjoni, l-Annunzjazzjoni, it-Twelid, il-Viżitazzjoni, il-Kunċizzjoni, il-Purifikazzjoni, il-Madonna tal-Karmnu u titli oħra. Sitta u tmenin minn dawn kienu ddedikati lill-Assunta. Minħabba l-attakk kbir li kienu wettqu t-Torok fuq Għawdex fl-1551, meta nqerdet il-knisja l-ewlenija ta' din il-gżira u anki d-dokumenti tagħha, ftit li xejn nafu dwar dak li kien hemm diġà jeżisti, imma skont Mons. Dusina mis-86 knisja li jsemmi l-istoriku Ciantar, Dusina sab 45 biss. Minn ħmistax li kienu ddedikati lill-Madonna, 4 jirreferi għalihom bħala "Santa Marija" u 3 "tal-Assunta".


*Pjaneta bi xbieha tal-Madonna fuqha*

Meta fis-seklu sittax twaqqfu ħdax-il parroċċa

oħra, din id-darba sebgħa minnhom ġew iddedikati lill-Madonna. Fis-sekli ta' wara sal-lum twaqqfu sebgħa u erbgħin parroċċa oħra, u fost dawn insibu tmintax iddedikati lill-Madonna. Dawn jilħqu ftit inqas minn nofs il-parroċċi ta' dawn il-gżejjer. Minbarra l-festi prinċipali f'xi parroċċi u rħula jiġu ċċelebrati wkoll festi sekondarji ddedikati lil Marija Santissima.

Din id-devozzjoni lejn il-Madonna tkompli tinfirex permezz ta' numru kbir ta' statwi u niċeċ li nsibu fit-toroq tal-irħula u l-bliet Maltin. Hawn numru kbir ta' fratellanzi ddedikati lill-Madonna, b'kollox sebgħa u sebgħin, u dawn insibuhom ukoll taħt titli differenti. Għalkemm mhux kollha huma attivi llum il-ġurnata, għad hawn numru minnhom li għadhom jipparteċipaw f'okkażjonijiet diversi. L-istess nistgħu ngħidu għall-purċissjonijiet li jsiru f'ġieħ Marija Santissima, speċjalment il-purċissjonijiet li jsiru matul ir-Randan, ġimgħa qabel il-Ġimgħa l-Kbira, li huma magħrufa bħala l-purċissjonijiet tad-Duluri li jsiru mhux f'belt jew raħal wieħed imma f'diversi.

Xhieda ta' din l-imħabba u d-devozzjoni Marjana huma l-għaqdiet u l-gruppi li twaqqfu f'pajjiżna biex ixerrdu din id-devozzjoni fost il-poplu tagħna. Dawn l-għaqdiet u gruppi f'dawn l-aħħar snin komplew jiżdiedu ma' dawk li diġà kienu jeżistu mill-inqas sebgħin sena ilu. Dan l-aħħar nibtu ħafna gruppi ta' individwi fil-parroċċi, li mill-inqas jiltaqgħu darba fil-ġimgħa, b'mod speċjali l-Erbgħat jew il-Ġimgħa, biex flimkien jitolbu u jfaħħru lill-Madonna.

Dan il-kult Marjan fostna l-Maltin ikompli juri s-saħħa tiegħu permezz ta' mijiet kbar ta' poeżiji u kotba li nkitbu kemm bil-Malti kif ukoll b'ilsna oħra u ġew stampati lokalment.

Ħadd ma għandu jaħseb li din il-wirja ta' devozzjoni u qima lejn Marija Santissima bil-bini ta' knejjes, kappelli u affarijiet oħra kienet jew hija xi kapriċċ. Xejn minn dan, imma hija persważjoni u xhieda qawwija li Marija dejjem kienet ta' għajnuna kbira u bla qies għal Malta. Ħalli nsemmi ftit avvenimenti li forsi mhux kulħadd sema' bihom kollha. Bejn is-sena 1467 u l-1470 kien hawn nuqqas ta' xita u nixfa kbira li għamlet ħsarat kbar. Il-Maltin daru lejn il-Madonna tal-Mellieħa, talbu bil-qalb u niżlet xita bl-abbundanza. L-istess kien ġara fl-1640 waqt nixfa oħra kbira. Fiż-żewġ okkażjonijiet kienu ġew organizzati velji ta' talb u purċissjonijiet. Interveniet f'diversi gwerer, u l-Maltin rebħu fuq l-għadu. Fi żmien il-Gran Mastru Wignacourt kien hawn ġuħ kbir minħabba nuqqas kbir ta' qamħ. Il-Gran Mastru personalment talab quddiem il-Madonna ta' Filermo fil-Katidral ta' San Ġwann, bagħat ix-xwieni tal-Ordni jattakkaw żewġ postijiet li kienu qed iżommu t-tagħbija milli tiġi (dawn kienu Patras u Lepanto) u minn hemm irnexxielhom iġibu l-qamħ.

Il-ħafna kwadri tal-ex-voto li jinsabu fil-knejjes tal-Madonna tal-Ħerba, Birkirkara, f'Tal-Ħlas, Ħal Qormi, fis-santwarju ta' Ħaż-Żabbar, fil-knisja tal-Ħniena, il-Qrendi, fil-knisja tal-Minsija, San Ġwann, u oħrajn huma xhieda kbira

ta' grazzji maqlugħa bl-interċessjoni tal-Madonna f'Malta, filwaqt li f'Għawdex hemm ta' Lourdes l-Imġarr, Ta' Pinu l-Għarb u Santa Marija tal-Qala. Insemmu wkoll li l-Madonna wriet ukoll li hija l-fejqan tal-morda meta għal diversi drabi Malta ntlaqtet mill-pesta, fosthom fl-1675 u fl-1813. Dejjem sibna lil Marija Santissima sejf u tarka tagħna waqt kull gwerra.

Ma nistax ma nsemmix in-numru kbir ta' fratellanzi u għaqdiet li permezz tagħhom il-Maltin urew id-devozzjoni tagħhom lejn Marija Santissima u t-tama lejn l-għajnuna tagħha. Huwa dokumentat li mill-inqas f'Malta u Għawdex hawn qrib it-80 fratellanza taħt xi isem tal-Madonna. L-aktar popolari huma dawk tar-Rużarju, 36 b'kollox, imbagħad hemm tad-Duluri, il-Kunċizzjoni u tal-Karmnu, kważi ndaqs. Anki f'Għawdex il-fratellanzi huma popolari wkoll, u nsibu tnax-il waħda. Minbarra l-fratellanzi nsibu wkoll il-kongregazzjonijiet, li huma popolari ħafna f'dawn iż-żminijiet fiż-żewġ gżejjer – bejn wieħed u ieħor hawn madwar 22 kongregazzjoni differenti, li jkollhom ukoll fergħat fl-irħula u l-bliet.

Ma nistax nagħlaq din il-kitba mingħajr ma nsemmi li Marija hija l-patruna speċjali ta' Malta u Għawdex. Kien fil-15 ta' Mejju 1848 meta l-Isqof Publiju Sant, li kien devot kbira ta' Marija Santissima, wara talba li huwa stess kien għamel lill-Papa, qala' brevi appostoliku li bih il-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju IX għoġbu jaħtar u jiddikjara lil Marija Santissima patruna speċjali ta' Malta u Għawdex, peress li dak iż-żmien iż-żewġ gżejjer kienu għadhom djoċesi waħda. Dan il-brevi appostoliku kien inqara propjament fil-Katidral ta' Malta fil-jum tal-ingress solenni tiegħu. Dan il-brevi appostoliku, li jinsab fl-arkivju tal-Isqof Sant, huwa ffirmat mill-Kardinal Lambruschini u jġib id-data tat-12 ta' Frar 1848.


*Dettall tal-kwadru antik li hemm fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa*

Illum il-ġurnata din id-devozzjoni tal-Maltin nistgħu ngħidu li tidher ukoll fin-numru kbir ta' pellegrini li ta' kull sena jmorru lejn santwarji sagri, bħall-Grotta ta' Massabielle f'Lourdes, fejn il-Madonna dehret lil Bernardette, illum qaddisa, u postijiet Marjani oħra madwar l-Ewropa kollha, u tmur lura għexieren ta' snin. Sal-lum nistgħu ngħidu li l-ewwel pellegrinaġġ li ġie organizzat mill-Maltin lejn Lourdes kien ġie organizzat bejn id-19 u t-28 ta' Awwissu 1895. Pellegrinaġġi oħra lejn postijiet Marjani huma bħal Fatima fil-Portugall, Loreto, Pompei u Pietrelcina, post marbut ma' Padre Pio, u hemm knisja ddedikata lill-Madonna tal-Grazzja, fl-Italja. Isiru wkoll pellegrinaġġi għal Aylesford, Kent, fir-Renju Unit u Medjugorje, fejn il-Madonna għadha tidher lil sitt viżjonarji fil-Bożnija. Dawn huma xhieda qawwija tal-fidi f'Ommna tas-sema. Dawn il-mawriet ma jkunux xi divertita lejn xi wħud mill-isbaħ pajjiżi fl-Ewropa, imma pellegrinaġġi spiritwali bħala xhieda qawwija ta' fidi u qima lejn Ommna Marija.



Fl-Okkażjoni tal-75 Sena mit-Tlestija tal-Bini tal-Knisja tal-Imġarr (1948-2023) tislima lil

# L-Imgħallem Bennej Imġarri Ġanmari Camilleri

Lina Deguara

Ġanmarì Camilleri hu iben l-Imġarr. Twieled fid-19 ta' Ġunju tal-1888, għaxar snin qabel ma l-Imġarr ingħata t-titlu ta' parroċċa. Għalhekk missieru u ommu, Vitor u Tereża, għammduh l-għada fir-Rotunda tal-Mosta. Dejjem baqa' l-Imġarr, fejn kien iktar magħruf bħala Ġamri s-Saqqafi. Kien jaħdem fil-ġebel ma' zijuh, Andrea Deguara, li mingħandu tgħallem is-sengħa tal-bini. Is-Surmast Cilia jgħid: "Għalkemm ta' ftit skola tgħallem il-ġometrija ta' bini u l-iskultura ta' erba' ordnijiet klassiċi" (Cilia, 1986, para. 5). Bena ħafna djar, kemm fir-raħal kif ukoll barra r-raħal. Bena l-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija u kellu sehem ukoll fil-bini tal-Kulleġġ San Alwiġi f'Birkirkara u fir-rikostruzzjoni tal-Palazz tal-Gvernatur fil-Belt Valletta. Imma l-ikbar biċċa xogħol li baqa' jirrakkonta tul ħajtu kollha u li tatu sodisfazzjon kbir kienet il-bini u, b'mod partikolari, l-għeluq tal-koppla tal-knisja tal-Imġarr.



*Il-knisja parrokkjali tal-Imġarr*

### *Il-bini tal-knisja parrokkjali*

Wara li ġew approvati l-pjanti u nħarġu l-permessi meħtieġa, f'Ġunju tal-1912 tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja, għalkemm ix-xogħol fuq il-pedamenti kien ilu li beda sa mill-1909 (Deguara, 1999). Il-pjanta ħażżha l-imgħallem Mosti Ġo Maria Camilleri, bil-perit Mosti M. Borg jagħmillu tajjeb (ibid). L-ewwel kappillan tal-parroċċa, ir-Reverendu Ġlormu Chetcuti, kien jaf sew bl-abilitajiet ta' Ġo Maria, u xtaq li l-knisja tkun f'forma elittika, fuq il-mudell tal-knisja tal-Karmnu tal-Imdina, bil-kappelli u l-kappelluni, imma ferm ikbar u bil-koppla. L-Imġarri Ġanmarì kien mill-bidu jaħdem fil-knisja, sa mill-pedamenti tagħha, bħala baqqunier u naġġar. Iktar tard intefa' fuq il-lavur. Is-Surmast Cilia jgħid: "Ġamri kellu jdejh tal-ħelu bħala naġġar tal-lavur" (Cilia, 1986, para. 5). Zijuh, Andrea Deguara, li kien l-ewwel bennej tal-knisja, kien jgħidlu li hu jaf jagħmlu

aħjar minnu (Intervista, 1971).[1] Iktar tard dik is-sena Ċensu Galea ta' Tula, mill-Mosta wkoll, intalab biex imexxi x-xogħol u wasslu sal-ewwel ordni. Kellu jħabbat wiċċu ma' ħafna saram għax l-imgħallem Ġo Maria tal-Mosta kien miet. Madwar is-sena 1928 il-bennej tal-knisja kien Toni Camilleri s-Saqqafi, ħu Ġanmarì, li qiegħed il-kolonni tal-portiku. Kien ukoll meqjus bħala l-assistent tal-imgħallem Ċensu Galea (ibid).

Irridu ngħidu li proġett kbir bħal dan kien ifisser ħafna flus, u għalkemm il-parruċċani Mġarrin taw kulma setgħu u daħlu għal ħafna xogħol b'mod volontarju, l-andament tal-bini ma kienx wieħed regolari. Meta ma kienx jifdal flus jew ġebel, il-bini kien jieqaf, kultant anke għal xi snin. Sal-1930 l-ewwel ordni kienet mibnija kollha, jiġifieri sal-ewwel gwarniċun il-kbir dawramejt mal-knisja kollha. Kien inbeda wkoll ix-xogħol fuq il-kampnar tan-Nofsinhar, sa taħt it-twieqi tal-qniepen. Ġara iżda li l-imgħallem Ċensu Galea ħalla x-xogħol ħabta u sabta. Il-Kappillan Chetcuti mar jagħti din l-aħbar lil Ġanmarì. Dan qallu biex ma jħabbilx rasu għax setgħu jkompluha huma (Intervista, 1971). Iktar tard fl-istess sena l-Kappillan Chetcuti wera x-xewqa li jispiċċa minn kappillan. Inħatar kanonku tal-katidral u mar joqgħod l-Imdina. Bħala t-tieni kappillan tal-parroċċa nħatar Dun Edgar Salomone, li kien ilu jgħin lil Dun Ġlormu sa mill-1920. Fost il-ferħ tal-poplu Mġarri l-pussess tiegħu sar sena wara, fl-1931. B'ħafna inizjattivi Salomone mill-ewwel beda jaħseb biex jiġbor il-fondi ħalli jkun jista' jkompli l-bini tal-knisja.


*Dun Edgar Salomone, benefattur kbir tal-Imġarr*

Wara waqfa ta' tliet snin, fl-10 ta' Mejju tal-1933 il-bini tkompla, din id-darba bl-imgħallem Imġarri Ġanmarì Camilleri jmexxi x-xogħol (Cilia, 1998). Bdiet tiela' t-tieni ordni, fejn hemm it-tmien twieqi kbar mad-dawra tal-knisja, bil-bennej ikun Toni Camilleri s-Saqqafi. Kien xogħol iebes u ta' tbatija kbira għal kulħadd, speċjalment biex inbena l-gwarniċun. Biżżejjed ngħidu li l-aħħar ġebla ta' dan kienet tiżen 14-il qantar. Minnhom kien hemm 88 ġebla fil-knisja u 125 ġebla n-naħa ta' barra (Cilia, 1998). Fit-tqegħid tagħhom l-imgħallem, il-bennej u l-ħaddiema kollha ħadmu flimkien b'ħila kbira, billi kull waħda minn dawn riedet toħroġ 'il barra aktar minn ta' taħtha biex jinħoloq il-gost tal-gwarniċun (Deguara, 1999).

### *Il-Koppla*

Bit-tlestija tat-tieni ordni issa kien imiss il-bini tal-koppla. Inqalgħu diffikultajiet kbar għax pjanti għaliha ma kienx hemm. Il-perit tal-knisja, Ugo Mallia, li kien

1 Din l-intervista saret lil Ġanmarì Camilleri mis-Surmast Ġanni Cilia fl-1971 u hemm rekording tagħha.

minn Għawdex b'uffiċċju l-Belt, wara ħafna snin jiġru warajh baqa' ma ssottometta l-ebda pjanta. Meta kitiblu Salomone, dan irriżenja. L-imgħallem Ġanmarì u s-Surmast Cilia marru jkellmu lis-Sur Ġużeppi D'Amato u l-Perit Micallef ta' Ħal Luqa. Wegħduhom ħafna u għaddew ix-xhur u ma ġie xejn (Cilia, 1998). Salomone qabbad lill-perit Mosti Mifsud Ellul. Lanqas dan ma deher li kellu tant ħajra li joqgħod iħabbel moħħu bil-kalkoli u d-disinji. Malajr ħeles minnhom u bagħat lis-Surmast jistudja 'l Vignola, li kien arkitett Taljan magħruf tar-Rinaxximent. Ġanmarì kien jgħid li l-knisja kellha xi difetti minn isfel, imma meta l-bini għola 'l fuq, dawn tant kibru li tellfu milli ssir pjanta kif kellha ssir. Kien żmien iebes ta' ħafna inkwiet, taħbit u taħbil il-moħħ. "Kellna x-xorti li l-imgħallem Ġamri s-Saqqafi ma jaqtax qalbu" (Cilia, 1986, para. 4). L-imgħallem u s-surmast, fid-dawl tal-lampa tal-pitrolju, bdew jiltaqgħu d-dar ta' Ġanmarì anke sa tard billejl, jitkellmu u jiddiskutu biex jaraw isibux tarf ta' kif trid tinħażż il-pjanta. Kienu ħbieb kbar u qatt ma ġġieldu. Imlew id-dar b'għaxriet ta' pjanti, fasslu ħafna ħżuż tal-koppla, skala ta' nofs pulzier kull pied, fuq il-ħitan tal-bitħa. Imma Ġanmarì ma kienx kuntent. Beda jifhem illi ladarba l-periti ma setgħux jagħmlu pjanta bil-ġometrija, hu kellu jaqbad triq oħra iktar prattika.


*Ġanmarì Camilleri u s-Surmast Cilia, li kien iżuru kuljum fi xjuħitu (circa 1971)*

Għalhekk ħareġ bl-idea li jagħmel pjanta full scale fil-pjazza tal-Imġarr, li kienet għadha kif twessgħet mill-gvern, il-Jubilee Esplanade. Is-surmast jikteb hekk: "Ġamri qalli li jekk għandna l-ħila nħożżuha, jiena ma naqtax qalbi; nagħmilha" (Cilia, Dawl il-Punent, 1992). B'reqqa kbira, bil-qisien li tahom Toni Camilleri, li baqa' jiftakarhom mill-ewwel imgħallem Ġo Maria Camilleri, Ġanmarì u s-Surmast Cilia bdew iħożżu. Kull meta kienu jagħmlu concentric circle li għandu ċ-ċentru bħall-ieħor imma naqra inqas, Ġanmarì, fuq naqra ta' pitazz, kien iħożż kemm hu, sewwa fin-naħa ta' quddiem u sewwa fin-naħa tal-ġenb. Sabu li biex tingħalaq il-koppla riedet 50 filata. (Cilia, Dawl il-Punent, 1992)

Permezz ta' dawn il-ħżuż "Ġamri mbagħad għamel pjanti bi skala ta' nofs pulzier kull pied u ġieb lill-imgħallem Salvu Żahra tal-Mosta biex iħożżlu kif għandu jsir il-qtugħ tal-ġebel tal-koppla" (Cilia, 1998: 73-75). Iż-Żahra, kif kien magħruf, kien imgħallem bennej stmat. Ħażż u bena ħafna mid-djar sbieħ li hemm fil-Mosta, bena knejjes, daħal għal ħafna bini pubbliku, fosthom l-iskola primarja tal-Imġarr, għamel xogħol fir-Rotunda eċċ. (Borg, 2010; Cassar, 2006). Kien imfittex ħafna għall-pariri. Ġara illi meta ġie jara l-pjanta tal-koppla, wara li pprova ħafna, hu ħażż il-pjanta tiegħu, li kienet toħroġ 'il barra mill-gwarniċun. Fuq erba' naħiet tal-knisja l-pjanta kienet toħroġ pied u tlieta 'l barra fuq il-mejjet. Baqa' jinsisti magħhom li hekk bilfors trid tiġi, mill-bqija l-imgħallem ma kienx

se jagħlaqha. Ġanmarì assolutament ma qabilx miegħu u qallu: "Koppla hekk ma nibnihiex. Jew nagħmilha sewwa jew ma nagħmel xejn" (Intervista, 1971). Hu żamm iebes għax kien jemmen ħafna fil-pjanti li kienu għamlu hu u s-surmast, u li tant swewlhom ħsieb u tbatija. Iż-Żahra reġa' fela l-pjanti li ppreżentalu Ġanmarì u sab li ma kienx hemm angli, ħaġa li Ġanmarì kien ċert minnha. Wara dan l-episodju kemm iż-Żahra kif ukoll il-Perit Mifsud Ellul it-tnejn qalu li l-bini tal-koppla seta' jsir. Minn hemm Ġanmarì ħa t-tmexxija u r-responsabbiltà kollha, bħala mgħallem u bennej, biex b'għaqal, b'dehen u b'maestrija fis-sengħa tal-bini jsarraf dawk il-pjanti f'koppla soda, estetikament sabiħa u, f'dak l-għoli u f'dak il-periklu, b'ħarsien sħiħ tas-saħħa tal-ħaddiema.

Il-bini tal-koppla beda fl-1936 u filata wara filata bdiet tielgħa ġmielha. Ġanmarì kien jaf kull ġebla u l-istorja tagħha. Isemmi waħda partikolari, ġebla kbira n-naħa ta' fejn kien il-forn fi Triq il-Kbira, li kidditu ferm biex qegħedha. Ftit 'il fuq minn nofs il-koppla Ġanmarì ħoloq mezz kif isaqqaf il-koppla kollha b'antarjoli, travi u tavluni, bi tnejn fuq kull naħa minn dawn ingastati ġol-ħajt, ħalli jkunu jistgħu jaħdmu minn fuqu (Deguara, 1999). Mhux kollox kien ward u żahar. Is-Surmast Cilia jgħid li f'mument minnhom inħolqot problema kbira. Mgħobbijin b'familji kbar il-ħaddiema talbu żieda fil-ħlas. Il-Kappillan Salomone ma riedx jagħtihielhom u qam it-tilwim. Minħabba xi diskors żejjed li ntqal, l-imgħallem u l-ħaddiema telqu minn fuq il-post tax-xogħol u l-bini tal-knisja waqaf ħesrem. Mhux eskluż li f'dan iż-żmien saru xi tentattivi biex jinġieb imgħallem ieħor minn barra r-raħal. Din il-biċċa tranġat meta, Ħadd minnhom filgħodu, ċorma rġiel Imġarrin, immexxijin minn Lażżru Camilleri Tal-Mitalla miż-Żebbiegħ, Peppi Falzon Tal-Laħam u Mikiel Gauci ċ-Ċappella, marru jħabbtu l-bieb ta' Ġanmarì fi Triq Dun Edgar u talbu li jkellmuh. Ħaqqewha miegħu li l-knisja kienet tagħhom u huma riedu lilu li jkompli l-bini tal-knisja. Indaħal "Dun Vinċenz Caruana u kkonvinċa lil Dun Edgar li ż-żieda kienet xierqa" (Cilia, 1998: 75). B'xi mod il-flus instabu, ix-xewqa tal-ħaddiema nqatgħet u għalhekk ix-xogħol seta' jitkompla.

Iktar 'il fuq, xħin il-koppla waslet f'fażi delikata ħafna li tibda tingħalaq, Ġanmarì xtaq parir dwar il-ħxuna tal-ġebel. Jekk iħaxxinha ħafna l-ġebla kienet taqagħlu 'l isfel, u jekk iraqqaqha ħafna kienet tibqagħlu wieqfa. Marru għand perit Ħal Luqa li qalilhom li ser jibagħtilhom xi pjanti. Għadda xi żmien u ma bagħat xejn. Ġanmarì deherlu li kellu jagħmilha hu, kif jidhirlu li hu l-aħjar (Intervista, 1971). B'galbu u bi preċiżjoni kbira Ġanmarì beda bil-mod il-mod itarraf ġebla ġebla, filata fuq filata, sakemm irnexxielu jagħlaq l-aħħar filata bil-gwarniċa li fuqha kellha tistrieħ il-lanterna. Din tqiegħdet fid-9 ta' April tal-1939, meta t-Tieni Gwerra Dinjija kienet diġà bdiet fl-Ewropa. Meta ngħalqet il-koppla l-ħaddiema kollha spiċċaw fuq għax ma kellhomx armar għal isfel. Tellgħu l-għodda u kulma setgħu fuq ukoll, imma s-saqaf li kien għamel Ġanmarì ma setax jiżżarma għax kien 'l isfel wisq u ma kienx hemm fuqiex toqgħod. Għalhekk il-ħaddiema ħasbu fi pjan: wieħed mill-ħaddiema, Ġużepp Galea Ta' Luċija, imtedd mal-art fuq

l-aħħar gwarniċa, iħares 'l isfel lejn nofs il-knisja, bi sħabu jżommuh sewwa. Intrabat ħabel ma' tavlun li kien ingastat mal-ħajt. Ġużepp żamm dan il-ħabel f'idu u b'saħħa ġibdu 'l barra filwaqt li telqu minn idu. It-tavlun inqala' minn mal-ħajt, ġibed miegħu t-tavluni l-oħra u l-armar kollu waqa' 'l isfel f'nofs il-knisja. Ġanmarì jgħid li l-ħaddiema tgħidx kemm ċapċpu u ferħu li l-pjan tagħhom kien irnexxa. It-toqob tat-tavluni f'nofs il-koppla għadhom hemm sal-lum. Ġanmarì kien jgħid li dawn iridu jitgħattew meta l-koppla ssirilha dawra sewwa minn ġewwa. Imma wara 85 sena l-koppla għadha hekk, kif ħallieha Ġanmarì. "Fit-13 ta' Awwissu tal-istess sena l-knisja l-ġdida ġiet imbierka bis-solennità kollha mix-xwejjaħ Mons. Ġlormu Chetcuti, bħala delegat tal-Arċisqof Mauro Caruana, fost il-ferħ tal-poplu Mġarri." (Cilia, 1998: 75)

Il-gazzetta Times of Malta rrapportat dan l-avveniment hekk: "From all accounts this elliptical church is in many ways a marvel of Maltese architecture and shows the faith of our people and the unstinted generosity of our hardy farmer folk" (Times of Malta, 12/08/1939: 10). Tkompli hekk: "There being no plans, but the bare outline of the project, for the dome, the whole brunt of the enormous responsibility of carrying it all out to the splendid achievement we behold this day, was borne by the valiant Mġarri, Ġio Maria Camilleri, and his courageous crew, also from Mġarr. All credit is due to him for his patience, perseverance and consummate skill in planning and raising up the most difficult elliptical dome we now admire as much as the crowning beauty of this church."

### *Il-Lanterna*

Matul it-Tieni Gwerra, li f'Malta bdiet f'Ġunju tal-1940, ix-xogħol fuq il-bini tal-knisja waqaf għalkollox. Sa ċertu punt kienet opportunità biex il-Kappillan Salomone jieħu xi ftit tan-nifs u jiġbor xi ftit flus oħra. Wara l-gwerra l-kappillan u l-kleru ħasbu biex jitkompla l-bini tal-knisja u tingħalaq kompletament b'lanterna. Din kienet biċċa xogħol kbira oħra u "daħal ukoll ftit tal-biża' dwar x'għamla ta' lanterna tiflaħ il-koppla, u liema jista' jkun l-aħjar mod kif il-lanterna sservi ta' kuruna għal dik il-koppla mingħajr ma tkun tqila ħafna" (Deguara, 1999: 221). Il-pjanti li kien hemm ma kinux ċari u ma ntgħoġbux. Tqabbad Ġużè Damato biex jagħmel pjanta ġdida, li iżda ma setgħetx issir għax kienet xi ftit goffa. L-imgħallem







*L-imgħallem Ġanmarì Camilleri u l-ħaddiema waqt ix-xogħol fuq il-koppla tal-knisja parrokkjali tal-Imġarr (circa 1939)*

Ġanmarì, bi ftehim mas-Sur Damato, ħaseb biex jagħmel pjanta ġdida. Minħabba l-periklu u d-djuq li kien hemm biex jibni l-lanterna hemm fuq Ġanmarì ġietu l-idea brillanti li jibni l-lanterna isfel fuq l-art mingħajr tajn. Din saret mal-ġenb tal-knisja n-naħa ta' Triq Dun Edgar. Biex din tinħatt u terġa' tinbena f'postha issa kien importanti ħafna li l-ġebel ma jinbidilx, għax dak li jinħatt l-ewwel ried jitqiegħed l-aħħar. Għalhekk ivvinta sistema ta' numri u kuluri li jagħżlu ġebla minn oħra minn fuq s'isfel. Kull ġebla kellha numru u kulur (Intervista, 1971). Hekk, meta reġa' beda l-bini fi Frar tal-1946 ix-xogħol mexa ħarir u f'ħakka t'għajn il-lanterna ngħalqet.

F'dan iż-żmien Ġanmarì bdew juġgħuh saqajh u ma setax jitla' t-taraġ tal-knisja kif kien jagħmel qabel għal mill-inqas darbtejn kuljum. Għalhekk kien jidħol f'bajla tal-konkos u jafda biss lil ibnu Grezzju biex bil-krejn itellgħu hemm fuq. F'Awwissu tal-1947 tqiegħed is-salib ta' fuq il-lanterna. Tħares minn fejn tħares lejn il-knisja – mill-għoli, mill-baxx, minn Binġemma, mill-Iskorvit, minn fejn it-torri tal-Lippija, minn Ta' Mrejnu – ħlief armonija fl-iskutella tal-koppla u l-lanterna ma tarax. Jekk kien hemm bżonn ta' prova oħra ta' dan, din seħħet fis-sena 2000 meta għall-ewwel darba ddendel il-lampier mis-saqaf tal-lanterna 'l isfel għal ġo nofs il-knisja. Kieku l-koppla ġietu mbandla jew b'xi difett ieħor, il-lampier kien jikxef kollox. Imma l-istess, tħares minn fejn tħares minn ġewwa l-knisja 'l fuq lejn il-koppla, ħlief armonija ma tarax. Min jaf kemm l-Imġarrin irringrazzjaw lill-Mulej meta fis-17 ta' Awwissu tal-1947 saret ġurnata ta' radd il-ħajr lil Alla b'Ġesù Sagramentat solennement matul il-ġurnata kollha. Tkompla l-bini li kien jonqos mill-kampnari, l-erba' koppletti u s-sagristija biex sal-4 t'April tal-1948 il-bini tal-knisja kien lest għalkollox. Ta' min jgħid li parti mis-sagristija kien għad baqa' xi bini u xogħol xi jsir fuqha. Dan qed isir bħalissa, wara 75 sena, mill-kappillan tal-parroċċa Dun George Schembri.

***Gratitudni***

B'rikonoxximent u bi gratitudni għall-ħila u l-qlubija li wera l-imgħallem Imġarri fil-bini tal-knisja tagħha, il-parroċċa tatu l-opportunità li jmur jara s-sbuħija naturali tal-Italja ta' fuq, in-naħiet ta' Lago Maggiore, Lago di Como u Lugano. Imma fuq kollox huwa mar jara wkoll il-meravilji monumentali ta' Ruma: il-Bażilika ta' San Pietru u l-kolonnat tal-Bernini, il-Kappella Sistina tal-Michelangelo, il-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore, il-Bażilika ta' San Paolo Fuori Le Mura, il-Lateran u l-Panteon. Gianmarì ġie lura Malta msaħħar b'dawn il-kapolavuri. Snin wara, f'nofs is-sebgħinijiet, fi żmien il-Kappillan Dun Kalċidon Vassallo, saret pittura minn Rafel Bonnici Calì li turi lil Ġanmarì jżomm skwerra waqt li jipponta, kburi u ferħan, lejn il-knisja. Meta daħal fis-seħħ il-kunsill lokali fid-disgħinijiet kien imiss issa lis-soċjetà ċivili biex tirrikonoxxi x-xogħol ta' dan l-imgħallem Imġarri billi ssemmi triq għalih. Din l-idea kien diġà ħasibha u pproponieha s-Surmast Ġanni Cilia snin qabel, meta kien qed jitkellem dwar dak

li għadda minnu u wettaq Ġanmarì: "Ma kienx jixraq għalhekk li tissemma triq għal dan il-patrijott qalbieni?" (Cilia, para. 5, bla data). Din it-triq tinsab fl-ewwel traversa fuq ix-xellug fi Triq il-Kbira hekk kif tħalli l-knisja warajk.

Il-knisja tal-Imġarr u l-koppla tagħha tibqa' tqanqal stagħġib u ammirazzjoni lejn dak li rnexxielhom jagħmlu l-Imġarrin b'tant perseveranza, ġenerożità u mħabba lejn it-tempju t'Alla.

***NOTA:***
*Lina Deguara kienet kap ta' diversi skejjel primarji u sekondarji tal-gvern. Ġanmarì Camilleri jiġi n-nannu tagħha u għandha tifkiriet sbieħ tiegħu jirrakkonta ġrajjiet mill-bini tal-knisja parrokkjali tal-Imġarr.*

***Referenzi***

*Borg, Joseph G.M. (2010). "Mastru Salve Zahra (1874-1960) bennej, mgħallem u arkitett". Il-Mosta, Ħarġa nru 10; format ġdid.*
*Cassar, George (2006). "Mostin li għamlu isem: l-Imgħallem Salvu Zahra (1874-1960)". Il-Mosta. Ħarġa nru 1; format ġdid.*
*Cilia, Ġ. (1986). Diskors tad-Diamond Jubilee, f'għeluq is-60 sena tal-ħidma tiegħu fl-Imġarr.*
*Cilia, Ġ. (bla data). "Toroq fl-Imġarr", Arkivji.*
*Cilia, Ġ. (1992). "Niltaqgħu mas-Surmast Cilia". Dawl il-Punent, nru 49, Ħarġa t'Awwissu 1992.*
*Cilia, Ġ.A. (1998). L-Imġarr matul iż-Żminijiet. X'Naf u x'Niftakar Dwaru. Colour Image: Mġarr, Malta.*
*Deguara, A. (1999). L-Imġarr, il-Ħajja u l-Ħidma ta' Niesu mill-Qedem sal-Lum. Colour Image: Mġarr, Malta.*
*Times of Malta, August 12, 1939. "Farmer's Church at Mġarr; 360,000 eggs help to raise it".*







# Kif San Franġisk Ipinġi lil Marija

Patri Mario Attard OFM Cap

Wieħed mill-aktar kwadri sbieħ li jpinġi San Franġisk t'Assisi b'kitbietu hu dak ta' Marija Omm Alla u Omnna. Il-kwadru li jagħtina ta' Marija jieħu, tista' tgħid, żewġ sfumaturi. L-ewwel, fih naraw il-missjoni ta' Marija kemm bħala servizz tal-fidwa kif ukoll għall-glorifikazzjoni tat-Trinità Qaddisa.

Il-Marjoloġija, jew aħjar ir-riflessjoni fuq Omnna Marija li jagħtina San Franġisk, kienet miżgħuda b'sentimenti kavallereski kif ukoll bil-pjaċir tal-viċinanza tal-Mulej kif imwassla u mgħixa fl-imitazzjoni ta' Marija, l-aktar fl-atteġġament tal-umiltà u t-tama. Ir-rabta ta' San Franġisk ma' Marija tingasta ruħha fil-viżjoni tar-relazzjoni intima tal-Verġni Mqaddsa mal-opra tal-fidwa. Lilha nafu li l-ħniena tal-Mulej ġiet fostna. Dan l-għaliex hi rabbiet lil ħuna, il-Mulej tal-Maestà.

F'talba fir-Regola Mhux Bullata (Mhux Approvata) li fiha Franġisku jfisser it-twemmin tiegħu għax jirringrazzja lill-Mulej għax-xogħlijiet salvifiċi li wettaq, il-Fqajjar t'Assisi jistqarr: *O Alla li tista' kollox, l-aktar qaddis, l-aktar għoli u kbir… U rroddulek ħajr għax kif ħlaqtna permezz tal-Iben tiegħek hekk ukoll bl-imħabba qaddisa tiegħek* ***li biha ħabbejtna*** (ara Ġw. 17, 26) *ridt li Hu jitwieled, Alla veru u bniedem veru, mill-glorjuża dejjem Verġni u l-aktar hienja l-imqaddsa Marija* (Regula Mhux Bullata, kap. 23:1.3). Xi ħaġa tabilħaqq interessanti li nistgħu ninnutaw f'dan it-test hu li Franġisku jseħħlu jgħaqqad l-adorazzjoni tal-ħlejqa umli tal-bniedem mal-maestà ta' Alla, li hi tant karatteristika tal-ħsieb devozzjonali tal-Medjuevu tal-bidu, mal-gratitudni mimlija mħabba għall-viċinanza tal-Mulej lejna għax twieled minn Marija.



*San Franġisk u Marija*

Il-maternità divina ta' Marija mhux biss hi għan ta' tifħir u radd il-ħajr lill-Missier

tas-Sema imma hi wkoll l-ewwel u l-aqwa raġuni biex wieħed ifaħħar u jonora lil Marija. San Franġisk, meta jitħaddet fuq Marija, juża termini realistiċi li minn naħa waħda jitħaddtu dwar Ġesù Kristu li hu daqshekk qaddis, li jistħoqqlu u glorjuż, u min-naħa l-oħra dwar il-ġuf ta' Marija Verġni li rċieva l-umanità u l-fraġilità tagħna. Fit-tieni redazzjoni tal-*Ittra lill-Insara* San Franġisk jikteb hekk: *Il-miġja mis-sema ta' dan il-Verb tal-Missier, hekk meqjum, qaddis u msebbaħ, kienet imħabbra mill-Missier l-Aktar Għoli nnifsu, permezz tal-Arkanġlu Gabrijel, lill-imqaddsa u Verġni glorjuża. Mill-ġuf tagħha ħa ġisem veru bħal tagħna u libes l-istess dgħufija tagħna l-bnedmin* (*Ittra lill-Insara II*, 72, 4).

Fit-*Tislima lill-Verġni Mqaddsa Marija* l-parti ewlenija hi dedikata lill-maternità ta' Marija. F'din il-parti wieħed japprezza t-titli kommoventi li San Franġisk jagħti lil Ommna Marija: *Sliem għalik, palazz tiegħu; Sliem għalik, tabernaklu tiegħu; Sliem għalik, dar tiegħu; Sliem għalik, ilbies tiegħu; Sliem għalik, qaddejja tiegħu; Sliem għalik, Omm tiegħu!* (*Tislima lill-Verġni Mqaddsa Marija*, 4-5).

Fl-*Uffiċċju tal-Passjoni tal-Mulej* San Franġisk jesprimi, f'forma ta' tifħir, u dan jagħmlu billi jitlob li jingħaqdu miegħu l-ħlejjaq kollha, il-fidi fl-inkarnazzjoni ta' Alla fil-ġisem ta' Marija. Fil-ħames parti ta' dan l-uffiċċju għal żmien il-Milied sal-ottava tal-Epifanija, eżattament fl-Għasar tal-Milied, insibu miktub hekk: *Għax il-Missier l-aktar qaddis tas-sema, Sultan tagħna, sa minn qabel iż-żminijiet* (S. 73, 12a) *bagħat mill-għoli 'l Ibnu l-maħbub, u twieled mill-Imqaddsa Xebba, il-Qaddisa Marija.*

Fil-ħsieb ta' San Franġisk, Marija hi dejjem f'relazzjoni mat-Trinità Qaddisa. Interessanti wieħed jara li meta l-Fqajjar t'Assisi jfaħħar lil Marija, dan qatt ma jagħmlu għaliha nnifisha imma dejjem f'rabta sħiħa mat-Tliet Persuni Divini. Hekk jgħannilha San Franġisk lil Marija: *Sliem għalik, o Sinjura qaddisa, u Sultana, omm imqaddsa ta' Alla, xebba li sirt Knisja! Magħżula mill-Missier l-aktar qaddis tas-sema, u minnu kkonsagrata, flimkien ma' Ibnu l-għażiż* u l-a*ktar qaddis, mal-Ispirtu s-Santu, id-Difensur* (*Tislima lill-Verġni Mqaddsa Marija* 1-2).

Il-privileġġi kollha ta' Marija, b'mod partikolari l-verġinità bla mittiefsa tagħha, iwasslu lil Franġisku biex jaħseb, fuq kollox, fuq ix-xogħol imwettaq mill-Mulej f'Marija sal-punt li din il-ħlejqa ssir totalment disponibbli għax-xogħol tat-Trinità Qaddisa. Marija, bħala ħlejqa magħmula oġġett ta' attenzjonijiet partikolari mill-grazzja divina, hi għal San Franġisk magħquda ma' kull persuna divina tat-Trinità ġaladarba taqbel perfettament mal-preżenza tagħhom li qed taħdem fiha. Fl-ewwel antifona tal-*Uffiċċju tal-Passjoni tal-Mulej* insibu miktub hekk: *Qaddisa xebba Marija, qatt ma twieldet oħra bħalek fost in-nisa, bint u qaddejja tas-Sultan l-aktar* għoli *u tal-Missier tas-sema, Omm il-Mulej tagħna, il-wisq qaddis Ġesù Kristu, u għarusa tal-Ispirtu s-Santu.*

Għax Marija hi *l-għarusa tal-Ispirtu s-Santu* teżisti rabta speċjali bejnha u bejn il-missjoni tal-Ispirtu s-Santu fiha. Għalhekk San Franġisk mhux biss jirrikorri għall-patroċinju ta' Marija imma jieħu l-istess atteġġamenti tagħha quddiem il-

Mulej. Hekk bħalma hi tnissel u tiled anki hu jilqa' u jagħti d-dawl lill-Kelma ta' Alla billi jagħtiha ħajja u forma. Fl-ispiritwalità ta' Franġisku Marija hi avukata mhux biss bit-talb imma wkoll bl-eżempju tagħha. Marija titlob għalina l-azzjoni li tista' kollox tal-Ispirtu s-Santu li għamlet fiha l-Omm Verġni ta' Kristu u, bl-eżempju, tgħallimna biex inkunu miftuħa għall-istess Spirtu s-Santu sakemm Kristu jista' jitwieled anki fi qlubna.

Dan jgħidu Franġisku stess fl-*Ittra lill-Insara II*, fejn, wara li jafferma l-bżonn tal-konverżjoni sħiħa mill-atteġġament tal-egoċentriżmu, li qiegħed fina, jassigurana li *dawk kollha, irġiel u nisa, li jkunu għamlu dan, u baqgħu sal-aħħar,* ***l-Ispirtu tal-Mulej jistrieħ fuqhom*** *(Is. 11, 2) u jagħmel fihom il-****post fejn jgħammar*** *(ara Ġw. 14, 23). U jkunu wlied il-Missier tas-smewwiet (ara Mt. 5, 45), huma li jagħmlu l-għemejjel tiegħu. U għalhekk huma l-għarajjes, l-aħwa u l-ommijiet tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu (ara Mt. 12, 50). Aħna għarajjes meta r-ruħ fidila tingħaqad ma' Ġesù bir-rabta tal-Ispirtu s-Santu. Aħna ħutu meta nagħmlu* ***r-rieda tal-Missier*** *tiegħu li hu fis-smewwiet (ara Mt. 12, 50).* Aħna ommijietu, *imbagħad, meta nġorruh f'qalbna u f'ġisimna bl-imħabba u b'kuxjenza safja u sinċiera (ara 1 Kor. 6, 20) u nilduh bl-għemejjel qaddisa tagħna, li għandhom ileħħu quddiem l-oħrajn bħala mera ta' eżempji tajba (ara Mt. 5, 16).*

U hawn jinġabar l-għan aħħari ta' San Franġisk fil-wiċċ li qed jibni ta' Marija, jiġifieri li int u jien insiru bħalha. F'kelma waħda li nagħtu widen bis-serjetà għal dak li tgħidilna fit-tieġ ta' Kana: *Agħmlu kulma jgħidilkom hu* (Ġw. 2, 5). Marija, qabel qalithulna, dan għexitu hi stess.

*O Marija, itlob għalija ħalli nwettaq il-Kelma tal-Mulej u hekk Kristu Ibnek jitwieled u jgħix tassew ġewwa fija. Ammen.*

N

NORTH 2 SOUTH

**Drainage House Connections**
**and Mini Excavation Works**

**Stephen Cini - 7999 6997**

# Servizzi Mużikali mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, l-Imġarr A.D. 2011, Sena 2023

| Data | Attività | Lokal |
|---|---|---|
| 7 ta' Jannar | Programm tal-Epifanija | L-Imġarr |
| 5 ta' Frar | Programm Mużikali Ġieħ l-Imġarr | L-Imġarr |
| 16 ta' Lulju | Festa ta' San Ġużepp | Il-Kalkara |
| 29 ta' Lulju | Festa tas-Sultana tal-Martri | San Pawl il-Baħar |
| 30 ta' Lulju | Festa ta' Santa Vnera | Santa Venera |
| 16 t'Awwissu | Programm vokali u strumentali<br>Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 18 t'Awwissu | Marċ brijuż tal-aħħar jum tat-tridu<br>Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 19 t'Awwissu | Marċ brijuż<br>Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 20 t'Awwissu | Purċissjoni u programm mużikali<br>Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |

# Programm Vokali u Strumentali

## mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr
## Taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Tancred Grech
## fuq il-planċier f'Wesgħat il-Ġublew, l-Imġarr
## Nhar it-Tlieta, 16 ta' Awwissu 2023

| | | |
|---|---|---|
| Innu Popolari | **L-Imġarr Iben Marija**<br>***(Jieħu sehem il-kor tal-parroċċa Regina Coeli)*** | *Mużika: Vincenzo Ciappara*<br>*Lirika: Ġanni Cilia* |
| Innu Popolari | **Infaħħruk Dejjem**<br>*(Sopran: Claire Caruana)* | *Mużika: Tancred Grech Lirika: Joseph Caruana* |
| Fanfarra | **Fanfare Festive** | *Michael Geisler* |
| Silta | **Beautiful Tango**<br>*(Jidderieġi l-Asst Surmast Mro Mauro Spiteri)* | *G. Noris* |
| Innu l-Kbir | **Lil Santa Marija**<br>*(Jieħu sehem il-kor tal-parroċċa Regina Coeli)* | *Mużika: Joseph Abela Scolaro*<br>*Lirika: Dun Oraz Vella* |
| Song | **March with Me**<br>*(Sopran: Clare Caruana)* | *Vangelis* |
| Silta | **San Diego** | *Juan A. Perez* |
| Talba | **Salve Regina**<br>*(Sopran: Clare Caruana)* | *Chris Sciberras* |
| Silta | **Funiculi-Funicula**<br>*(Jieħu sehem il-kor tal-parroċċa Regina Coeli u t-Tenur Georg Zammit)* | *Arr. Eduardo Suba* |
| Innu Marċ | **Sultana tal-Imġarr** | *Mużika: Tancred Grech Lirika: Joe Julian Farrugia* |
| Innu tal-Banda | **Marija Mtellgħa s-Sema** | *Mużika: Mario Testa*<br>*Lirika: Kav. Ġorġ Bianchi* |

*Is-Surmast Direttur Mro Tancred Grech FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE*

*Il-kor tal-parroċċa Regina Coeli se jkun fit-tmexxija ta'*
*Mro Mary Cauchi BA (Hons) L.Mus., LCM, ALCM.*



*Tippreżenta l-programm is-Sinjorina Claudine Muscat*

*Se jkun hemm is-siġġijiet biex wieħed ikun jista' jsegwi l-programm*

***Kulħadd hu mitlub ikun f'postu fid-8.45 p.m***




THERMASEAL
THERMASEAL LIMITED
ROOF INSULATION
AND WATERPROOFING
SPRAY-ON FOAM
Ġanni Vassallo Street, Luqa Bypass - Luqa LQA 1515 - Malta.
Tel/Fax: 21 237 712 • 21 241 711 • Mob: 9947 0879
13, Triq il-Fewdu Żabbar, Malta
E-mail: admin@thermasealmalta.com • Website: www.thermasealmalta.com
Tel: +356 2123 7712, +356 2124 1711 • Mob: +356 9947 0879
Email: admin@thermasealmalta.com Website: www.thermasealmalta.com

Centric Computers

**Computer & Laptop Repairs**
**Network Setups**
**Display and Audio**
**Cables and Peripherals**
**Custom PC Builds**
**Input / Output Devices**
**VHS to DVD/USB Conversions**
**Printer Setups & Inks**

Bayview, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar
T: 2157 4001 M: 7746 9333
F: @Centric Computers

# Thermomix TM6

*a smarter way to cook*

- √ Replaces over 20 kitchen appliances
- √ And it cooks!
  e.g. risottos, pasta dishes, sauces, soups, stews, curries, pie filling, stock and curry pastes, butters, baby food, custards, rice pudding, jams and chutneys, yoghurt, sweets, ice cream, sorbets, cocktails/mocktails, smoothies and much more!
- √ Also features multi-level cooking

SO SAVE TIME AND MONEY AND LET THERMOMIX DO THE COOKING !

*For a free demonstration and advice do not hesitate to contact your official Thermomix advisor Caroline Ciappara on 9945 7587*




BALLUT BLOCKS
FROM STRENGTH TO STRENGTH
PROVIDING SERVICE TO THE CONSTRUCTION INDUSTRY
Ballut Blocks, formed in 1961, is one of the earliest to be established in the local building and construction industry and was amongst the very first to be registered as a limited liability company in 1994. Over the years the Company has expanded, from the production of concrete blocks to the manufacture of all types of prefabricated concrete products and to the formation of a comprehensive fleet of specialised equipment for earth-moving, rock cutting and other civil engineering works.
Precast Windows
Demolition Works
Trenching Works
Concrete Bricks
Excavation
Piles
Tunnelling
Precast Slab Roofing
Ready Mix Concrete
Piling Machine
Tunnelling Machine
Precast Walls
GPC
Concrete Solutions
www.ballutblocks.com

RPJ



**New Tyres:**

- Car
- 4x4
- Light Truck and Van
- Heavy Truck
- Agriculture
- Off the Road
- Earth Moving

- Alloy Wheels
- All Tyre Repairs
- Wheel Balancing
- Car Care Products





Sole Agents for:

LASSA Radar petlas

Alloy Wheels:

MAK Arcasting

Also Available Brands:

Firestone GOODYEAR HANKOOK MICHELIN BRIDGESTONE BFGoodrich PIRELLI DUNLOP TOYO TIRES




**Mobile: 99 042 285 / 99 448 417**

**Email: rpjtyresandwheels@gmail.com**

**Website: www.rpjtyres.com**

**Address: 236, Triq iz-Zebbiegh, Mgarr, MGR 9030**

**Opening Hours:**

**Monday – Friday: 7:00 – 18:00**

**Saturday: 7:00 – 13:30**


Delivering solutions for you
24HR
EMERGENCY SERVICES
MV
Electrical & Plumbing Installations Ltd.
1 Ta' Zeppu Flats,
Triq Santa Marija, Mgarr MGR 1529
CALL 99475356 / 99450972
EMAIL info@mvmalta.com
FIND US ON FACEBOOK
MV Electrical & Plumbing Installations



# The Store for all your needs

**Electrical, Plumbing, Building Materials, DIY, Lighting, Sanitary, Paints ... & more.**




## MV Hardware

176, Triq Sir Harry Luke,
L-Imġarr.

**CALL** 2157 5397
7977 0282

**FIND US ON FACEBOOK**
MV Hardware

# C Gatt Midland Steel Works

Block D Midland Micro-Enterprice Park
Triq Burmarrad, Naxxar NXR6345
Mob No: 99823982
Tel. No: 27036638
Email: cgattweld@gmail.com
http://www.facebook.com/cgattweld

**- Gates - Certified Overhead Cranes**
**- Spiral Staircase - Railings**
**- Balconies - Steel Structures**
**- Window Grills - Steel Stairs**
**- Skylights - Boat Trailers**















# MICHAEL AGIUS

***Agricultural Machinery***
***Sales & Services***

10, Triq l-Iskavi cr.
Triq il-Banjijiet Rumani,
l-Imġarr Malta

T: 2158 3262
M: 9987 5035
E: michael.a.agius@gmail.com










FRESH DAILY
# RODNEY'S
— ESTD. Fish Shop 2014 —

EXCLUSIVE SHOP FOR

Diliberto
SolMar
Ferrara
Santa Rita
gli Aironi

## Opening Hours

Monday 11:00 - 18:30
Tuesday to Friday 09:00 - 18:30
Saturday 09:00 - 14:00
Sunday flexible hours, mornings only

**98, Vjal l-Indipendenza, Mosta**
**Tel: 2142 4311**


BLAUGRANA
CERAMICS
Importers of Tiles from Italy & Spain
Specializing in Bathrooms and Floor Ceramics
Johann Said
mob: 99728174
• Tile Laying
• Bathroom Accessories
• Mixers
90, Main Street, Mgarr, Malta
info@blaugrana.com.mt
www.blaugrana.com.mt


Mgarr Farmers
Snack Bar
& Bennej Restaurant
Home Made Food!
Sir Temi Zammit Street, Mgarr - Malta
Tel: 2157 1328, 7959 4938


GREEN ENERGY
saver
(PROP MARK VELLA)
INSPIRED FOR ENERGY SAVINGS
BILLS
HATE YOUR ELECTRICAL BILLS?
WE CAN HELP WITH:
• LESS ENERGY & POWER
• LESS ELECTRICAL BILLS
• 100% LIFESPAN ON EQUIPMENT
SUITABLE FOR:
• RESIDENTIAL
• COMMERCIAL
• & INDUSTRIAL PREMISES
INFO @ 9942 9644
Money Back Guaranteed

# IDEAL FARMHOUSES
## GOZO

**Luxurious farmhouses in Xaghra Gozo for Rent with Swimming Pool**

**Mob: (+356) 99849706**
**Tel: (+356) 21573153**

# J & L Supermarket

**Variety of Fruit, Vegetables, Groceries and Delicatessen**

Main Street, l-Imġarr, Malta
Tel: 21579397




Triq Tal-Milord, Il-Bidnija MST 1000

Mobile: 7770 0818






**Triq iż-Żebbiegħ, Mġarr**
**21575749 • 99849688**

Opening Hours:
Mon - Sat: 4am - 5pm
Sunday: 7.30am - 1pm

Drinks & Appetizers
Daily specialities
ħobż, wraps, salads, pasta
Reasonable Prices


J. MICALLEF
SERVICE STATION
J.Micallef Service Station
Your one-stop shop
for your car care!
Professional Car Valeting ... Interior & Exterior • Car Wax & Polish • Engine Wash
Oudour Removal • Tyre Repairs • AC Refill Service • Car Accessories Shop
Top Brands Tyres & Alloy Wheels • BOV ATM Facilities • Roadside Cafè & Lounge Bar
24hrs Self-Service Carwash
CARwash
BOV
J.Micallef Service Station
Tal-Barrani Road, Żejtun, Malta +356 2180 1493 • 9980 7932 zejtunss@jmicallefgroup.com.mt
Buqana Road, l/o Rabat, Malta +356 2145 0853 • 7945 0855 rabatss@jmicallefgroup.com.mt
www.jmicallefgroup.com.mt
ATM
Cafeteria

MĠARR
YN SPORTS BAR
Mġarr Football Ground, Triq il-Plejju, Mġarr, Malta
99491017 79064229

MGARR Pharmacy
Main Street c/w Vitale Street, L-Imġarr Malta
Email: pharmacymgarr@gmail.com
Contact Numbers: 21577784/79577784
Opening hours:
Monday: 08.00 – 19.00
Tuesday - Saturday: 08.00 - 13.00 ~ 16.00 - 19.00



NOW
— GRAB OUR —
HOMEMADE
PRODUCTS,
FOR YOUR ULTIMATE
BARBEQUE
MODERN BUTCHER
15, Kurat Chetcuti Street, Mgarr
21577490 / 79577490
raybugeja@hotmail.com
MON 3:30pm - 6:30pm
TUE - FRI 7:00am - 6:30pm
SAT 6:15am - 1:00pm




RESTAWR ARTI
SEMIRA BUGEJA | M.Sc., B.A. (Hons) (Melit)
69, Triq it-Tuffieħ, Naxxar
79576344
restawrarti@gmail.com




NATHANIEL MUSCAT
TAL-QADDIS
Għal kull xogħol ta' kisi u tibjid.
Nagħmlu:
Faċċati fuq il-fil, Graffiato,
Silicato, Ġibs, Invjar eċċ....
Nagħmlu wkoll rinovazzjonijiet
fi djar antiki.
Għal stima b'xejn fuq il-post ċemplu
Mob: 99867647 jew 21418440



# It-Trasfigurazzjoni ta' Kristu: L-Aħħar Pittura ta' Raffaello

Kav. Stanley Mangion

Nimmaġina li ħafna li bdejtu taqraw din il-kitba smajtu xi darba jew oħra bil-kelma "Rinaxximent". Il-kelma "Rinaxximent" hi kelma ġejja mit-Taljan "rinascere", jiġifieri "twelid mill-ġdid". Żmien ilu l-Ewropa li qed ngħixu fiha għaddiet minn dalma kbira kulturali. L-għerf tal-Griegi kien għoddu spiċċa u tar mar-riħ. Fejn tidħol pittura u skultura kien jeżisti baħħ l-iżjed kbir. Il-filosofija kienet marret il-baħar u grazzi għal xi ftit filosfi Għarab, il-ħsieb filosofiku tal-bniedem kien għoddu sfaxxa. Id-dalma kulturali kienet kbira wisq u l-bniedem waqa' f'miżerja kulturali kbira. Imma fil-bidu tas-seklu tlettax seħħ qawmien kulturali kbir. Insibu qawmien kbir fil-letteratura Latina, Griega u Taljana. Insibu qawmien u interess kbir fil-mitoloġija Griega. Il-filosofija reġgħet bdiet tieħu r-ruħ u bdejna naraw il-qawmien filosofiku.

Il-pittura u l-iskultura qishom twieldu mill-ġdid. Il-qasam tal-mediċina wkoll ħa r-ruħ. Fi ftit kliem kull qasam tal-għerf u l-arti qamu mid-dalma tal-qabar u l-Ewropa rat twelid ġdid fil-kultura tagħha. Fil-qasam tal-arti u tal-iskultura dan laħaq il-quċċata tiegħu fi tliet artisti kbar li d-dinja s'issa qatt ma rat bħalhom. Dawn it-tliet artisti kienu Michelangelo, Leonardo da Vinci u Raffaello, li ħallewlna wirt kulturali tassew kbir. F'dan il-qawmien artistiku l-Knisja Kattolika kienet protagonista tassew ħajja. Il-Knisja Kattolika kienet il-patruna ta' dan il-moviment kulturali hekk kbir fl-Ewropa, u f'dan il-perjodu ta' żmien il-kardinali għażlu papiet hekk imsejħa Rinaxximentali li ħadmu kemm felħu biex imbuttaw 'il quddiem dan il-moviment ta' għerf ġdid. Il-kritika hi li l-Knisja, f'dan il-moviment Rinaxximentali, bħal donnha nsiet għalkollox il-missjoni pastorali tagħha u saħansitra warrbet fil-ġenb il-ħidma salvifika tagħha.

### *It-Twelid ta' Raffaello*

Il-pittur Raffaello Sanzio, bniedem ta' qalb tajba, grazzjuż u modest fil-karattru tiegħu, twieled fil-belt ta' Urbino fl-Italja fis-sena 1483. Twieled propju nhar il-Ġimgħa l-Kbira fit-tlieta ta' filgħodu. Missieru kien Giovanni de' Santi. Missier Raffaello, Giovanni, kien pittur. Ma kienx xi pittur ta' talenti kbar imma kien bniedem intelliġenti biżżejjed biex għaraf il-ħiliet artistiċi t'ibnu u indirizzah biex 'il quddiem Raffaello jsir pittur ukoll bħalu. Imma mhux biss Raffaello sar pittur, imma sar pittur tassew gwapp u ċelebri li kif jgħid il-Malti, it-tifel sebaq lil missieru. Raffaello kien wild waħdieni fil-familja ta' Giovanni de' Santi u għalhekk insibu konċentrazzjoni sħiħa fuq l-edukazzjoni u t-trobbija tiegħu.

Giovanni wera mill-ewwel ix-xewqa tiegħu li ibnu jitrabba f'daru stess. Dan kontra t-tendenza ta' dak iż-żmien, li t-tfal tas-sinjuri jingħataw it-trobbija tagħhom f'idejn servjenti fil-palazz. Għalhekk Raffaello xorob il-ħalib minn sider ommu u bejn Raffaello u ommu kien hemm intimità edukattiva kbira. Meta beda jitfarfar missieru kien jieħdu miegħu fil-ħanut tax-xogħol tiegħu u kien jgħinu jpitter il-kummissjonijiet tax-xogħlijiet artistiċi li kienu jestendu biss fil-belt ta' Urbino. Hawnhekk missieru fehem u rrealizza kemm kienu kbar it-talenti artistiċi t'ibnu Raffaello, u f'moħħ missieru beda jberren il-ħsieb li jibgħat lil ibnu jaħdem bħala apprentist student ma' pitturi oħra akbar minnu f'dik li hi ħila artistika.



*Il-pittur Raffaello Sanzio*

***Il-Ħajja Adolexxenti***

Hekk wasal iż-żmien tal-fatma, żmien li llum insejħulu żmien l-adolexxenza. Kien f'dan iż-żmien li Giovanni qatagħha li jibgħat lil ibnu Raffaello jistudja l-arti għand il-pittur famuż u magħruf Pietro Perugino, li kien jaħdem fil-belt ta' Perugia, li kienet ukoll belt Rinaxximentali. Imma ġara li Perugino kien fuq xogħol f'Ruma. Sadattant li Pietro Perugino wasal lura Perugia minn Ruma, Raffaello kien diġà kkummissjonat xogħol artistiku. Pietro Perugino mill-ewwel laqa' lil Raffaello fil-ħanut-skola tiegħu. Mad-daqqa t'għajn Perugino mill-ewwel għaraf li Raffaello kellu futur artistiku kbir quddiemu, u mill-ewwel deher li Raffaello kien tassew ġenju artistiku u ġawhra mill-ifjen. Min-naħa l-oħra Raffaello daħal fil-qalba tal-ħidma artistika ta' Perugino, tant li xogħol Raffaello ma kienx jingħaraf mix-xogħol artistiku ta' Perugino. Bħala eżempju klassiku ta' dan insibu l-pittura tal-Assunzjoni, li Raffaello ħadem fl-1503 għall-kappella t'Oddi, liema pittura llum tinsab fil-Mużew tal-Vatikan.

Ġara iżda li kien wasal iż-żmien li l-imgħallem u l-istudent jinfirdu biex jaqbdu triq għalihom. Raffaello telaq minn Perugia u mar Citta del Castello flimkien ma' xi ħbieb tiegħu. Hemmhekk kien ikkummissjonat żewġ pitturi li fetħulu orizzonti ġodda fil-ħajja artistika tiegħu, waħda għall-knisja ta' Santu Wistin u oħra għall-knisja Dumnikana. L-istil ta' dawn il-pitturi kien l-istil ta' Perugino. L-istil tant kien perfett li donnhom dawn il-pitturi għollew sas-seba' sema lill-istil ta' Perugino, sal-ogħla grad artistiku. Għall-knisja ta' San Franġisk fl-istess belt Raffaello penġa pittura li turi ż-żwieġ tal-Madonna. Illum dawn il-pitturi jinsabu fiż-żewġ mużewijiet kbar ta' Londra u ta' Brera f'Milan.

***Qabad Triqtu***

Il-fama ta' Raffaello kibret bil-bosta b'dawn il-pitturi maħduma minnu. Għalhekk beda jimraħ aktar 'il bogħod biex jirnexxi fil-karriera tiegħu ta' pittur. Raffaello ħalla lill-imgħallem tiegħu Perugino meta dan kellu jmur Firenze fuq xogħlijiet personali tiegħu u ngħaqad mal-pittur Pinturicchio. Pinturicchio kien ingħata kummissjoni

biex ipenġi l-Librerija tad-Duomo ta' Siena minn neputi tal-papa Piju II, Francesco Piccolomini, li aktar tard fis-sena 1503 kellu jilħaq papa bl-isem ta' Piju III. Dan kien fis-sena 1502. Il-famuż Raffaello għamel kemm disinji kif ukoll mudelli għal din il-pittura. Il-ħsieb ta' Raffaello kien li jgħin fit-twettiq kollu ta' din il-biċċa xogħol artistika. Imma meta kien f'din il-belt ta' Siena sema' mingħand sħabu ġrajjiet fuq l-artist kontemporanju tiegħu, Leonardo da Vinci, u dwar ix-xogħlijiet tiegħu li kien qed jagħmel għas-Sala tal-Papa ġewwa Firenze. Sema' wkoll fuq ix-xogħlijiet ta' pittura nuda jew għarwiena li kien qed iwettaq il-famuż Michelangelo. Kien hawnhekk li Raffaello ddeċieda li jitlaq lejn Firenze, il-belt Rinaxximentali tal-arti, biex isir jaf aktar dwar il-pitturi ta' dawn in-nies ċelebri. Meta kien Firenze għamel ukoll xogħol ta' pittura. Hemmhekk huwa tpaxxa bix-xogħlijiet ta' dawn il-pitturi, għamel ħbieb ma' ħafna artisti u fuq kollox tgħallem fuq l-istil ġenju ta' dawn il-pitturi kbar, biex 'il quddiem seta' jitlaq l-istil tal-pittura ta' żgħoritu li kien tgħallem mingħand Perugino u jaqleb fuq stil artistiku għalih waħdu. Hemmhekk ħadem ukoll xogħlijiet artistiċi li kabbru l-fama tiegħu.

Meta kien f'din il-belt Rinaxximentali ta' Firenze Raffaello kellu jħalli din il-belt u jmur lura lejn belt twelidu Urbino għax kellu taħbit kbir bil-mewt tal-ġenituri tiegħu. Omm Raffaello kienet mietet fis-sena 1491 waqt li missieru miet fl-1494. Hemmhekk ukoll, sa ma rranġa l-problemi finanzjarji li kellu, irnexxielu wkoll ipitter xbihat famużi, fosthom pittura tal-Madonna kif ukoll pittura ta' Kristu qed jitlob fil-Ġetsemani, bit-tliet appostli 'l bogħod minnu, għal Guidobuldo, li kien kmandant tal-armati Fjorentini. Minn Urbino Raffaello reġa' mar Perugia, fejn pitter pittura għall-kappella Ansidei, li turi lill-Madonna, lil San Ġwann Battista u lil San Nikola. Illum din il-pittura tinsab fil-Gallerija Nazzjonali ta' Londra. Barra dan huwa ħadem ukoll affresk ta' Kristu fil-glorja u Alla l-Missier imdawwar bl-anġli u sitt qaddisin għall-kappella tal-Madonna ta' San Severo, li attwalment kien monasteru żgħir tal-patrijiet Kamaldoleżi. Ħadem ukoll għas-sorijiet ta' Sant'Antnin ta' Padova pittura tal-Madonna qed iżżomm il-Bambin fuq ħoġorha, imdawra bix-xbihat ta' San Pietru, San Pawl, Santa Ċeċilja u Santa Katerina, tnejn fuq kull naħa. Din il-pittura llum tinsab fil-Mużew Metropolitan ta' New York. Ħadem ħafna pitturi oħrajn, li kollha raddew ġieħ kbir lil dan il-pittur. Fil-pitturi ta' Raffaello tiddomina l-espressjoni kollha ħlewwa tal-uċuħ kif ukoll l-istili tax-xagħar li jżejnu l-uċuħ. Hawnhekk Raffaello pitter ukoll il-Pietà, xogħol tassew artistiku u devot li kien imfaħħar mill-pitturi rinomati. F'dan iż-żmien wieħed ma jistax ma jinnotax ċaqliq partikolari fl-istil artistiku primittiv tiegħu, issa li kien tgħallem u fela stili oħrajn ta' pitturi ċelebri ta' żmienu.



*Il-pittura li turi lill-Madonna, San Ġwann il-Battista u San Nikola*

*Lura lejn Firenze*

Minn Perugia Raffaello reġa' mar Firenze, fejn kompla jgħarrex u jitkixxef stili ta' pitturi magħrufa. Fela bl-akbar reqqa fost l-oħrajn ix-xogħlijiet artistiċi ta' Masaccio, ta' Leonardo u ta' Michelangelo. B'dan l-istudju Raffaello għamel qabżiet artistiċi kbar fil-pittura tiegħu. Mingħand Fra Bartolomeo di San Marco tgħallem ħafna fuq is-sengħa tal-kuluri, li tant għoġbitu li daħħalha f'moħħu li jużaha fil-pittura tiegħu. Imma Raffaello ma tgħallimx biss, imma għallem ukoll. Hekk insibu li lil Fra Batolomeo għallmu l-arti tal-perspettiva, aspett li kien nieqes ħafna fil-pitturi ta' dan ir-raħeb qaddis. Imma ovvjament ma naqasx li kemm dam f'din il-belt ikompli jpitter xbihat li komplew jgħollu l-ġieħ artistiku tiegħu. Aħna hawnhekk insemmu pittura waħda biss, pittura tassew ħelwa li Raffaello pitter għal Domenico Canigiani, li fiha naraw il-figura tal-Madonna bil-Bambin li qed jifraħ meta lemaħ lil kuġinuh San Ġwann il-Battista, tfajjel żgħir bħalu li Santa Eliżabetta kienet qed tressaqlu lejh. Il-qagħda ta' Santa Eliżabetta hi tassew partikolari, għax waqt li qed tagħmel dan hi tħares b'ħerqa tassew kbira lejn San Ġużepp. Min-naħa l-oħra San Ġużepp bħala xwejjaħ qed iserraħ b'idejh it-tnejn fuq għasluġ, jidher qed imejjel rasu lejn ix-xwejħa Eliżabetta b'għaġeb tassew kbir, bħal donnu qed ifaħħar 'l Alla li mara hekk xwejħa setgħet tiled wild hekk żgħir u ħelu. Fl-istess ħin il-figuri kollha jidhru qed jistagħġbu bl-għerf u r-reverenza li ż-żewġ kuġini, Kristu u San Ġwann il-Battista, qed jifirħu b'xulxin minkejja li huma t'età daqshekk żgħira. Il-kuluri sbieħ ilaħħmu lil dawn il-figuri kollha. Illum din il-pittura tinsab fi Munich, il-Ġermanja.



*Il-pittura li Raffaello pitter għal Domenico Canigiani, li fiha naraw il-figura tal-Madonna bil-Bambin li qed jifraħ meta lemaħ lil kuġinuh San Ġwann il-Battista*

*Lura Perugia*

Minn Firenze Raffaello reġa' niżel Perugia. Issa qegħdin fis-sena 1507. Hawnhekk Raffaello penġa pittura oħra sabiħa ta' Kristu mejjet qed jinġarr għad-difna. Illum din il-pittura tinsab ġewwa Ruma f'Galleria Borghese. F'din il-pittura jinħass b'liema mħabba tassew kbira Raffaello għamel din l-opra artistika. Id-diqa f'din il-pittura hi espressjoni naturali tassew kbira. Fiha tinħass l-għożża tal-qalb li Kristu kien nissel fil-qlub ta' dawk ta' madwaru. Fil-Madonna naraw dak il-ħass ħażin li kienet għaddejja minnu. Tispikka l-figura ta' San Ġwann l-Evanġelista, bis-swaba'

jidħlu f'xulxin b'rasu baxxuta, espressjoni tant qawwija tal-imħabba hekk kbira li San Ġwann kellu lejn Kristu. Il-ġmiel tax-xedd jagħti dehra ta' sbuħija liema bħalha lil din il-pittura.

*Raffaello jitlaq lejn Ruma, il-Belt tal-Arti*

Is-sena 1508 nistgħu nqisuha bħala dik li nsejħulha "t-turning point" tal-pittur Raffaello, għax f'din is-sena huwa telaq lejn Ruma, fejn beda karriera brillanti f'riġlejn il-papiet. Il-famuż Bramante t'Urbino kien qed jagħti s-servizz tiegħu lill-Papa Ġulju II f'Ruma. Dan Bramante ssuġġerixxa lill-Papa Ġulju II biex jafda l-pitturi li ried jagħmel fil-Vatikan lil Raffaello. Raffaello laqa' din it-talba mill-ewwel u b'entużjażmu kbir. Saħansitra ħalla xogħol li kien qed iwettaq f'Firenze bla mitmum biex din l-okkażjoni ma taħrabx minn taħt idejh.

Hekk kif wasal Ruma kellu laqgħa mal-Papa Ġulju II. Dan mill-ewwel ikkummissjonalu xogħlijiet ta' pittura fis-swali tas-senjatura appostolika, u l-ewwel pittura tiegħu kienet il-kompromess tat-teoloġija max-xjenzi filosofiċi u astroloġiċi. Il-problema tar-rikonċiljazzjoni bejn il-fidi u r-raġuni kienet diġà bdiet tinħass, u din il-pittura ta' Raffaello kienet il-kompromess li l-Knisja Kattolika dejjem offriet biex tissolva din il-problema. F'din il-pittura naraw għorrief tad-dinja Griega jippreżentaw l-argumenti tagħhom. L-astrologi fuq naħa juru figuri ġeometriċi u astroloġiċi tagħhom. Megħjuna bi ħlewwa kbira mill-anġli dawn jgħaddu l-argumenti tagħhom lill-evanġelisti, li jfissruhom. Insibu l-figura ta' Diogenes. Insibu lil Aristotile jżomm ix-xogħol tiegħu dwar l-etika, u lil Platun, li juri x-xogħol letterarju tiegħu Timaeus. Dawn iż-żewġ filosfi ewlenin huma mdawrin b'figuri oħra li taw kontribut kbir lill-filosofija. Tispikka qalb dawn il-filosfi l-figura ta' ġuvnott fl-aħjar tiegħu, b'idejh miftuħa u b'rasu baxxuta f'qagħda ta' stagħġib. Din il-figura hi l-persuna ta' Federigo II, duka ta' Mantua, li f'dak il-waqt kien qed jagħmel żjara f'Ruma. Wieħed mill-astrologi hu l-arkitett Bramante, il-bniedem li ħajjar lill-Papa Ġulju II jkejjel il-ħiliet artistiċi ta' Raffaello. Raffaello kien iħobb ipenġi figuri ħajjin u magħrufa fix-xogħlijiet tiegħu. Impossibbli nsemmuhom kollha. Il-figuri tal-evanġelisti huma kollha nies b'ħarsa għassiesa u ta' prudenza qed jagħmlu ħaqq mix-xogħlijiet filosofiċi u astroloġiċi li qed iressqulhom. Il-figura tal-evanġelista San Mattew tispikka wisq. Bilqiegħda jikteb f'qagħda tassew skomda tilħmu jċaqlaq rasu u ħalqu u b'idejh iċaqlaq il-pinna. Pittura mpittra b'ordni u b'qisien tassew meqjusa. Il-Papa Ġulju II tant ħa pjaċir bil-pittura ta' Raffaello li amar it-tħassir ta' pitturi diġà mpenġija minn artisti magħrufa biex Raffaello jerġa' jaħdimhom mill-ġdid! Raffaello kompla sebbaħ il-pittura tiegħu b'figuri li jirrappreżentaw il-filosofija, l-astroloġija, il-ġometrija u l-poeżija jirrikonċiljaw mat-teoloġija.

*Il-Quċċata Artistika ta' Raffaello*

F'Ruma l-fama tal-pittur Raffaello laħqet il-quċċata tagħha. Ma setax ma jkunx hekk. Ruma kienet il-prototip tal-arti u l-maqdes tal-pitturi. Imma minkejja l-kobor ta' dan il-pittur, Raffaello f'Ruma baqa' jistudja u jitgħallem minn pitturi oħrajn famużi li miegħu kienu qegħdin iroddu ġieħ artistiku lil din il-belt eterna. Dik il-

ħabta f'Ruma Michelangelo kien qed ipitter il-Kappella Sistina. Dan Michelangelo ġieli sab ruħu f'tilwim dirett mal-Papa Ġulju II, li saħansitra kien jheddu bil-mewt. Irridu ngħidu li l-Papa Ġulju II kien gwerrier u kien ukoll litiguż, jitlagħlu malajr u rasu iebsa wkoll. Il-Papa Ġulju II tant hedded lil Michelangelo li dan kellu jaħrab lejn Firenze. Fin-nuqqas tiegħu Bramante, li kellu ċ-ċwievet tal-Kappella Sistina f'idejh, daħħal lil Raffaello biex jara u jistudja x-xogħlijiet artistiċi kbar ta' dan il-pittur. Hemm Raffaello tgħallem ukoll it-teknika ta' Michelangelo. B'dan l-istudju Raffaello kompla rraffina t-teknika tal-pittura tiegħu u taha aktar sens ta' proporzjon artistiku. Michelangelo xejn ma ħa pjaċir b'dan meta sar jaf.

***Xogħlijiet Artistiċi Oħrajn barra l-Vatikan***

F'Ruma, barra l-palazzi tal-papa, ħadem xogħlijiet oħrajn. Agostino Chigi, negozjant minn Siena, ikkummissjona lil Raffaello  biex ipitter kappella tiegħu fil-knisja ta' Santa Maria della Pace. F'din il-pittura naraw tisboq is-sbuħija tan-nisa u t-tfal. Kuluri tassew sbieħ mimlija ħajja li huma kollha rivolta ġdida fil-ħila artistika ta' Raffaello wara li fela x-xogħlijiet artistiċi ta' Michelangelo. F'Ruma wkoll Raffaello ħadem pittura għall-artal maġġur tal-knisja ta' Aracoeli, bil-figura tal-Madonna, San Ġwann, San Franġisk u San Ġlormu mpitter bħala kardinal, kollha fil-perspettiva ta' sbuħija liema bħalha t'art mimlija ħdura. L-umiltà u l-modestja tal-Madonna huma xi ħaġa tal-għaġeb. Is-sbuħija tal-Bambin jilgħab bid-drapp tal-libsa tal-Madonna hi poża artistika tassew sabiħa u oriġinali. San Ġwann hu x-xhud tal-penitenza waqt li fir-ras tiegħu naraw is-sinċerità tal-qalb u l-qlubija qaddisa ta' dawk in-nies li jħallu d-dinja warajhom. Il-figura ta' San Ġlormu hi figura kontemplattiva għall-aħħar b'dawk l-għajnejn imdawrin 'il fuq iħarsu lejn il-Madonna waqt li jixhdu l-għerf kbir li bih kien imżejjen dan il-qaddis kbir bibliku. Il-figura ta' San Franġisk, għarkupptejh, b'id waħda turina lill-Madonna u b'rasu mgħollija 'l fuq tikkontempla s-sbuħija tal-Madonna waqt li tixhed l-imħabba mqanqla b'emozzjonijiet tassew kbar. Il-ħarsa tiegħu hi ħarsa ġentili li qiegħda tikkontempla s-sbuħija tal-Madonna u l-ħlewwa ta' Binha. Is-sbuħija ta' puttin taħt il-Madonna qed iħares lejha bi ħlewwa liema bħalha hi xi ħaġa eċċezzjonali.

***Il-Miraklu Ewkaristiku***

Fil-palazz tal-papa, Raffaello kien ikkummissjonat ipitter pittura oħra, din id-darba tal-miraklu ewkaristiku ta' Orvieto, pittura li Raffaello ħadem fl-1512. Kien dan il-miraklu li ta bidu għat-twaqqif tal-festa ta' Korpus. F'din il-pittura bla dubju ta' xejn jispikka l-wiċċ imriegħex u kollu mistħija tas-saċerdot li m'emminx fil-miraklu tal-konsagrazzjoni wara li quddiemu ra mill-ostja ħiereġ id-demm frisk, li mela l-korporal. Donnu maqtugħ għalih waħdu u mitluf fil-preżenza tal-miġemgħa. Il-qagħda ta' jdejh tixhed il-biża' li nifed ir-ruħ ta' dan il-qassis nieqes mit-twemmin. F'din il-pittura jispikkaw diversi figuri f'qagħdiet differenti. Min jgħin fil-quddiesa, oħrajn għarkupptejhom fuq taraġ, nisa jassistu għall-quddiesa, mara b'eleganza l-iżjed kbira qed tfisser dak li ġara, imma kollha b'espressjoni waħda, is-sens tal-ħtija min-nuqqas ta' twemmin li kulħadd imtela bih f'dan il-miraklu. Raffaello penġa

wkoll il-figura tal-Papa Ġulju II qed jassisti għal din il-quddiesa. F'daħla ġo tieqa, eżattament fuq xi tarġiet, Raffaello penġa ħafna figuri oħrajn qed iħarsu, fosthom il-kardinal ta' San Giorgio Raffaello Riario (1459-1521). Xena ta' sbuħija artistika li mliet lil din il-pittura hekk sabiħa ta' Raffaello. Hawnhekk Raffaello wera l-ħila artistika tiegħu fl-aqwa tagħha. Ċarezza fil-ħsieb u l-kompożizzjoni.

*Ġmiel Arkitettoniku*

Pittura oħra tassew sabiħa ta' Raffaello hi l-pittura ta' San Pietru mixli minn Erodi, imsakkar fil-ħabs u mgħasses mis-suldati t'Erodi. F'din il-pittura jispikka l-ġmiel arkitettoniku tal-ħabs b'dettall eleganti u fl-istess ħin artistikament mimli sa ruħ ommu. F'dan id-dettall arkitettoniku Raffaello jqiegħed quddiemna l-kruha tal-ħabs. Din il-kruha hi wkoll espressa fit-tpenġija ta' xwejjaħ marbut bil-ktajjen bejn żewġ għassiesa. Jispikkaw ukoll l-għassiesa reqdin u s-sbuħija tal-anġli tiddi f'dawl kbir li jgħammex l-għajnejn qalb id-dalma tal-lejl u d-dellijiet mudlama. Il-kurazzi jleqqu tas-suldati jiksru din id-dalma waħxija tal-ħabs. Raffaello jilħaq il-quċċata artistika tiegħu meta jpenġi f'dettall lil San Pietru, maħlul mill-qilla tal-ktajjen ħiereġ mill-ħabs imsieħeb mill-anġlu. Wiċċ San Pietru jidher li qed jgħix f'ħolma aktar milli hu ħaj. L-għassiesa armati, li kienu jgħassu l-ħabs fuq barra, jixhdu biża' u waħx kbir mas-smigħ tal-ħoss tal-bibien tal-ħadid, li kienu qed jinfetħu weħidhom. Hawnhekk naraw is-sbuħija artistika ta' għassies qed iżomm torċa f'idu tixgħel waqt li qed iqajjem għassiesa oħrajn. Is-sbuħija tar-rifless tan-nar jiddi fuq il-kurazzi. Fejn ma wasalx id-dawl tat-torċa ħakem id-dawl tal-qamar jiddi. Din il-pittura qiegħda mpittra biswit tieqa. Għalhekk id-dawl naturali li jidħol minn din it-tieqa jippenetra artistikament f'din il-pittura, li jkompli jżid id-dettalji tas-sbuħija tagħha tant li tista' tara d-duħħan ħiereġ mit-torċi jaqbdu u s-sbuħija tal-anġlu jiddi fid-dellijiet skuri tal-lejl.Il-Figura Allegorika tal-Papa Ġulju II.

Pittura oħra f'dawn is-swali hija l-figura tal-Papa Ġulju II. F'din il-pittura naraw is-sbuħija tal-Arka, il-kandilabru Lhudi u lill-istess papa qed jikkontrolla x-xeħħa fil-Knisja. Din il-pittura hi figura allegorika tal-isforzi li kien qed jagħmel il-Papa Ġulju II biex jikkontrolla d-dħul finanzjarju tal-Knisja. F'din il-pittura naraw lill-Papa akkumpanjat min-nies ta' madwaru, ħafna minnhom nies li kienu ħajjin f'dawk iż-żminijiet. Xi wħud kienu qed joforqu u jagħmlu l-wisa' biex ikun jista' jgħaddi l-papa. Tispikka s-sbuħija ta' rġiel rekbin fuq żwiemel feroċi u mqanqla. Hawnhekk tispikka l-istorja ta' Heliodorus, li fuq l-amar ta' Antiochus jipprova jġorr il-ġid tat-tempju mħolli b'qalb ġeneruża mill-orfni u r-romol. Heliodorus kien attakkat minn tliet suldati waqt li kien qed jagħmel dan l-att sagrilegu. Hawnhekk naraw il-ġid kollu misruq mifrux mal-art waqt li dawk in-nies li kienu qed iġorru dawn it-teżori jaqgħu mal-art bil-biża' kbir li ħakimhom. Naraw imbagħad lill-Qassis il-Kbir Onias b'żewġ espressjonijiet f'wiċċu u fil-qagħda tiegħu maqtugħ għalih waħdu liebes l-ilbies sommo saċerdotali tiegħu. Espressjoni ta' tqanqil il-qalb f'estasi ta' talb mimlija ħniena għal dawk in-nies li kienu se jitilfu l-għotjiet tagħhom u espressjoni ta' ferħ kbir għar-rebħ mill-ġdid tal-ġid tat-tempju. Din il-pittura hi mżejna minn Raffaello b'figuri ta' ħafna nies imqabbdin ma' kolonnar, kulħadd anzjuż jistenna kif se tintemm din id-drama.

***Il-Wegħda ta' Abraham***

Pittura oħra ta' Raffaello hija l-wegħda lill-Patrijarka Abraham ta' ġens ġdid infinit fl-għadd tiegħu. Is-sagrifiċċju ta' Iżakk, id-dehra tas-sellum ta' Ġakobb u l-ġrajja tas-siġra taqbad li fiha Alla deher lil Mosè. Kollha pitturi mill-isbaħ ta' Raffaello li jgħannu l-kobor artistiku ta' dan il-pittur żagħżugħ.

***Papa Ġdid***

F'nofs din il-glorja artistika ta' Raffaello tħabbret il-mewt tal-papa gwerrier u Rinaxximentali Ġulju II. Kienet is-sena 1513. Imma l-kardinali għażlu papa ġdid f'qasir żmien. L-għażla waqgħet fuq il-Kardinal Giovanni dei Medici, iben Lorenzo magħruf bħala "Il Magnifico", li ħa l-isem ta' Ljun X. Il-Papa Ljun X kien papa ieħor Rinaxximentali li tul il-pontifikat tiegħu sal-1521 l-era Rinaxximentali kompliet tistagħna. Għalhekk Raffaello seta' jkompli bix-xogħol artistiku tiegħu fil-Vatikan.

***Rebħa Diplomatika għall-Knisja***

Kien imiss issa l-pittura li turi r-rebħa diplomatika tal-Papa Ljun III fuq Attila f'Monte Mario meta dan niżel Ruma biex jinvadi lil din il-belt tal-papa. Ħafna jaraw f'din ir-rebħa diplomatika tal-Papa Ljun III intervent divin li waqqaf din l-istraġi. Propju l-pittura ta' Raffaello tagħtina din l-idea f'immaġinazzjoni artistika. Id-dehra tal-appostli San Pietru u San Pawl bix-xwabel f'idejhom lesti biex jiddefendu lill-Knisja. Fl-uċuħ ta' dawn iż-żewġ appostli naraw il-qilla qaddisa biex jiddefendu l-Knisja. Il-famuż Attila riekeb fuq żiemel iswed b'kewkba bajda fuq moħħ l-istess żiemel. Żwiemel oħrajn jimlew dan ix-xenarju pittoresk, kollha rekbin fuqhom nies kważi mneżżgħa, kollha meħudin minn skultura tal-Kolonna Trajana. Fil-perspettiva tidher il-belt Monte Mario qed tinħaraq. Imbagħad għandna x-xenarju tal-Papa Ljun III msieħeb mill-kardinali, li magħhom idomm il-qaddejja tal-papa. Tispikka fosthom il-figura tal-qaddej qed iżomm iż-żiemel abjad tal-Papa Ljun III liebes ix-xedd pontifikali tiegħu. Pittura mill-isbaħ li tana Raffaello.Xogħlijiet Oħrajn ta' Raffaello

Fl-istess żmien li Raffaello penġa din il-pittura huwa ħadem xogħlijiet oħrajn kbar u ta' preġju tassew kbir, fosthom pittura li turi l-kurċifiss qed ikellem lil San Tumas t'Akwinu. Penġa wkoll pittura tal-Madonna bil-Bambin f'ħoġorha bi ħlewwa tassew tas-sema għal Leonello da Carpi. F'din il-pittura jidħlu wkoll San Ġwann il-Battista, Santa Elizabetta u San Ġużepp. Din il-pittura llum tinsab Madrid, fil-Museo del Prado. Pittura oħra hi dik tal-qaddisa Santa Cecilia, imsieħba minn kotra ta' anġli. F'din il-pittura tinħass l-armonija mużikali. Santa Cecilia tinsab kważi f'estasi, bi lbies tal-ħarir kollu mdieheb. Fuq in-naħa tal-lemin hemm il-figura ta' San Pawl b'idu l-leminija sserraħ fuq ix-xabla b'rasu tistrieħ fuq idejh. Tispikka wkoll il-figura tal-Madalena bil-vażett tal-fwieħa. Naraw ukoll l-uċuħ ta' Santu Wistin u San Ġwann il-Battista. Kompla jpitter ukoll it-Torri Borgia. Din il-pittura turi l-Porto Vecchio ta' Ruma maħkum minn nirien kbar, liema nirien intfew b'intervent divin permezz tal-papa qaddis Ljun IV, maħduma fl-1514. Il-figuri magħżula minn Raffaello huma nies imqanqla jippruvaw jitfu dawn in-nirien. Tassew sabiħa hi l-figura tal-mara titfa' lil binha 'l isfel biex issalvah min-nirien u nies isfel jilqgħuh. Pittura oħra turi

lill-papa qaddis Ljun IV meta l-Misilmin kienu qed jattakkaw il-port ta' Ostia biex minn hemm jieħdu l-papa bħala priġunier. Kienet taqtigħa tassew kbira u feroċi. Fiha naraw lill-Papa Ljun IV bi lbies pontifikali. Insibu żewġ pitturi oħra. Il-papa li inkuruna lil dan is-sultan hu ppersonifikat fil-figura tal-Papa Ljun X, li qed jidher jinkuruna lis-Sultan Franġisku I, Sultan ta' Franza. Dan is-sultan hu magħruf fl-istorja bħala Charlemagne. Din il-pittura nħadmet minn Raffaello fl-1517. Il-figuri mpittra minn Raffaello f'din il-pittura huma nies li għexu f'dak iż-żmien. Hekk insibu lill-Isqof Pandolfini ta' Troyes. Insibu l-figura ta' tifel qed iżomm il-kuruna. Dan hu Ippolito de' Medici, li aktar 'il quddiem laħaq kardinal.Raffaello Bniedem Prudenti mimli Mħabba tal-Ġisem

Ħdejn din il-pittura kien hemm pitturi oħrajn mibdija mill-imgħallem tiegħu Perugino. Raffaello kien mitlub ineħħi dawn il-pitturi u jpenġi oħrajn flokhom. Imma Raffaello assolutament ma riedx jagħmel dan, b'rispett lejn l-imgħallem tiegħu – karatteristika sabiħa ta' Raffaello li turi kemm kien bniedem ta' rispett.

Karatteristika oħra ta' Raffaello kienet l-imħabba li kellu tiġri fid-demm tiegħu. Naturalment bħala bniedem żagħżugħ ma setax ma jkunx hekk. It-tfajliet sbieħ kienu jġennuh u kien jagħmel minn kollox biex jikkuntentahom. L-istorja tgħid li darba waħda esperjenza t-tqanqil tal-imħabba waqt li kien qed jaħdem pittura għall-palazz ta' Agostino Gighi. Miġnun fl-imħabba u għatxan biex jaqsam imħabbtu Raffaello staġna fix-xogħol tiegħu u ma setax ikompli. L-unika soluzzjoni biex ikompli kienet li waqt li kien qed ipitter ġabulu ħdejh lil dik il-mara li kien miġnun warajha. B'din il-mara ħdejh Raffaello kompla jwettaq ix-xogħlijiet tal-pittura li kienu kkummissjonawlu. Hekk taf iġġennek l-imħabba! Kienet pittura fuq l-imħabba fil-mitoloġija Griega, u bil-maħbuba ħdejh ħareġ kapolavur ieħor minn idejn Raffaello.

Il-fama ta' Raffaello kompliet dejjem tikber. Il-Papa Ljun X reġa' kkummissjonah b'xogħol ta' pittura ġdida. Din id-darba kienu r-rebħiet tal-Imperatur Kostantinu, liema xogħlijiet kellhom isiru tapezzerija. Xogħlijiet tassew sbieħ li kellhom jiddendlu fil-Kappella Sistina. Illum it-tapezzerija tinsab fil-Mużew tal-Vatikan waqt li t-tpenġija ta' Raffaello tinsab fil-Victoria and Albert Museum ta' Londra. Xogħol mitmum fl-1519. Dan ix-xogħol sewa 70,000 skud.

### *L-aħħar Pittura ta' Raffaello*

L-aħħar pittura li laħaq penġa l-pittur Raffaello qabel ma l-mewt ħasditu qasir il-għomor kienet il-pittura tat-Trasfigurazzjoni ta' Kristu fuq it-Tabor. Raffaello kien ikkummissjonat ipenġi din il-pittura mill-kardinal kanċillier Giulio dei Medici. Il-ħsieb oriġinali kien li din il-pittura tittieħed Franza imma llum din tinsab fil-Mużew tal-Vatikan. Kienet is-sena 1517 meta din il-pittura kienet ikkummissjonata. Raffaello ma laħaqx lesta din il-pittura, imma kienu studenti tiegħu li temmewha. Minkejja dan, din il-pittura titqies bħala ta' Raffaello għax kien hu li ħażżha. F'din il-pittura naraw lil Kristu flimkien mal-ħdax-il appostlu. F'din il-pittura tispikka l-figura ta' tfajjel imxajtan qed jistenna lil Ġesù jinżel minn fuq il-borġ biex ifejqu. Dan mhux biss jispikka għax dan it-tfajjel hu barra mis-suġġett tal-pittura imma għax il-qagħdiet

tiegħu jagħmluh figura tassew fenomenali. Il-ġisem miġbud tiegħu, idur 'l hawn u 'l hinn, iwerżaq, il-vini tiegħu li tista' donnok tħosshom u b'għajnejh jinqalbu. Huma kollha qagħdiet li juru t-tbatija ta' dan it-tfajjel imxajtan.

B'kuntrast Raffaello jagħtina figura oħra: xwejjaħ qed iżomm lil dan l-imxajtan, b'għajnejh sbieħ tondi jirriflettu d-dawl. It-tikmix ta' dan ix-xwejjaħ jittrażmetti l-biża' li kien qed iħoss fih. Imma fl-istess ħin dan ix-xwejjaħ qed jitfa' għajnejh fuq l-appostli u donnu qed jitfa' t-tama tiegħu fihom. Speċjali wkoll hi l-figura ta' mara għarkupptejha quddiem l-appostli waqt li qed titfa' ħarsitha lejhom. Idejha qed jippuntaw lejn l-imxajtan, bħal donnha qed turina kemm hi kbira l-miżerja ta' dak it-tfajjel imxajtan. L-appostli kollha f'qagħdiet differenti, min għarkupptejh, min bilqiegħda u min bilwieqfa, kollha kemm huma jesprimu t-tqanqil emozzjonali li kien qed inissel dan il-tfajjel imxajtan. Imbagħad il-figura divina ta' Kristu hi tassew sublimi. Kristu maqtugħ mill-art f'arja tiddi fuq il-muntanja. Il-figuri ta' Mosè u Elija jieħdu d-dija tagħhom mid-dija qawwija ta' Kristu u bħal donnhom isiru bnedmin ħajjin. Pietru, Ġakbu u Ġwanni, b'wiċċhom mitfugħ lejn l-art f'qagħdiet differenti, juru l-għeja emozzjonali tagħhom fid-dehra ta' Kristu. San Pietru għandu rasu mixħuta mal-art. Appostlu ieħor magħżul jilqa' għall-imrieżaq tad-dawl jgħammex ħerġin mill-qawwa tad-dija ta' Kristu trasfigurat billi jgħatti għajnejh b'idejh. Kristu b'idejh miftuħa, liebes bjuda bħas-silġ u b'rasu mgħollija 'l fuq jurina l-ħila divina li Raffaello kien mogħni biha. Il-qawwa artistika ta' Raffaello hi espressa f'wiċċ Kristu. Kienet l-aħħar xogħol ta' Raffaello imma kienet ukoll l-akbar kapolavur tiegħu, li biha Raffaello laħaq il-quċċata tal-karriera artistika tiegħu.

### *Il-Mewt ta' Raffaello*

Il-pittur famuż Raffaello temm ħajtu b'diżgrazzja l-aktar kbira. L-istorja tal-mewt tiegħu tmur lura s-snin f'ħajtu, u bdiet propju bi żwieġ miftiehem u sfurzat. Wieħed mill-ħbieb li kellu Raffaello kien il-Kardinal Bernardo Dovizio, Kardinal ta' Bibbiena. Dan il-kardinal beda jagħfas fuq Raffaello biex jiżżewweġ neputija tiegħu. Raffaello staħa jgħid le u minflok beda jtawwal. Raffaello qal lill-Kardinal Bernardo li qabel ma jgħaddu erba' snin oħra ma setax jiżżewweġ, bit-tama li dan iż-żwieġ jintesa u jisfaxxa għax Raffaello ma kellux grazzja man-neputija tal-Kardinal ta' Bibbiena. L-erba' snin għaddew u bla ma kien mistenni għal Raffaello l-Kardinal Bernardo fakkar lil Raffaello fil-wegħda li kien għamillu, li wara li jgħaddu erba' snin kien lest li jiżżewweġ lin-neputija. Raffaello ttanta jerġa' jtawwal imma beda jħoss ruħu marsus. Kien hemm fatturi oħra li bdew jagħfsu fuq Raffaello biex jgħid l-iva taż-żwieġ. Il-Kurja Rumana kienet mimlija kardinali u kappell ma jmejjilx lill-ieħor. Barra dan, Raffaello kellu jieħu somma kbira ta' flus għax-xogħlijiet li kien qed iwettaq. Kien għalhekk li Raffaello beża' li jekk jgħidlu le kien se jsib oppożizzjoni kbira biex jieħu dak li kien tiegħu.

Kien hemm ukoll storja oħra fin-nofs. Bħala rikonoxximent tax-xogħol artistiku li kien qed iwettaq fil-Vatikan il-Papa Ljun X kien qed iwiegħdu li fil-konċistorju li jmiss, li allura kien fil-qrib ħafna, kien se jaħtru kardinal, ħaġa li għal dak iż-żmien kienet xi ħaġa tassew kbira, kemm mil-lat ta' ġieħ kif ukoll mil-lat finanzjarju. Allura

l-le tiegħu setgħet tfisser tfixkil għal din il-għażla. Iġbed minn hawn u iġbed minn hemm, Raffaello ċeda għall-pressjoni li kienet qed issirlu u daħal fi żwieġ bla mħabba. Raffaello kien iħobb persuna oħra, u spiċċa biex flok mara waħda kellu tnejn jew aktar. Peress li dan iż-żwieġ kien sfurzat u bla mħabba, Raffaello beda jgħix ħajja libertina fejn tidħol l-imħabba, jiġri minn mara għal oħra, sa ma darba reġa' lura d-dar b'deni qawwi fuqu, li aħna nħobbu nsejħulu deni ta' żiemel. Dan id-deni x'aktarx kien ir-riżultat ta' xi infezzjoni li kien dabbar minħabba l-kuntatt sesswali man-nisa, marda li llum insejħulha "veneral disease". Naturalment Raffaello dejjem kien jaħbi dawn ir-relazzjonijiet sesswali li kien qed ikollu ma' diversi nisa, u għalhekk meta t-tobba saqsewh dwar dan huwa ċaħad kategorikament. Dak iż-żmien il-mediċina ma kinitx żviluppata bħalma hi llum. It-tobba ħadu falza stikka u ħasbu li Raffaello kien qed ibati minn saħna kbira u għalhekk bħala fejqan irrakkomandawlu li jiġbdulu kwantità kbira ta' demm. Imma l-kwantità tad-demm li ħadulu kienet kbira wisq u spiċċa debboli għall-aħħar, bla ma ħa saħħtu lura.



*It-Trasfigurazjoni ta' Kristu, xogħol Raffaello Sanzio*

Kienu bdew jagħtuh ħass ħażinijiet kbar u kollox beda juri li Raffaello ma setax jirkupra mill-marda li kellu u li t-tmiem kien riesaq ġmielu. Għalhekk Raffaello beda jaħseb fil-mewt it-tajba. L-ewwel li għamel kien li ħeles mill-maħbuba tas-satra. Biss, qabel ma tellaqha 'l barra għaddielha somom ta' flus biex bihom tgħix ħajja komda. Imbagħad għamel it-testment. Raffaello ħalla ġidu lil tlieta min-nies. Tnejn minnhom, Giulio Romano, ħabib tassew tal-qalb tiegħu, u Giovan Francesco Fiorentino, imlaqqam "Il Fattore", it-tnejn kienu skulari tiegħu. It-tielet wieħed kien qassis minn Urbino li kien qarib tiegħu. Barra dan ħalla ġid biex jiġi rrestawrat it-tabernaklu tal-knisja ta' Santa Maria Rotonda u biex jinbena artal tal-irħam bi statwa tal-Madonna fil-kappella fejn kellhom jistrieħu l-fdalijiet tiegħu wara mewtu. L-eżekutur testmentarju kellu jkun Baldassere da Pescia, bniedem li kien jaħdem qrib ħafna tal-papa. Raffaello qerr, tqarben u rċieva l-aħħar sagrament qabel temm ħajtu nhar il-Ġimgħa l-Kbira fl-età tenera ta' 37 sena. Il-fdalijiet tiegħu kienu esposti għall-pubbliku fis-sala li fiha kien qed ipenġi waqt li l-aħħar pittura tiegħu, It-Trasfigurazzjoni, tqiegħdet ħdejn it-tebut.

Raffaello ngħata funeral tassew kbir, kif kien jixraqlu. In-nies kollha bkew u għalew it-telfa tiegħu. Jingħad li l-papa bkieh bil-bosta. Kien mibki għax kien il-bniedem ta' kulħadd, tas-sinjur u tal-fqir, tan-nies mimlija ġieħ u ta' nies li ma kinux igawdu ġieħ għax kienu nies sempliċi fl-istrata tas-soċjetà. Tant kien dħuli li dan Raffaello kien ikun dejjem imsieħeb minn ħamsin persuna miegħu, kollha kemm huma pitturi ta' ħiliet kbar. Barra dan, Raffaello kien il-bniedem ta' dinjità kbira għall-Papiet Ġulju II u Ljun X.

Il-pittura li tana Raffaello fiha kwalitajiet artistiċi tassew kbar. Wara Michelangelo nistgħu nqisuh bħala l-akbar artist li ta dinjità l-iżjed kbira lill-moviment Rinaxximentali, li għolla ċ-ċiviltà Ewropea. Raffaello tana pittura mimlija ħajja mhux biss għax tana pittura kkulurita u movimentata imma għax tana figuri li tista' tħoss fihom ir-ruħ li ċċaqlaq il-ġisem. L-iġsma tal-figuri li tana fit-tpenġija tiegħu huma figuri li għandhom ġisem li jinħass, tħosshom qegħdin jieħdu n-nifs, il-polz tagħhom iħabbat u s-sensi tagħhom qed jgħixu l-ħajja tal-madwar. Il-figuri ta' Raffaello huma nies li mhux biss tħosshom imma tista' tikkomunika magħhom għax huma figuri li fihom hemm il-ħajja, hemm ir-ruħ u hemm l-ispirtu. Id-dehra ta' dawn il-kwalitajiet artistiċi eċċezzjonali tagħrafhom mill-ewwel u tista' tgħixhom.





# Il-Jien... jew Aħna?

S.F.

Il-festa għażiża ta' Santa Marija hija mument annwali li jgħaqqad il-komunità kollha tal-Imġarr. Apparti l-element spiritwali, fil-jiem tal-festa, b'mod speċjali, insibu okkażjonijiet meta nerġgħu nagħmlu kuntatt ma' xulxin, nifirħu b'xulxin u b'mod sabiħ niċċelebraw kif jixraq l-aspett soċjali tal-komunità tagħna.Kultant fis-soċjetà kumplessa li qed ngħixu fiha matul is-sena nsibu ruħna naqdfu għal rasna, u iktar milli nħossu s-sens komunitarju, iktar insibu ruħna ngħixu ħajja individwalista. Fl-istess ħin ħafna minna għad għandna memorji ferm sbieħ ta' komunità li fiha kien hemm element kbir ta' kuntatt soċjali, kemm bħala familja, bħala parroċċa u bħala ħajja komunitarja fir-raħal.F'dawn il-jiem tal-festa ta' min nieħdu l-okkażjoni biex niftakru f'xi elementi importanti li jsawru u jsaħħu l-ispirtu komunitarju jew dak soċjali. Forsi ftit jafu li l-Knisja toffri dak li jissejjaħ "tagħlim soċjali", li jippreżenta qafas tajjeb ta' prinċipji bażiċi li jibnu soċjetà ġusta. Ħa nsemmu wħud minn dawn il-prinċipji biex iservuna ta' riflessjoni:

### *Id-Dinjità tal-Persuna*

Fil-Bibbja nsibu li fil-ħolqien Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu, u din tagħtih dinjità. Id-dinjità tfisser li l-ħajja ta' kull persuna għandha valur u għandha tiġi rrispettata. Kull bniedem għandu jiġi rrispettat irrispettivament mill-kulur tal-ġilda, ir-reliġjon, it-twemmin politiku, l-età, is-sess, il-ħiliet u tant aspetti oħra li jvarjaw f'kull persuna. Kultant jiġri li ninsew nittrattaw ma' kull persuna bl-istess valur. Jekk kull persuna li niltaqgħu magħha niftakru fid-dinjità li għandha, kieku ma jkun hawn l-ebda diskriminazzjoni u ħadd ma jħoss li hu b'xi mod aqwa jew inqas minn ħaddieħor. F'kull komunità kull persuna għandha tħoss li għandha valur.



### *Is-Solidarjetà*

Dan il-prinċipju jitkellem dwar il-bżonn li nieħdu ħsieb xulxin, li aħna lkoll aħwa, għandna bżonn xulxin u aħna responsabbbli ta' xulxin. Din tapplika mhux biss għall-familji tagħna imma wkoll fuq livell ikbar, bħala soċjetà umana. B'mod speċjali din tfisser li nieħdu kura ta' min hu fqir u vulnerabbli fis-soċjetà tagħna. Għall-grazzja



t'Alla l-Maltin huma minn ta' quddiem biex juru solidarjetà fil-kampanji ta' ġbir li nagħmlu biex ngħinu lil min hu fil-bżonn, kemm f'pajjiżna stess kif ukoll barra minn xtutna. Kulħadd jgħaddi minn mumenti diffiċli fil-ħajja, u kemm hi ħaġa sabiħa li nkunu sensittivi biżżejjed biex nindunaw bil-bżonnijiet ta' xi ħadd qrib, anki jekk dan ma jurix id-diffikultajiet tiegħu. Is-solidarjetà hija l-mediċina li tgħinna negħlbu l-egoiżmu, ir-regħba u l-indifferenza għall-bżonnijiet tal-oħrajn.

### *Drittijiet u Dmirijiet*

Forsi ta' min niftakru kemm dawn iż-żewġ kelmiet jimxu id f'id. Fil-komunità huwa tajjeb li wieħed ikollu d-drittijiet u li dawn jiġu mħarsa, imma rridu niftakru li dawn id-drittijiet ipoġġu b'mod reċiproku r-responsabbiltà fuq il-persuna. Kultant insibuha faċli nitkellmu fuq id-drittijiet individwali tagħna u ninsew l-obbligi li għandna lejn il-komunità inġenerali. Bħala eżempju nistgħu ngħidu li jien bi dritt għandi nsib l-indafa, imma rrid niftakar li din tpoġġi wkoll fuqi d-dmir li nżomm l-indafa jien ukoll. Jekk ma nagħmlux hekk inkunu tlifna s-sens ta' ġustizzja, li huwa kruċjali biex issaltan il-paċi.



### *Il-Ħarsien tal-Ħolqien*

L-eżistenza u l-benesseri tagħna stess jiddependu mill-ħolqien, anki jekk ma nammettuhiex. Hemm konnessjoni fil-qrib ħafna bejn il-bniedem u l-ħolqien. Ilkoll nesperjenzaw mistrieħ meta ngawdu l-ispazji miftuħa, is-siġar, l-arja nadifa, l-annimali, il-baħar… Ingħataw lilna bħala rigal mill-Ħallieq. Huwa obbligu tagħna li nibżgħu għall-ambjent naturali u nħalluh tajjeb biex jitgawda mill-ġenerazzjonijiet ta' warajna. L-ambjent mhuwiex hemm biex jiġi sfruttat, anzi rridu nagħmlu ħilitna biex ma ssirx ħsara irreparabbli. Bħala pajjiż għandna bżonn nirriflettu ħafna fuq dan l-aspett, qabel ma jkun tard wisq. Il-kwalità tal-ħajja tagħna tiddependi minn kif inżommu l-ambjent ta' madwarna.



### *Il-Ġid Komuni*

Biex jinħoloq spirtu komunitarju l-bnedmin jassoċjaw ruħhom u joħolqu entitajiet biex ifittxu l-ġid mhux biss tagħhom infushom imma wkoll ta' ħaddieħor. Din hija

l-qalba ta' dak li jissejjaħ "il-ġid komuni". Individwu waħdu ma jistax iġib 'il quddiem il-ġid komuni. Dan iseħħ biss bis-sehem ta' kulħadd. Il-ġid komuni jintlaħaq meta naħdmu flimkien biex intejbu l-benesseri tan-nies fis-soċjetà tagħna. Id-drittijiet tal-individwu għall-pussess personali u r-riżorsi komunitarji għandhom ikunu bbilanċjati mal-ħtiġijiet ta' dawk żvantaġġati. Min qiegħed f'xi forma ta' awtorità fis-soċjetà huwa obbligat jaħdem għall-ġid komuni.



Jien ma ngħixx waħdi. Jien ngħix ukoll f'ambjent soċjali tal-familja, il-komunità, il-pajjiż u d-dinja sħiħa umana. Ma nistax nirraġuna biss bil-"jien" imma rrid niftakar li hemm "aħna". Ta' min inkomplu naħdmu biex nikkultivaw sens ta' komunità fi żmien meta donnu kollox qed jimbuttana biex ninqatgħu għal rasna u nfendu weħidna. Lanqas ma nistgħu naqgħu għall-indifferenza quddiem nies li jsibu ruħhom fil-periferija tal-komunità u s-soċjetà tagħna, kif isostni l-Papa Franġisku.

Ħafna drabi nipparteċipaw fil-globalizzazzjoni tal-indifferenza.Jalla, minflok, nistinkaw biex ngħixu s-solidarjetà globali – Il-Papa Franġisku

Nagħmlu ħilitna kollha biex ngħixu dawn il-valuri soċjali, biex insaħħu spirtu ta' sostenn u armonija fil-familji u l-komunitajiet tagħna.




# 20 Sena mill-Mewt ta' Suor Artemisia Gatt

## 25/10/1953-31/03/2003



Artemisia twieldet fil-25 ta' Ottubru 1953, bint il-koppja Karmnu u Maria Gatt née Deguara fost 10 aħwa, hi trabbiet l-Imġarr.

Meta kienet xebba daħlet mal-kor tal-parroċċa Regina Coeli, dak iż-żmien immexxi minn Dun Ġużepp Micallef.

Ta' 23 sena daħlet il-kunvent bħala novizza u ftit snin wara professat soru mas-sorijiet Franġiskani. F'ħajjitha ħadmet mat-tfal bħala għalliema fl-iskola primarja ta' St Francis, ir-Rabat, Għawdex. Meta kienet id-dar l-Imġarr hi kienet tmur iżżur l-anzjani u l-morda fl-isptarijiet u d-djar tax-xjuħ. Għal xi żmien marret ukoll tgħin fil-missjoni.

Hi mietet fil-31 ta' Marzu 2003 fl-età ta' 49 sena.

Meta mietet, għall-quddiesa *presente cadavere* li saret fil-parroċċa tal-Imġarr nhar l-1 t'April 2003 attendew ħafna sorijiet u saċerdoti minn Malta u Għawdex kollu, kif ukoll kien attenda l-Kardinal Mario Grech.

Sr Artemisia Gatt tiġi oħt il-President tal-għaqda tagħna Giovanni Gatt.

*Fil-Festa għid ir-Ruzarju mal-Familja u tkun tajt l-isbaħ rigal lil Santa Marija*



# Paul Borg Antiques

*Specialising in Museum Quality Antiques, Including Maltese, French, Italain & English Furniture, Porcelain & Paintings.*

Naxxar Road, Birkirkara, Malta
Mob: (+356) 9949 6906, 9945 5077
Web: www.paulborgantiques.com
Email: pbantiques@onvol.net

MS

**Bathroom Centre**

*Malcolm Bugeja*

*Parades Street, St. Paul's Bay - Malta*
*Tel: (+356) 2157 3499 • Mob: (+356) 9904 1260*
*Email: bugejamalcolm@gmail.com*


Il-Palazz
MARBLE, RESIN, GRANITE, QUARTZ
& QUARZITE WORKS
Francis Bugeja
Durumblat Road, Mosta, MST 4810
Kyle: 9952 5723
Kersten: 7939 0286
Showroom: 2143 7619
9949 3391
E: info@il-palazz.com
F: il-palazz marble works


ZAMMIT
ANTIQUES
Dealers &
Restorers
30, Triq il-Kurat Schembri, Mosta
(off Constitution Street from Ta' Maria Rest.)
Tel: 2141 9420 • Mob: 9942 7126, 7925 4648


BJORN'S GARAGE
School Transport / airport / point to point transfers
:356 9903 4447
: bjorncamilleri90@gmail.com


Lumière STUDIO
ANYTHING RELATED TO PHOTOGRAPHY
INSTANT PRINTING
PASSPORT PHOTOS
PHOTOSESSIONS
ALBUMS & FRAMES
PHOTOGRAPHING OCCASSIONS
PHOTO RESTORATION
ENLARGEMENTS
FRAMING
LIKE US ON
LORRAINE'S LUMIERE STUDIO
110, MAIN STREET, MGARR
FOR MORE INFO
CALL 79049412


"GĦAL EWROPA LI TIPPREMJA L-KULTURA TA' KULL LOKALITÀ"
Il-Festa t-Tajba
CYRUS ENGERER
Membru tal-Parlament Ewropew
Uffiċċju
Triq il-Pelegrinaġġ, Bormla
+356 99003561
cyrus@cyrusengerer.com
www.socialistsanddemocrats.eu
Parlament Ewropew
Partit Laburista
S&D




# Marble, Granite, Quartz & Travertine

Kitchen Tops, Staircases, Flooring, Pool Coping, Fireplaces & Cladding

www.desanamarbles.com +356 2145 1350 | 9946 7776 info@desanamarbles.com

DESANA
MARBLES



Simon & Edward & Daniel
Funeral Services
99449578 - 79030197 - 99854432


BRIDGE POINT
BRIDGEPOINTMALTA.COM




**Birkirkara** T: (+356) 2149 6235 | **Gżira** T: (+356) 2134 5123 | **Mellieħa** T: (+356) 2152 3672
**Mosta** T: (+356) 2713 5297 | **Paola** T: (+356) 2166 2815 | **Rabat** T: (+356) 2145 5523 | **Sliema** T: (+356) 2134 2211
**Qormi** T: (+356) 2148 7118 | **Mrieħel** T: (+356) 2778 8277 | **Valletta** T: (+356) 2123 2666

GASANMAMO INSURANCE LIMITED IS AUTHORISED UNDER THE INSURANCE BUSINESS ACT AND REGULATED BY THE MFSA | GASANMAMO.COM

VZ lines ltd.

# Motoring School

+356 9929 2934
+356 2299 6699

Category B , D , D1

Become a driver





TRAVEL
BOAT
MOTOR
HOME

Do you need insurance? We've got you covered!

BUSINESS
HEALTH

## SUSAN MICALLEF
Tied Insurance Intermediary

74, Triq Sir Temi Zammit,
Żebbiegħ, Mġarr, Malta

M: 7972 2912
E: susan.micallef@gmail.com

MAPFRE

*The Products are manufactured by MMS and distributed by Susan Micallef.*

Susan Micallef is an enrolled Tied Insurance Intermediary (TII) under the Insurance Distribution Act for MAPFRE Middlesea p.l.c. (MMS). MMS (C-5553) is authorised under the Insurance Business Act. Both the TII and MMS are regulated by the Malta Financial Services Authority.



# Għall-irħas xirja...

PAVI
SHOPPING COMPLEX
QORMI

PAMA
SHOPPING VILLAGE
MOSTA

SUPER
PRICES
EVERYDAY

*Kulħadd jaf!*

PAVIPAMA.COM.MT




Condominium Management
Long Let Management
Short Let Management
Commercial Management
Facility Management
Mail Management
Rent Collection
Key Holding Services

**Call us today to help you with your Property Management needs.**

We provide an effective and tailor made solution to suit your needs!

**www.victorestate.com.mt**

Victor Estate
PROPERTY MANAGEMENT

+356 2157 4315 + 356 7939 6319
info@victorestate.com.mt

# DISCOVER —
## A NEW LEVEL OF TASTE









BEACH
BAR
RESTAURANT

For Bookings
Call +356 22895601
Email info@portolounge.com.mt

PORTO
lounge


J&J Gauci Granite LTD
Għal kull għażla ta' Granite, Irħam,
Travertine, Żonqor u Quartz. Isir ukoll xogħol
ta' pavimentar, bankini eċċ.
J&J Gauci Granite L.T.D.
2, Triq il-Fdal Puniku,
Mġarr, Malta MGR2461
Tel: +356 21570540,
Mob: +356 99473248, 99852783
Fax: +356 21525022
E-Mail:jjgauci@yahoo.com

# Il-Kunsillier **Clayton Gauci**



Jixtieq jawgura
l-festa t-tajba
lill-Imġarrin
kollha.



Kull min jixtieq jagħmel kuntatt ma’ Clayton jista’ jagħmel dan
fuq 9987 1185
jew claytongauci86@gmail.com

# We've got you covered on all fronts

**Check out our insurance range**




## Melanie Bezzina

Tied Insurance Intermediary for Citadel Insurance p.l.c.

Ciapella Enterprises, Triq Fisher, Mġarr, MĠR 1522

99834083

mbezzina3@gmail.com

Mon-Fri: 9am-12pm; 4pm-6pm

Motor • Home • Travel
Marine • Health • Business

Citadel Insurance p.l.c. is a company authorised under the Insurance Business Act Cap 403 to carry on general and long term business of insurance and Melanie Bezzina is enrolled under the Insurance Distribution Act, Cap 487, to carry out tied insurance intermediary activities for Citadel Insurance p.l.c. Both are regulated by the Malta Financial Services Authority.

Citadel insurance




**At Malta's largest Land Rover vehicles only workshop, we will be pleased to assist you with any of the following: Mechanical servicing, repairs and total rebuilds. Computer systems diagnostics and electronic faults clearing. Accident damage repairs, spray painting, and complete restorations. Very reasonable hourly rates and warranty on the repairs. Stockists/vehicles spare parts and accessories.**

**We represent the following brands:**

ALLMAKES 4X4 • ASHCROFT TRANSMISSIONS • ARB AIR LOCKER • BEARMACH PLC • BF GOODRICH TYRES • BRITPART • DETROIT LOCKER • EQUIPE • EXMOOR TRIM • GENERAL TYRES • GOODRIDGE • HI-LIFT • K&N PERFORMANCE FILTERS • MACH 5 WHEELS • MANTEC • MUD STUFF • PRO COMP • RING AUTOMOTIVE • SAFARI • SILVERSTONE TYRES • T-MAX MAXIMUM OFF-ROAD RECOVERY • TERRAFIRMA • TIBUS OFFROAD ENGINEERING • WARN

Ta' Hagrat Street – Mgarr MST 10. Tel: **2157 4615 / 2157 2504** Email: **adrian@ciapella.com**
Mosta Road – Lija LJA 9012. Tel: **2141 4441** Fax: **2141 6837** Email: **info@ciapella.com**

# Il-Kollezzjoni Nazzjonali tal-Programmi tal-Festa fil-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta

Danica Abela – Voluntiera mal-Bibljoteka Nazzjonali

Il-Bibljoteka Nazzjonali, jew kif xi wħud jafuha bħala l-Librerija Nazzjonali, hija l-post fejn wieħed jista' jsib kull tip ta' pubblikazzjoni: minn manuskritti arkivistiċi u kotba rari sa kalendarji, dizzjunarji, gazzetti u rumanzi. F'Marzu tal-2022 il-Bibljoteka nediet proġett ta' katalogar u organizzazzjoni tal-programmi tal-festi li jinħarġu minn diversi għaqdiet volontarji f'pajjiżna. Dan il-proġett issa qiegħed fi stadju avvanzat, fejn qegħdin nikkollaboraw ma' diversi każini tal-banda, parroċċi, kmamar tan-nar, imħażen tal-armar kif ukoll istituzzjonijiet u kollezzjonisti sabiex din il-kollezzjoni tkun waħda interessanti, mhux biss għad-dilettanti tal-festi Maltin u Għawdxin iżda wkoll għal dawk li għandhom f'qalbhom il-kultura intanġibbli ta' pajjiżna.

Il-Bibljoteka Nazzjonali bħala kollezzjoni twaqqfet fl-1555 bl-għan illi l-kotba tal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann jitħallew lit-Teżor tal-Ordni meta sidhom imut, biex imbagħad il-kotba jinġabru bħala kollezzjoni ġewwa bibljoteka. Bis-saħħa ta' din ir-regola l-Bibljoteka Nazzjonali tkabbret b'mod impressjonanti, b'kotba rari li ħafna minnhom huma l-ewwel edizzjonijiet ta' xogħlijiet prominenti. Matul iż-żminijiet l-importanza ta' din il-librerija kkonsolidat, anke taħt il-ħakma Ingliża f'Malta. L-amministrazzjoni Ingliża ma ħarsitx biss lejn l-iżvilupp tal-Bibljoteka iżda wkoll lejn il-libertà tal-istampa u l-liġi tad-depożitu legali (legal deposit). Fl-1839 f'Malta ġiet introdotta l-libertà tal-istampa, fejn wieħed seta' jippubblika dak kollu li jixtieq, f'gazzetti u anke kotba, mingħajr ma jattakka lill-Knisja Maltija. Għalhekk f'Malta nfetħu diversi stamperiji li bdew joħorġu l-gazzetti tagħhom bi prezzijiet għall-but ta' kulħadd. L-amministrazzjoni Ingliża ħasset illi tipproteġi lill-awturi u l-kreazzjoni letterarja tagħhom billi tippromwovi lill-awturi u l-pubblikaturi sabiex jiddepożitaw kopja tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Bibljoteka Nazzjonali, il-Belt Valletta, biex b'hekk ikunu legalment protetti minn persuni terzi li jisirqulhom xogħolhom jew l-ideat. Maż-żmien din il-prattika saret aktar popolari u finalment fl-1925 ġiet introdotta l-liġi tad-depożitu legali ta' pubblikazzjonijiet stampati f'Malta u Għawdex, u ġiet irfinuta wkoll fl-2011 fl-Att tal-Malta Libraries (Malta Libraries Act).



*Il-Kollezzjoni Nazzjonali Programmi tal-Festa*

Il-liġi tad-depożitu legali tgħid illi l-awtur, il-grupp jew il-pubblikatur għandhom




*Ringrazzjament mil-librara tal-Junior College għad-donazzjoni mill-Bibljoteka Nazzjonali, frott il-kollaborazzjoni bejn iż-żewġ istituzzjonijiet*

legalment jagħtu żewġ kopji tal-pubblikazzjoni tagħhom lill-Bibljoteki Nazzjonali f'Malta u Għawdex. Din il-liġi hija applikabbli b'mod speċjali għal dawk il-pubblikazzjonijiet li jaqgħu taħt it-tip Melitensia, jiġifieri pubblikazzjonijiet fuq Malta u/jew miktubin minn awturi jew maħruġin minn pubblikaturi Maltin. Il-pubblikazzjoni tvarja minn ktieb sa gazzetti u anke programmi tal-festi. Minħabba f'hekk illum il-ġurnata dawk illi jżuru l-Bibljoteka Nazzjonali jistgħu jsibu materjal stampat antik kif ukoll kotba u gazzetti ta' dawn l-aħħar mitejn sena.

Fit-tmeninijiet u d-disgħinijiet bdew jitfaċċaw il-kotba tal-festi fil-Bibljoteka Nazzjonali. Matul iż-żmien il-kollezzjoni tal-programmi tal-festi kibret. Qabel il-pandemija tal-COVID-19 ġiet organizzata skont l-irħula u l-bliet minn diversi studenti, voluntiera u impjegati. Iżda kien is-sena l-oħra illi l-proġett Kollezzjoni Nazzjonali tal-Programmi tal-Festa beda, fost l-entużjażmu tal-kollegi sħabi u anke każini u għaqdiet oħra.

Il-programmi tal-festa huma lil hinn mill-messaġġi tal-kumitat. Dawn il-kotba huma niċċa ġdida, fejn diversi persuni u riċerkaturi jesponu r-riċerka tagħhom u l-kurżitajiet li jafu fuq ir-raħal b'lenti soċjoloġika, storika u artistika. Ir-riċerka hija estensiva u dettaljata, miktuba minn esperti, professjonisti u storjografi tar-raħal. Ħafna mill-kitbiet huma riċerkati f'arkivji u kotba oħra iżda wkoll minn stejjer li ġew mgħoddija minn ġenerazzjoni għal oħra. Lil hinn minn dan kollu l-programmi tal-festa jfakkru anniversarji u persuni strumentali fl-irħula Maltin u Għawdxin illi huwa diffiċli ssibhom f'pubblikazzjonijiet oħra. B'hekk wieħed jista' jistqarr illi dawn il-pubblikazzjonijiet tal-festa huma minjiera ta' informazzjoni li xi kultant ma nagħtuhiex biżżejjed importanza. Iżda dan il-proġett nazzjonali qiegħed jaħdem sabiex din l-informazzjoni ma tintilifx.

Il-proġett beda billi ċċekkjajna l-kollezzjoni li kien hemm ġa, li kienet tammonta għal madwar 1,500 ktieb differenti. Rajna illi l-kotba huma kklassifikati fil-festa u r-raħal it-tajbin. Wara dan il-pass bdiet fażi oħra fil-proġett, illi kienet kruċjali. Flimkien ħloqna lista tal-kotba li għandna fil-Bibljoteka, flimkien mas-sena u l-għaqda li ppubblikatu. Wara li lestejna din il-lista bdejna fażi oħra. Kull għaqda, każin u parroċċa ġew mgħarrfa f'dan il-proġett b'ittra elettronika, li fiha tlabna kopji tas-snin nieqsa illi kellna fil-kollezzjoni tagħna. Ħafna għaqdiet ikkoperaw sabiex ikollna s-sett kollu, anke jekk ftit mill-pubblikazzjonijiet huma għandna b'mod elettroniku u mhux fiżiku. Bħalissa, flimkien mal-Bibljoteka Nazzjonali, bdejna bir-reklamar ta' din il-kollezzjoni, fejn qegħdin inżuru diversi każini waqt il-festi tal-irħula u nispjegawlhom l-importanza tal-konservazzjoni ta' din il-kollezzjoni.

Meta programm tal-festa jasal il-Bibljoteka Nazzjonali dan jittieħed mill-ewwel

f'din il-kollezzjoni, fejn jiżdied mal-lista u jitqiegħed f'kaxxi apposta mqassmin skont il-lokalità, il-patrun u l-għaqda li ppubblikat il-ktieb. B'hekk ir-riċerkatur għandu aċċess għall-pubblikazzjoni fl-iqsar ħin possibbli. Il-parti l-kbira tal-lokalitajiet Maltin jippubblikaw minn ħames sa sitt pubblikazzjonijiet, imqassma skont l-ammont ta' baned, parroċċi, kmamar tan-nar u għaqdiet oħra. Ta' min jinnota illi ċerti każini u parroċċi jippubblikaw fuljetti kull tlieta, erbgħa jew sitt xhur. Dawn jinġabru wkoll u jitqiegħdu mal-kollezzjoni, filwaqt li parroċċi oħra jippubblikaw fuljetti għal festi sekondarji u liturġiċi oħra. B'hekk il-kollezzjoni ma tikbirx biss fix-xhur sajfin iżda s-sena kollha!

Sal-kitba ta' dan l-artiklu l-Kollezzjoni Nazzjonali tal-Programmi tal-Festa tammonta għal madwar 5,000 pubblikazzjoni differenti minn każini, imħażen, parroċċi u kmamar tan-nar Maltin, Għawdxin iżda wkoll ta' ħutna l-immigranti Awstraljani, li jiċċelebraw il-festa tipika Maltija fil-belt tagħhom. L-aktar pubblikazzjoni antika tmur lura għas-sena 1951. B'hekk żidna l-kollezzjoni tagħna b'madwar 3,500 ktieb f'sena! Din il-kollezzjoni saret possibbli grazzi għall-għaqdiet u l-każini li għaddewlna l-kopji kif ukoll għall-individwi li tawna l-kollezzjoni tagħhom u istituzzjonijiet bħal-Librerija tal-Junior College. F'din il-librerija tal-Università ta' Malta wieħed jista' jsib kollezzjoni akbar ta' programmi tal-festa, immexxija bl-aktar mod professjonali mil-librara, li b'tant entużjażmu jtellgħu dan il-materjal fuq il-pjattaforma diġitali tagħhom OAR@UM. Bħala studenta fl-Università ta' Malta kif ukoll voluntiera f'dan il-proġett inħeġġeġ lill-pubbliku sabiex jagħmel użu minn din il-pjattaforma. Il-Librerija tal-Junior College u l-Bibljoteka Nazzjonali nikkollaboraw flimkien, billi npartu d-doppji ta' bejnietna sabiex insaħħu l-kollezzjonijiet rispettivi tagħna.Din il-kollezzjoni qiegħda taqdi żewġ dmirijiet fi ħdan il-Malta Libraries. L-ewwel, il-liġi tad-depożitu legali, li biha l-kopji li jingħataw bil-liġi jinżammu fl-Uffiċċju Nazzjonali Bibljografiku, billi l-għan tagħha huwa li tippreserva pubblikazzjonijiet Maltin. It-tieni, id-dmir tal-Bibljoteka Nazzjonali sabiex toħloq post ċentrali fejn riċerkatur jista' jaċċessa din l-informazzjoni. Il-proġett mhuwiex lest, anzi fadal ħafna xi jsir. Madankollu, frott il-kollaborazzjoni u l-imħabba għall-pubblikazzjonijiet u l-kultura Maltija, din il-kollezzjoni tista' tibda tiġi riċerkata mill-pubbliku. Huwa ta' sodisfazzjon għalina l-voluntiera u l-impjegati tal-Bibljoteka Nazzjonali li wara dawn ix-xhur kollha l-pubbliku jista' jgawdi minn din il-kollezzjoni.


*Donazzjoni ta' kotba doppji minn kollezzjoni privata*

Flimkien mal-impjegati tal-Bibljoteka Nazzjonali nirringrazzja lil dawk kollha li kkoperaw magħna. Inħeġġu lil kull min huwa interessat, sew riċerkaturi kif ukoll dilettanti u persuni responsabbli minn xi għaqda, li jixtiequ jikkoperaw, sabiex jagħmlu kuntatt magħna, kemm billi jkellmu lili personalment jew b'ittra elettronika fl-indirizz customercare.nlm@gov.mt, jew iċemplu 25983551.



# Id-Disgħa u Erbgħinijiet

**Onor. Kav. Louis J Vella MQR**
*Konslu Ġenerali Onorarju għal Malta f'San Francisco, l-Istati Uniti tal-Amerika*
*President Onorarju*




*L-emblema popolari u rikonoxxuta ma' kullimkien tat-tim tal-futbol Amerikan ta' San Francisco*

Hemm aħna, se nibdew bit-terminoloġiji ġodda. Dan x'titlu ta' artiklu hu… id-Disgħa u Erbgħinijiet? U fl-isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu! Aħjar ma ngħid xejn! Dan minn fejn inqala'? Smajna bl-għoxrinijiet u forsi bit-tletinijiet imma żgur li qatt ma smajna bid-disgħa u erbgħinijiet… Min jaf kemm-il darba assistejna għal xi laqgħa jew xi prietka ta' nies bravi li jafu jwasslu messaġġ, u matul id-diskors nisimgħu xi referenzi għal żmien l-imgħoddi. Kultant biex issir referenza għal xi użanzi, popli, mużika jew moda jintużaw perjodi ta' għaxar snin, bħal pereżempju l-ħamsinijiet jew is-sittinijiet. Fl-Amerka, fejn jgħixu ħafna familji mill-Imġarr, jintużaw ukoll xi laqmijiet għal ma' dawn il-perjodi ta' kull għaxar snin. Insibu laqmijiet bħal pereżempju "The Roaring 20's". Dan il-laqam sar popolari għax is-snin ta' bejn l-1920 u l-1929 kienu snin ta' prosperità ekonomika kbira, speċjalment fl-Amerka u xi pajjiżi oħra Ewropej u dawk tal-Punent. Kienu snin ta' bidliet sinifikanti f'dik li hi kultura u aspetti oħra soċjali. Kienu ż-żminijiet ta' wara l-Gwerra l-Kbira (WWI) tal-1914-1918, u l-popolazzjoni, speċjalment dik żagħżugħa, kienet imxennqa biex tesprimi ruħha b'iktar libertà u tinsa minn xiex kienet għadha kif għaddiet. Ir-Roaring 20's fl-Amerka kienu żmien ta' ottimiżmu sfrenat, bejn għax waslu wara 'l fuq minn erba' snin ta' gwerra mondjali kif ukoll għax kienu ż-żmien qabel l-Amerka daħlet f'dipressjoni kbira fit-tletinijiet. Kien għalhekk li, meta wieħed kien iħares lura lejn l-għoxrinijiet, kien naturalment iħares lura b'ċerta nostalġija ta' żmien ferm isbaħ u inkoraġġanti. Dawk l-għaxar snin sbieħ ġew imlaqqma "The Roaring Twenties".Mela s-snin mill-1920 sal-1929 nafuhom bħala "The Roaring Twenties". Insibu laqmijiet oħra, bħalma huma t-tletinijiet, li kultant huma mlaqqmin "The Dirty Thirties", il-ħamsinijiet bħala "The Nifty Fifties" u laqmijiet simili, xi wħud popolari u oħrajn ftit li xejn magħrufa. Hemm ħafna għajdut jew leġġendi għalfejn jiġu mlaqqmin ċerti eri taż-żmien, u mhux lok li noqogħdu nidħlu f'ħafna dettall. Imma din tad-disgħa u erbgħinijiet minn fejn il-mniegħel ġiet, għax donnha ma tantx iddoqq. L-ewwel nett għax ma fihiex perjodu ta' għaxar snin, kif ukoll għax meta tlissinha fil-fatt tinstema' pjuttost stunata. U veru hekk hu. Però meta minflok ngħiduha




*Ballun tipiku tal-logħba tal-futbol Amerikan bl-arma ta' San Francisco fuqu*




*L-elmu li jintlibes waqt logħba tal-futbol Amerikan biex jipproteġi r-ras mid-daqqiet tal-avversarji*

bil-Malti ngħiduha bl-Amerikan, u ngħidu, minflok, "Forty Niners", e, allura hekk mod ieħor. Hekk ma tinstemax stunata għax mhux l-ewwel darba li smajna l-isem Forty.



*Indjani indiġeni ta' California jbaħħru fuq xmara jfittxu biex jaqilgħu l-għejxien tagħhom*

Min hu dilettant tal-isport, u b'mod partikolari l-futbol Amerikan, żgur li sema' bit-tim tal-futbol ta' San Francisco, li hu magħruf mad-dinja kollha bħala San Francisco Forty Niners, jew SF49ers. Dan it-tim huwa wieħed mill-iżjed timijiet sportivi popolari u li kiseb ħafna suċċessi fil-qasam tal-futbol Amerikan. Kemm-il darba rebħu l-ogħla unuri tad-dinja ta' dan l-isport, u ġieli anke ħadu sehem f'logħob ta' esebizzjoni ġewwa l-Ewropa.



*Indjani indiġeni ta' California jikkaċċjaw għall-ikla ta' kuljum*

Imma wieħed jistaqsi, dan l-isem ta' San Francisco Forty Niners minn fejn ġie, u għalfejn jinstema' qisu bħal-laqmijiet li jingħataw lill-perjodi ta' għaxar snin, kif għedna iktar 'il fuq? Kif twieled dan il-laqam u x'għandu x'jaqsam in-numru 49 ma' San Francisco?

Mela biex wieħed jibda biex jifhem sew minn fejn ġej dan kollu hemm bżonn li mmorru lura fiż-żmien, lura ħafna snin. Qabel ma l-Ewropej skoprew u waslu bix-xwieni tagħhom fuq l-art li llum hi magħrufa bħala California, l-abitanti ta' dan it-territorju ta' kobor immens kienu l-Indjani indiġeni.

Kien hemm ħafna u ħafna tribujiet minn tarf għall-ieħor ta' dan it-territorju vast. Dawn l-Indjani kienu ilhom jokkupaw, jgħixu, jikkaċċjaw u jindukraw din l-art kif ukoll irabbu l-familji tagħhom għal mijiet ta' snin.

Il-wasla tal-Ewropej ġabet magħha bidliet kbar meta dawn bdew jikkapparraw l-ispazji u l-inħawi ta' kull fejn kien jogħġobhom. Dak iż-żmien California ma kinitx għadha tagħmel parti mill-Istati Uniti tal-Amerka, kif kienu magħrufin. Wara xi snin, minn meta l-Ewropej skoprew California, dan it-territorju kollu waqa' taħt il-ħakma Messikana, u b'hekk California saret parti mill-Messiku. Ħafna kienu dawk is-sinjuruni u negozjanti kbar Messikani li akkwistaw meded immensi ta' art.



*Dar kbira fuq wesgħa enormi ta' żmien il-ħakma Messikana fuq California. Dawn kienu jissejħu "haciendas"*

Bnew djar enormi, imdawrin b'kemm tara b'għajnejk raba' u għelieqi fejn ikunu jistgħu jirgħaw il-bhejjem tagħhom u fejn jitkabbru ħafna siġar, speċjalment tal-lewż, ġewż u prodotti oħra simili, kif ukoll ħafna tipi varji ta' wċuħ tar-raba'.Però d-diżgwid u xi ġlied bejn il-Messikani ta' California u l-kumplament tal-Amerka ma naqsux. Maż-żmien dan it-taqbid tant kiber sew fin-numru kif ukoll fis-serjetà tiegħu li fl-1846 faqqgħet il-gwerra magħrufa bħala "l-Gwerra Messiko-Amerikana". Din il-gwerra qalila damet 'il fuq minn sentejn.

Kienet gwerra qalila. Eluf sfaw mejtin jew midruba. It-tmiem ta' din il-gwerra ġie meta l-Messiku kellu jċedi totalment dan it-territorju, u California saret għal ftit

ġranet territorju indipendenti. Ma tantx damet indipendenti, għax dan l-istess territorju ftit jiem wara ġie inkluż u aċċettat bħala l-31 stat tal-Istati Uniti tal-Amerka u b'hekk l-Amerka saret kontinent sħiħ minn baħar sa baħar, mill-Oċean Atlantiku sal-Oċean Paċifiku.



*Xena mill-gwerra qalila bejn il-Messiku u l-Amerka tal-1946*

Imma x'inhu s-sinifikat ta' dan kollu fl-isfond tas-suġġett tagħna?

Mela ġara li hekk kif California saret stat Amerikan, ħafna kienu dawk li bdew iterrqu u jemigraw lejn dan l-istat ġdid mingħajr xkiel, filwaqt li kien post fejn l-opportunitajiet kienu bla qies. Eluf ta' nies irħewlha lejn California, li tinsab fil-Punent tal-Amerka, biex jibdew ħajja ġdida, jew biex jittantaw xortihom f'territorju li kien għadu pjuttost primittiv. Ħafna oħrajn waslu hawn biex forsi jaħarbu minn xi ħadd jew xi ħaġa jew inkella xi ħajja oħra, jew forsi anke minn xi inkwiet li kellhom fejn kienu jgħixu. Il-popolazzjoni ta' California bdiet tiżdied b'rata notevoli. L-għajta f'dawk iż-żminijiet kienet biex kulħadd jerħilha lejn il-Punent. Il-mezzi ta' trasport dak iż-żmien kienu ż-żwiemel, karettuni mikxufin jew mgħottija, ħmir jew bil-mixi. Kien hemm ukoll it-trasport bil-baħar, peress li l-belt ta' San Francisco għandha bajja kennija u l-kosta ta' California għandha ħafna daħliet fejn wieħed seta' jasal bil-vapuri u l-bċejjeċ tal-baħar ta' dak iż-żmien. It-triq minn fuq l-art kienet twila, kiefra u perikoluża, imma xejn ma qata' qalb dawk li rħewlha lejn fejn jidher l-aħħar dawl tal-jum. Minn fuq il-baħar il-vjaġġ ma kienx faċli lanqas, imma d-determinazzjoni kienet tegħleb kollox. Jeżistu ħafna stejjer ta' nies li ġew California fuq vapuri li baħħru madwar il-ponta t'isfel nett tal-Arġentina u baqgħu telgħin mal-kosta tal-Amerka t'Isfel u tan-Nofs sa ma waslu San Francisco.



*Mappa b'xeni tipiċi Amerikani li turi lil California bħala stat Amerikan u b'hekk l-Amerka nfirxet minn baħar sa baħar, mill-Oċean Atlantiku sal-Paċifiku*



*Karettun tipiku mgħotti li kien jintuża biex il-familji jivvjaġġaw eluf ta' kilometri fi triqithom lejn California u lejn il-Punent*

Ġara li fl-1849 fin-nixxigħat u x-xmajjar li jeżistu 'l isfel mill-muntanji ta' California nstabu xi biċċiet żgħar tad-deheb. Din kienet sejba mhux mistennija imma li naturalment qajmet għagħa kbira. Avolja l-mezzi ta' komunikazzjoni ta' dak iż-żmien kienu għadhom lura ħafna, din l-aħbar ma damitx ma daret ma' California, u mhux wisq wara anke mal-Amerka kollha. Tistgħu taħsbu l-ġenn, l-ansjetà, ir-regħba u d-determinazzjoni ta' ħafna u ħafna nies li jivvjaġġaw lejn California biex ifittxu d-deheb. Min jaf kemm ħolm ta' rikkezzi u ta' ħajja komda u sinjura! Min jaf kemm pjanijiet ta' x'se jagħmlu b'dak id-deheb kollu li se jsibu!



*Il-massa ta' nies u karettuni jivvjaġġaw fit-tul x'aktarx kien ikollhom gwida jew scout biex jgħarrex xi jkun ġej quddiem il-vjaġġaturi*

U hawn niġu għal-oriġini tat-terminoloġija tat-titlu ta' dan l-artiklu. Qed ngħidu naturalment għal-laqam "Id-Disgħa u Erbgħinijiet," jew kif forsi nafuhom aktar bħalha "The Forty Niners". Din ir-referenza għan-numru 49 hi bla dubju meħuda mill-annu 1849.



*Il-kosta ta' California ta' dak iż-żmien, minn fejn ħafna kienu jbaħħru min-naħa tan-Nofsinhar lejn it-Tramuntana, fejn hemm il-belt ta' San Francisco*

***Mela min kienu l-vera Forty Niners oriġinali?***

Issa nafu fiż-żgur li dawn mhumiex it-tim tal-futbol Amerikan li tant hu popolari, u li ħafna anke fl-Amerka, u saħansitra anke f'California, hawn min ma jafx li l-Forty Niners oriġinali fil-fatt mhumiex it-tim favorit tal-futbol Amerikan. Kif semmejna iktar 'il fuq, fl-1849 f'California nstab id-deheb. Id-deheb instab bi żball, jew kif ngħidu wkoll, b'ċikka. Wieħed raġel li kellu ħafna art qrib fejn illum hemm il-belt kbira ta' Sacramento, li hi l-belt kapitali ta' California, ried jibni bħal remissa kbira fejn ikun jista' jqatta' u jaħżen iz-zkuk tas-siġar u jagħmilhom materjal għall-bini tad-djar u bini ieħor. Il-proġett kellu jinbena ħdejn ix-xmara tal-post, peress li kien se jkollu bżonn ħafna ilma biex jaħdem. Kien propju fl-ilma ta' din ix-xmara li wieħed mill-ħaddiema ta' dan ir-raġel sab biċċa deheb li kienet ilha nieżla titgerbeb bil-mod il-mod mal-ilma tax-xmara. L-aħbar kieku huma riedu u xtaqu li jostruha, imma m'għaddiex żmien wisq meta din l-aħbar straordinarja xterdet ma' kull riħ. Nies minn kull rokna, il-biċċa l-kbira rġiel, tathom ferneżija. Ħafna ssellfu somom kbar ta' flus, oħrajn biegħu kulma kellhom jew għamlu d-dar tagħhom bħala kapparra biex jakkwistaw il-flus ħalli jkunu jifilħu għall-vjaġġ. Oħrajn wettqu sagrifiċċji kbar u għamlu dak kollu li setgħu biex ikollhom riżorsi biżżejjed sabiex jivvjaġġaw lejn San Francisco. Ħafna oħrajn ġew bil-baħar minn stati oħrajn, miċ-Ċina, mill-Ewropa kif ukoll mill-Amerka t'Isfel. Id-deheb, jew aħjar l-aħbar tas-sejba tad-deheb, telgħet għall-irjus u bdiet dik l-imsejħa "marda bid-deni tad-deheb", jew il-"gold fever". Il-popolazzjoni tan-nies f'California li ma kinux twieldu California imma li kienu ġew minn xi mkien ieħor sal-bidu tal-1848 kienet tlaħħaq madwar 1,000 ruħ. Wara l-aħbar li nstab id-deheb u n-nies bdiet tasal California bil-gzuz, minħabba l-għajta tad-deheb, il-popolazzjoni qabżet il- 100,000. Din il-


*Waħda mix-xmajjar kbar ta' California, fejn instab l-ewwel żrar tad-deheb ftit xhur qabel il-ġenn tal-1849*


*Dan wieħed mill-iffortunati li sab żrara tad-deheb, li nessietu t-tbatija u l-kundizzjonijiet ħżiena li kienu jgħixu fihom il-Forty Niners*


*Irġiel, Forty Niners, jittantaw xortihom u jaħdmu 'l fuq minn 16-il siegħa kuljum biex forsi jgħarblu xi frak tad-deheb*



*Logħba tal-futbol bil-flokk aħmar u qalziet kulur id-deheb ta' San Francisco*

mewġa ġganteska ta' nies li rħewlha lejn il-Punent hi magħrufa bħala "t-tellieqa għad-deheb" jew inkella "The Gold Rush". Dawn in-nies, mogħmijin bil-viżjoni tad-deheb, kienu l-vera Forty Niners.

L-aħbarijiet fil-gazzetti ta' dak iż-żmien dwar is-sejbiet tad-deheb kienu sensazzjoni wara l-oħra. L-istejjer qajmu ġenn kbir, imma l-verità kienet ferm differenti. Ħafna kienu dawk li tilfu ħajjithom bil-ġenn li jsibu d-deheb. Kien hemm ħafna li mietu bil-mard, għax fejn kienu jħaffru fil-minjieri tad-deheb ma kienx hemm tobba, kura jew sptarijiet. Kien hemm ukoll min miet b'xi inċident jew xi traġedja. Però kien hemm dawk li mietu b'xi ġlied li kien jinqala' kultant bejn dawk li kienu prattikament qegħdin jikkompetu għall-istess għan. Imma bħalma jiġri ta' spiss, l-aktar aħbarijiet li jinbiegħu huma dawk fejn il-verità u l-fatti jċedu għas-sensazzjoni. Bis-sewwa jew bid-dnewwa, bit-tajjeb jew il-ħażin… dawn kienu l-vera Forty Niners.

Jingħad li dak iż-żmien tal-Gold Rush 3 minn kull 4 irġiel li kienu joqogħdu San Francisco u fl-inħawi tal-qrib irħewlha lejn il-muntanji biex jittantaw xortihom. Madwar 350,000 kilò ta' deheb inġabru minn dawn il-Forty Niners. Kien hemm min kien iffortunat u sab id-deheb, però l-maġġoranza baqgħu b'xiber imnieħer. Jingħad li l-aktar nies li għamlu flus ma kinux dawk li rħewlha lejn il-muntanji u x-xmajjar biex isibu d-deheb imma kienu l-ftit negozjanti tal-ħwienet li baqgħu San Francisco jbigħu il-provisti lil dawk li marru jħaffru għad-deheb. Ta' min isemmi li eluf ta' nies li ġew minn kullimkien biex jittantaw xortihom ġew San Francisco bil-ħwejjeġ ta' fuqhom u xi ftit affarijiet essenzjali oħra li setgħu jġorru magħhom. Allura qabel terrqu lejn l-għoljiet u x-xmajjar biex ifittxu għad-deheb kellhom jixtru għodod, ikel, ħwejjeġ u ħafna bżonnijiet oħra. Ma kellhomx għażla oħra ħlief li jixtru dawn il-provisti mill-ftit ħwienet li kien hemm. U kif jgħidulna l-ekonomisti u kif fil-fatt jaf kulħadd, il-monopolju jieħu vantaġġ mill-provista u l-bżonn. Biss biss insemmu li bajda waħda ta' tiġieġa kien ikollok tħallas madwar 20 ewro għaliha, kafè jiċċarġjawk 'il fuq minn 200 ewro l-kilò u żarbun tax-xogħol tkun trid 'il fuq minn 2,000 ewro kieku kellek taqlibhom għall-flus tal-lum. Tistgħu taħsbu x'kienu jitolbu għall-bqaqen, il-fisien, il-karretti u ħafna għodod oħra li jkun hemm bżonn biex wieħed almenu jkollu ċans jittanta xortih u forsi ma jaqtax qalbu. Ma kienx hemm għażla oħra. Jew jagħmlu hekk jew ikollhom iħaffru b'idejhom. Kienu nies li kienu deċiżi li jgħixu u jaħdmu f'kundizzjonijiet tabilħaqq kefrin u diffiċli, imma dawn kienu l-vera Forty Niners.

F'California llum il-ġurnata ftit huma dawk li għadhom iħaffru fil-minjieri ġol-blat biex ifittxu għal xi vina deheb. Il-massa ta' nies li kellhom ras mimlija deni tad-deheb m'għadhomx jimlew l-għoljiet bħan-nemel, kif kienu jagħmlu kważi 175 sena ilu. Dawn illum ġew mibdula b'kuntratturi tal-esperjenza fit-tħaffir fil-mini f'dawn l-għoljiet u b'makkinarju ferm aktar sofistikat. Hawn min ma jaqta' qalbu minn xejn, imma minħabba l-għarfien u r-rispett li għandha s-soċjetà tal-lum lejn l-ambjent, kif ukoll il-liġijiet li jipproteġu dan l-istess ambjent, dak li kienu jagħmlu l-Forty Niners żmien ilu qatt iżjed ma jista' jsir.Però jekk għandkom ix-xewqa li jkollkom xi memorja tal-Forty Niners, li issa sirna nafuhom ukoll bħala d-Disgħa u Erbgħinijiet, m'hemmx għalfejn

tiġu California tfittxu għad-deheb fix-xmara jew fl-għoljiet. Tikkonfondu xejn, jeżistu ħafna ħwienet tad-deheb u għandhom varjetà sabiħa ta' pendenti, medalji, ċrieket u ġiżirajjen ta' deheb fin u ta' kull daqs kemm għan-nisa, l-irġiel u dawk ta' ġeneru ieħor li jgħidu "49ers". Kull meta tilbsuhom żgur li issa tiftakru dejjem f'California tal-1849.



L-għodod tipiċi ta' min ikun ifittex għad-deheb fix-xmajjar

Messaġġ għall-festa ta' Santa Marija, l-Imġarr 2023 mill-Istat ta' California, l-AmerkaTislima mill-qalb lill-Imġarrin kollha, huma fejn huma. Tislima wkoll lil dawk kollha li jżuru l-villaġġ pittoresk u għażiż tagħna.



Xena tipika tal-Forty Niners veri u avventurużi, miklubin bl-idea li jsibu d-deheb u jsiru sinjuri mil-lejl għan-nhar

Wara ċ-ċentinarju memorabbli li ċċelebrajna s-sena l-oħra, bħala tifkira ta' meta daħlet f'darna għall-ewwel darba l-vara maestuża tagħna ta' Santa Marija f'dan ir-raħal żgħir b'qalb kbira, din is-sena nagħtu bidu għal ċentinarju ġdid.

Nixtieq inwassal l-isbaħ u l-egħżeż tislijiet għannom tal-komunità Maltija ta' California u b'mod partikolari ta' dawk il-familji Mġarrin li joqogħdu hawn. Il-ħsieb tagħna lkoll jingħaqad ma' dak tagħkom li se tkunu qegħdin tiċċelebraw fir-raħal sabiħ tagħna. Xewqat mill-isbaħ għal festa ferrieħa, devota u sabiħa.



# Analiżi Stilistika tal-Innu Popolari
# *L-Imġarr Iben Marija*

Christopher Bonnici BA (Hons); MA; ALCM; LLCM

Insellem minn qalbi lilkom il-qarrejja kollha ta' din is-Soċjetà, li issa ma għadhiex daqstant fl-infanzja tagħha għax qabżet l-għaxar snin! Dalwaqt issir teenager! Grazzi għal darba oħra lis-Segretarju, il-ħabib tiegħi Joseph Caruana (għalkemm għandu vizzju jtellifli naqra d-devozzjoni kif jaf hu 😜) talli għal sena oħra wera fiduċja fil-kitba tiegħi. Wara li fl-2019 bdejt nanalizza l-innu sbejjaħ illi l-Imġarrin ikantaw minn qalbhom lill-Assunta, u ssoktajt is-sena l-oħra, wara s-sentejn tal-pandemija, din is-sena jmiss illi nagħlqu din l-analiżi bil-kritika dwar l-istil.



*Dehra tal-Imġarr mill-ajru, iben Marija, imdawwar mill-elementi naturali: ir-raba' u l-baħar*

### *Analiżi Tematika vs Analiżi Stilistika*

Meta nitkellmu dwar l-analiżi tematika, l-analiżi tat-tema, meta konna żgħar kienu jgħidulna l-ħsieb tal-poeżija jew tal-kitba. Xi jrid jgħid il-kittieb/il-poeta/l-awtur? Xogħol il-kritiku huwa li janalizza u jinterpreta dak illi aktarx ried jgħid il-kittieb. Jista' jkun illi l-kittieb lanqas ikun għaddielu minn moħħu dak illi se jsib il-kritiku. Meta ngħidu kritika letterarja ma jfissirx illi bilfors hija tmaqdir. Il-kritika hija l-interpretazzjoni. U kull kritiku huwa differenti. Hemm skejjel differenti tal-kritika, bħall-Kritika Formalista, il-Kritika Femminili, il-Kritika Marxista u oħrajn. L-istil, min-naħa l-oħra, huwa l-binja fiżika, dak illi meta konna studenti kienu jgħidulna l-kejl u r-rima. Liema hija l-aktar importanti? Waħda ma tgħixx mingħajr l-oħra. Inutli jkun hemm kontenut tajjeb jekk ma jkunx hemm forma tajba. Il-forma għandha tkun il-qaddejja tal-kontenut.

### *L-Istil ta' dan l-Innu*

L-istil huwa wieħed Romantiku. Romantiku ma jfissirx illi għandu x'jaqsam ma' relazzjonijiet ta' mħabba; assolutament li le! Romantiku fl-istil illi jkun miktub: maqsum fi strofi regolari, binja regolari u rima regolari. Fis-snin sittin, u għalhekk fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin, permezz tal-Moviment Qawmien Letterarju (MQL) bdiet tingħata bixra oħra lil-letteratura, b'poeżija aktar viċin tal-poplu, inqas riġida fil-forma u inqas romantika fil-kontenut. Inqas riġidità jiġifieri mhux kull strofa tkun tal-istess daqs, ifisser illi l-versi jkunu lkoll ħielsa: vers bi tliet sillabi, vers ieħor bi ħmistax-il sillaba. Inqas romantiċiżmu fil-kontenut għax ma tiltaqax biss ma' lirika

tat-tifħir. Eżempju klassiku huwa l-poeżija Lit-Tork ta' J. J. Camilleri. Din hija poeżija moderna, li fiha ma jmaqdarx lit-Torok imma jkun realistiku u jara fihom persuni b'ġisem u ruħ bħalna, li obdew l-ordnijiet illi ngħataw waqt l-Assedju l-Kbir.

***Lura għal-lirika ta' Ġanni Cilia***

It-tliet strofi huma mibnija fuq il-vers imħallat. Huwa innu miktub fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin u għalhekk, kif diġà spjegajt, huwa innu Romantiku. Huwa mibni fuq tliet strofi li wara kull waħda jidħol ir-ritornell. Kull strofa, kemm tal-innu kif ukoll tar-ritornell, hija mibnija fuq is-sestini, jiġifieri kull stanza jkollha sitt versi.


*Artistika u devota: b'idejha turina t-triq lejn is-sema pajjiżna*

L-ewwel żewġ versi huma mibnija fuq l-ottonarju, il-vers tat-tmien sillabi, u għalhekk mill-ewwel dan l-innu jikxef illi huwa lirika magħmula biex titkanta, għaliex l-ottonarju huwa l-vers tal-għana popolari. Il-metrika tradizzjonali/Romantika tasal sal-vers bi ħdax-il sillaba, l-endekasillabu, li jintuża sabiex jesprimi ħsibijiet għolja u solenni. It-tielet vers huwa dekasillabu – il-vers tal-għaxar sillabi, id-dekasillabu. Madankollu dan il-vers jista' jitqies bħala novenarju, vers b'disa' sillabi, u dan minħabba s-sinalefe jew l-eliżjoni:

***kbira u ħelwa ommna Marija***

Il-konġunzjoni 'u' f'dan il-każ tista' titwaħħad, mhux fil-kitba imma fil-pronunzja, mal-kelma ta' wara, 'ħelwa', b'mod illi tiġi tinstema' hekk:

***kbira w ħelwa ommna Marija***

Ir-raba' vers huwa ottonarju pjan ukoll. Pjan jew wati jkun meta l-aċċent ewlieni tal-vers ikun jaqa' fuq is-sillaba ta' qabel tal-aħħar. Il-ħames u s-sitt versi huma ottonarji tronki, jiġifieri jkollhom seba' sillabi fid-dieher imma jingħaddu tmienja għaliex l-aċċent ewlieni jkun fuq l-aħħar sillaba. L-iskema tar-rima (kliem illi jaqbel) hija partikolari ħafna. Fl-ewwel erba' versi nsibu rima mqabbża (abċb), ir-rima tradizzjonali fejn ir-raba' vers jaqbel mat-tieni vers fl-għeluq tagħhom, filwaqt illi l-ħames u s-sitt versi fihom rima mbewsa, daqslikieku distiku (strofa b'żewġ versi) maqtugħ għalih.


*Il-knisja mixgħula ferħana ddawwal l-iljieli mdallma ta' ħajjitna*

It-tieni strofa hija aktar regolari, għax l-ewwel erba' versi huma ottonarji filwaqt illi l-ħames u s-sitt versi huma settenarji. Ir-rima tibqa' bħal fl-ewwel stanza: abċbdd. It-tielet stanza tibdel ftit ukoll il-binja fil-kejl tagħha. L-ewwel żewġ versi huma bis-settenarju, it-tielet huwa bi tmien versi, ir-raba' vers huwa settenarju filwaqt illi l-aħħar distiku huwa mibni fuq tmien versi. Ir-rima tibqa' waħda regolari bħaż-żewġ strofi ta' qabel: abċbdd.

Ir-ritornell huwa aktar riġidu fil-binja tiegħu. Is-sitt versi huma kollha senarji, jiġifieri versi mibnija fuq sitt

sillabi. Notevoli ferm huwa l-aħħar vers:

*issa w għala dejjem*

Tajjeb illi nifhmu li l-użu miktub tal-konġunzjoni 'w' m'għadux permessibbli, imma fis-sena li nkiteb dan l-innu kien għadu permessibbli, u għalhekk Cilia m'għamel xejn grammatikalment jew ortografikament żbaljat. Madankollu kien konxju tal-fatt illi li kieku uża 'għal dejjem' minflok 'għala dejjem' ir-riġidità tal-vers senarju kienet tintmess għal vers wieħed biss, u għalhekk żied il-vokali 'a' mal-kelma 'għal', sabiex ir-riġidità ta' ritornell sħiħ tkun mibnija fuq is-senarju. Ir-rima tar-ritornell hija ħielsa, jiġifieri m'hemmx vers illi fi tmiemu jaqbel mal-ieħor.



*Kif jixraq, il-banda tar-raħal takkumpanja lil ommha waqt illi tterraq mat-toroq tar-raħal*

***Għeluq ta' din l-analiżi***

Nittama li għalkemm tkellimt daqsxejn b'mod tekniku rnexxielkom tifhmuni, għax ippruvajt kemm jista' jkun inkun sempliċi fl-ispjega tal-analiżi tiegħi. Nawguralkom minn qalbi l-isbaħ xewqat fl-okkażjoni tal-festa tal-Assunta, lilkom u lill-familji kollha tagħkom. Jalla l-ferħ ta' din il-festa f'ġieħ Ommna Marija jibqa' magħna matul is-sena kollha. Jekk Alla jrid, niltaqgħu s-sena d-dieħla!






# Il-Kaċċa tal-Fenek mis-Seklu 16 sa Żmien l-Ingliżi

Janie Vassallo



L-Imġarr, barra li huwa magħruf għall-kampanja u l-prodotti agrikoli li jipproduċi, imsemmi wkoll għall-ħwienet li jsajru l-fenek. Illum il-ġurnata l-fenkata hija magħrufa bħala l-ikla tradizzjonali Maltija. Iżda minn dejjem kien hekk? F'dan l-artiklu ser nagħtu ħarsa lejn l-importanza tal-fenek matul iż-żminijiet u l-qbid tiegħu.

Wara t-tkeċċija tagħhom minn Rodi l-Kavallieri ta' San Ġwann ġew Malta fl-1530. Huma kienu ġejjin minn familji nobbli Ewropej. Daħħlu ħafna liġijiet u użanzi ġodda. Fost il-liġijiet li daħħlu kien kemm dawk dwar il-kaċċa tal-fenek.Il-gran mastri kienu joħorġu ħafna liġijiet biex ma jħallux il-kaċċa ssir minn nies komuni. Dawn kienu mdorrija jaqbdu l-fniek bix-xbiek, bin-nemes u bil-klieb tal-fenek. Għall-Kavallieri u n-nobbli l-kaċċa kienet passatemp, iżda l-kumplament tal-poplu, l-aktar dawk li kienu jgħixu fil-kampanja, kienu jqisu l-qbid tal-fniek bħala mezz ta' għajxien.Għalihom il-fenek kien ifisser ċans li jieklu biċċa laħam mingħajr ma jonfqu ħafna flus. Kienu jqisu dawn il-liġijiet bħala ksur tad-dritt leġittimu tagħhom li jużaw *spatii pubblici*. Sas-seklu ħmistax in-nies kellhom dritt jużaw dawn il-postijiet fil-kampanja, bħal xi biċċa xagħri, biex jikkaċċjaw, jiġbru z-zkuk u x-xewk biex iqabbdu n-nar għat-tisjir, kif ukoll biex jirgħaw il-bhejjem tagħhom. Għalkemm kienu għadhom jeżistu fis-seklu sittax, bħalma jsemmi l-istoriku Jean Quentin D'Autun fl-1536, dawn il-biċċiet t'art kienu diġà bdew jittieħdu u jingħataw lill-privat.Li tikkaċċja l-fenek kien importanti wkoll biex jirnexxilek tieħu xi prodott minn wiċċ ir-raba'. Bdiewa bir-raba' qrib xi sisien fejn ibejtu l-fniek għadhom sal-lum jaraw il-ħsara li jagħmlu l-fniek!Fi żmien l-Ordni setgħu jikkaċċjaw biss dawk meqjusa bħala privileġġati. Dawn kienu l-Kavallieri u dawk li kienu jakkumpanjawhom, xi wħud min-nobbli, membri tal-kleru u dawk midħla tal-Inkwiżitur. Dawn kollha, ħlief il-Kavallieri, ukoll kellhom ċerti




*Mappa t'Antonio Lafreri, 1551*



*Kurunell tar-Regimento dei Cacciatori u kaċċatur Malti għadu kif qabad fenek – is-seklu tmintax. Akkwarell ta' Francesco Zimelli*

restrizzjonijiet. Ma setgħux jikkaċċjaw fil-Buskett, in-naħa ta' fuq ta' Malta, Għawdex u Kemmuna. Jekk wieħed iħares lejn il-mappa t'Antonio Lafreri tal-1551 jara lil Kemmuna miżgħuda bil-fniek.

Għalkemm ħafna gran mastri għamlu restrizzjonijiet li jmorru kontra l-ġid tan-nies komuni, oħrajn kienu jaqbżu għall-Maltin. Il-Gran Mastru Garzes, f'ittra li kiteb fl-1595 lill-Papa

Klement VIII, semma l-faqar u n-nuqqas tal-ikel li batew il-Maltin matul dawk l-aħħar snin. Garzes insista li l-Maltin kellhom ikollhom aċċess għall-*ispatii pubblici* li matul iż-żminijiet kienu ngħataw lill-privat. Ta' min isemmi li l-kaċċa ma tantx kienet għal qalb dan il-gran mastru.Regolamenti stretti fuq il-kaċċa daħlu fis-seħħ ftit xhur qabel il-wasla tal-Kavallieri. F'Ġunju 1530, erba' xhur qabel il-wasla tal-Gran Mastru L'Isle Adam, inħareġ editt li jirregola l-kaċċa.Il-Gran Mastru de Valette kompla jżid fuq ir-regoli kontra l-kaċċa tal-fniek, speċjalment fuq Kemmuna. Min kien jinqabad imqar jaqta' l-ħaxix ħażin minn din il-gżira kien jeħel pieni ħorox. Dan għaliex il-ħaxix kien iservi ta' għalf għall-fniek u b'hekk setgħu jkomplu joktru ħalli l-Kavallieri jkollhom x'jaqbdu. De Valette kien iħobb ħafna jikkaċċja bil-bies (*Falco peregrinus*). Wara l-qtil ta' bintu Isabella minn żewġha, de Valette kien iqatta' aktar ħin jikkaċċja, biex jinsa d-dwejjaq kbar li ħakmuh. Darba minnhom, wara ġurnata għall-kaċċa f'xemx tisreġ f'Awwissu, qabdu deni qawwi sa ma miet fil-21 t'Awwissu 1568, fl-anniversarju tal-elezzjoni tiegħu bħala gran mastru. Għalkemm is-sħana żgur m'għenitx, kienu ħafna dawk li qalu li miet bi qsim il-qalb wara l-mewt ta' bintu.

Fl-1581 il-Gran Mastru Verdalle pprojbixxa l-kaċċa fit-tliet mili madwar il-Fiddien, il-Buskett, Torri Falca u madwar is-sisien tal-Imtarfa. Kien hemm multa ta' 50 skud għal min jinqabad jikser il-liġi.

Fl-1639 il-Gran Mastru Lascaris ħareġ liġi li wieħed ma setax jikkaċċja f'ċerti postijiet mingħajr liċenzja ta' falkunier. Dawn kienu jinkludu s-Santi u Binġemma. Min kien jinqabad jikser il-liġi kien jitkeċċa minn Malta. Fl-1642 Lascaris ipprojbixxa li jinġabru l-ħuxlief u l-bebbux ħalli ma jitħarbtux il-bejtiet tal-fniek, bil-piena tkun 25 skud. Mela mhux talli ma tistax tiekol biċċa fenek, talli lanqas ikla bebbux ma tista' ssajjar!

Fl-1660 il-Gran Mastru de Redin ipprojbixxa l-kaċċa u l-bejgħ tal-fniek. Min jikser din l-ordni kien irid iħallas 25 skud jew imur jaqdef għal sentejn fuq ix-xwieni.

Il-Gran Mastru Chattes Gessan serva bħala mexxej tal-Ordni għal ftit xhur fl-1660. Hu miet 4 xhur biss wara li ġie elett. Qabel ma miet żied il-pieni għal min jinqabad jikkaċċja jew min ikollu xi affarijiet li jintużaw għall-kaċċa. Dan seta' jeħel sentejn qdif fuq ix-xwieni.Fis-seklu tmintax żdiedu r-restrizzjonijiet. Fi żmien il-Gran Mastru Pinto wieħed seta' jeħel tliet snin fuq ix-xwieni.Fi żmien Ximenes il-pieni żdiedu għal ħames snin fuq ix-xwieni. Jekk xi mara jew tfajjel jinqabdu jiksru l-liġi tal-kaċċa, dawn kienu jingħataw is-swat bil-frosta u sitt xhur ħabs. Inkella kienu jridu jħallsu 125 skud, somma li n-nies komuni lanqas kienu jarawha f'għomorhom kollu!

Inqala' ħafna inkwiet minħabba r-restrizzjonijiet li għamel dwar il-kaċċa tal-fniek. Żdied l-inkwiet bejnu u bejn il-Knisja u fl-1775 saret ir-Rewwixta tal-Qassisin.Dawn ir-restrizzjonijiet kienu jwasslu messaġġ wieħed: Ara biss min ifettillu jmur jikkaċċja!Fiż-żminijiet meta setgħet issir xi kaċċa kien ikun hemm ukoll staġun magħluq bejn ix-xhur ta' Diċembru u Lulju ħalli l-fniek joktru.

Ir-regolamenti li kien hawn f'Malta kienu jixbhu lil dawk f'pajjiżi Ewropej. Kienu hemm biex juru s-setgħa tal-Prinċep fuq in-nies. "Prinċep" kien ukoll it-titlu tal-gran mastru, għalkemm il-Maltin kienu jsejħulu "sultan". Il-kontroll li l-ħakkiema kellhom fuq il-kaċċa kien ifisser li kellhom kontroll fuq il-ħajja tan-nies, għaliex għan-nies komuni l-kaċċa ma kinitx passatemp iżda kienet mezz kif jiddubbaw ftit ikel sustanzjuż.In-nies kienu jħarsu lejn sidien l-art u l-Kavallieri bħala intrużi. Għan-nies tal-kampanja l-fniek (u ħlejjaq oħra bħall-perniċi), kienu jismnu billi jieklu ħxejjex imkabbrin minnhom, u għaldaqstant kienu jarawhom bħala ħlejqa li hemm bżonn tiġi kkontrollata.L-Ingliżi malajr saru popolari mal-Maltin. Wara l-miġja tagħhom fl-1800 tneħħew ir-restrizzjonijiet tal-kaċċa. F'dawk iż-żminijiet kienu bosta dawk li kellhom xi xkubetta. L-Ingliżi kienu fehmu li jekk il-Maltin joħorġu għall-kaċċa, dan kien mezz tajjeb kif jitħarrġu fl-isparar u hekk itejbu d-difiża tal-pajjiż. Ingħataw privileġġi lil min jingħaqad mal-Milizja, fosthom li jista' jġorr xkubetta għall-kaċċa mingħajr il-bżonn ta' liċenzja. In-nies setgħu jmorru għall-kaċċa meta jridu għax l-istaġun kien dejjem miftuħ.



*Tpinġija li turi kaċċatur Għawdxi, meħuda minn The Illustrated Sporting and Dramatic News tal-1879*

Qabel il-kaċċa kienet mod kif wieħed jiddobba biċċa laħam għall-familja, iżda fi żmien l-Ingliżi bdiet issir iktar passatemp, u saret l-isport ewlieni tal-irġiel Maltin. Il-fenkata kif nafuha llum m'ilhiex teżisti. L-Imnarja hi magħrufa għal din l-ikla tradizzjonali, iżda sal-bidu tas-seklu dsatax ma jissemmiex li n-nies kienu jieklu l-fniek f'din il-festa. Jissemma li kienu jieklu t-torti, li jista' jkun li kienu jkunu bil-fenek, bħalma kienu jagħmlu fi żmien l-Ordni.Maż-żmien bdew jiżdiedu l-ingredjenti mat-tisjir tal-fenek. Il-patata daħlet fi żmien l-Ingliżi iżda sa nofs is-seklu dsatax kienet għadha mhix popolari. Illum il-ġurnata tintuża kemm mal-fenek moqli, l-istuffat u anki mal-fenek il-forn.

***Biblijografija***


Carabott, Sarah. 2018. "Malta's hunting bans have been contested for centuries, research shows" fit-*Times of Malta*. Novembru 17.Cassar, Carmel. 1994. *Fenkata: An Emblem of Maltese Peasant Resistance?* Ministry for Youth and the Arts.

Cassar, Carmel. 2018. "Hunting and Game in Malta in the Sixteenth to the Eighteenth Centuries: A Historical Anthropological Approach" fil-*Journal of Mediterranean Studies*.Cassar, Carmel. 2000. *Society, Culture and Identity in Early Modern Malta*. Mireva.

Chetcuti, Emanuel. 2021. "From sustenance to sport: how hunting in Malta evolved" fit-*Times of Malta*. April 17.Fenech, Natalino. 1992. *Fatal Flight – The Maltese Obsession with Killing Birds*. Quiller Press.











Għajn Tuffieħa Road
Manikata, MLH 5700 - Malta
Tel: (00356) 21570215, 21521559
Fax: (00356) 21575064
www.jardinland.com.mt

BOTTEGA
FRAWLI
FORMAGGI & SALUMI
ENOTECA
Salumeria
FOCACCE
VINI E TAGLIERI

2, Triq Dun Edgar
Mgarr - Malta

Booking via Whatsapp
+356 99656729

Bottega Frawli @bottegafrawli




VASSALLO IAN
IL-ĦAĠI

MEMBRU PARLAMENTARI – 7 DISTRETT
PODJATRA (SPEĊJALIST FIL-KURA TAS-SIEQ)

AWGURI
GĦALL- FESTA

**KUNTATT:** 79306420 | VASSALLOIAN@YAHOO.COM
**UFFIĊĊJU:** HAGI, 68, TRIQ SAN TROFIMU RABAT MALTA (B'APPUNTAMENT)




Martin Grima Ltd
Import, Export & Distributors
Ghajn Astas, St. Paul's Bay, SPB 6930 Malta,
Tel : +356 21574474
Email: martin.g@martingrimaltd.com
Kubota


Marlene's
Daily Fresh Fish
Monday, Tuesday,
Wednesday, Friday and Saturday
7.00 - 12.00
Near Mgarr Church
Mob: 77994377
Free Deliveries

# Aquarius Rent a Car Ltd.

117, St.Paul's Street, St. Paul's Bay SPB 3413, Malta

Tel:+356 2157 1186 / 2157 5736 Fax: +356 2158 1503
Email: info@aquariusrentacar.com
Web:www.aquariusrentacar.com

Vat Reg. No: MT 1065-9713 Com. Reg. No. C37927

il-Barri

Open for Lunch and Dinner
Tuesday to Sunday

21573235

www.facebook.com/ilbarrirestaurant
www.il-barri.com.mt





Eating, the Maltese Way!


Pure
ChimiClean professional
Detergents and more...
62, Sir Harry Luke Str., Mġarr, Malta
Tel: 2157 3180 • Mob: 9944 9926
mjsammut@maltanet.net
• Laundry Liquid and Powder
• Strain Remover Powder
• Fabric Softeners
• Floor Detergents
• Sgrassatore
• Dishwashing Liquid Soap
• Hand Soap
• Bubble Bath
We also do delivery
Weekly offers (save money promotions)
Also available at Pure
Carpets
Plastics
Essential oils, Candles, Tarts
Gift Packs
Gift Vouchers
Storage Boxes
Nappies and more


Hal Luqa
Santa Lučija
Il-Kottonera
M'xlokk
SmartCity Malta
Hal Tarxien
B.Grima & Sons Ltd.
Building . Turnkey . Road Marking . Traffic Signs
Tel: 21582659 - Mobile 79477682 / 3 / 4 /5
Email: info@bgs.com.mt
Web: www.bgs.com.mt
STOP
- Traffic Signs
- Belishia Globes
- Road Markings Paint
- Street Furniture
- High Friction Surfacing
- Car Park Markings
- Traffic Management Services
- Building Services
We mark, others follow...


Manuel Bezzina Co Ltd
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ
HERMOSA
Patata bikrija, reżistenti għall-mard u
għammiela ħafna li ser tiġi impurtata f'Ottubru
SANTE
Bikrija
DRUID
Ħamra
BUFFALO
Bajda
SLANEY
Bajda
ALPHA
Safra
CARA
Ta' Għajna Ħamra
Aktar tagħrif Manuel Bezzina Co Ltd, 'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur
Tel: (Res) 2141 0204, (Ta' Qali) 2141 8192 • Mob: 9949 7346
Fax: 2141 2587 • Email: info@manuelbezzinacoltd.com


SWEET KING
Homemade products the professional way
Large variety of Fresh Cakes,
Cream Tarts, Hand made Ravioli,
Frozen items, party items
and much more
Burmarrad Road, Burmarrad (next to church)
Tel: 2733 3578


Tal-Plitt
Frott u haxix frisk minn tal-Imġarr
Triq Sir Temi Zammit
Żebbiegħ - Mġarr
Tel: 9923 6219
Opening hours:
Mon-Fri: 9 am - 7pm
Sat, Sun & Public Holidays:
8:30am - 6pm


LIQUIGAS
Ph. Borg Ltd
FUEL & LPG
Supplier
FUEL SUPPLIER
DAF
Diesel
Kerosene
Heating Gas Oil
BioDiesel
Bulk LPG
LPG Transporter
for LIQUIGAS Malta Ltd.
Mob: 9949 1177
Fax: 2152 3215;
Email: info@phborgltd.com
www.phborgltd.com


Agius Agricultural Trading LTD
Ghall bzonnijiet agrikoli tieghek
Impurtaturi u distribituri ta
makkinarju agrikolu, fertillizanti,
xitel, frawli, bexx
aat
AGIUS AGRICULTURAL TRADING LTD
tel: +35621573402
e-mail: info@agiusagricultural.eu
web: www.agiusagricultural.eu
STIHL


Authentic Maltese & Mediterranean Cuisine
Opening Hours:
Tue - Sat: 18.00 - 23.00
Sun: 12.00 - 23.00
Contact Info:
(+356) 2718 1211
conrad@damanuele.mt
www.damanuele.mt
PM us on Facebook @Trattoria Da Manuele
Trattoria
Da Manuele


UNIVERSAL STATIONERY
STATIONERY ITEMS
HELIUM SERVICE
LAMINATION
PASSPORT PHOTOS
BINDING
CARDS/TOYS
HOME GOODS
UNIVERSAL
STATIONERY
22, Triq Ras il-Ġebel, Iż-Żebbiegħ l/o L-Imġarr
Tel: 27456284
Email: printer@universalstationerymalta.com




TRANSPORT SERVICE
AND SKIP HIRE

MOB: 79977920




Convenience Shop
Opening Daily 6am-9pm
Bakery, Breakfast, Confectionery, Drinks, Fresh & Frozen Food, Groceries, Coop Products, Personal Care and Detergents
coop
ITALIAN PRODUCTS
MORE QUALITY VALUE
19, Fisher Road, Mgarr, Malta
T: (+356) 2249 8430 | M: (+356) 99576215 | W: www.theconvenienceshop.com


Vella Supermarket
Loyalty Scheme Available
Variety of Fresh Food, Fresh Bread, Food Cupboard, Frozen Food, Drinks, Pets, Household and Detergents
Open Monday to Saturday 7am-7pm, Sunday 8am-12pm
St. Paul's Street, Mgarr
Tel: 21574800




**ST. MARY PHARMACY**
MGARR DISPENSING CHEMISTS

**Opening Hours:**
Monday-Saturday:8.00am-12.30pm / 4.00pm-7.00pm

Saturday Afternoons:
4.30pm- 7.00pm

Tel: 21580711 • 99082404

***Family Doctor in daily attendance***

ST.MARY PHARMACY
MGARR DISPENSING CHEMISTS




Laflafett Co Ltd.

Agricultural and
Horticultural Products

Facebook Website Instagram

Fornituri ta' xitel
Tilqim ta' xitel
Xitel tal-frawli
Fertiliżżanti
Serer
Servizzi oħra



John - 99403342
Richard-99899831
www.laflafett.com
agrispec@gmail.com
laflafett@outlook.com

# Vella Mechanical Services

Co. Ltd.

## LEADING SUPPLIERS & STOCKHOLDERS OF HYDRAULIC PARTS & EQUIPMENT

Triq ta' Torba, Lija LJA 2041
E: vella.jimmy@gmail.com
T: 21 413 178  M: 99 428 729  F: 21 418 882

Opening Hours: Mon - Fri: 7.30am - 5pm
Saturday: 7.30am - Noon







## CUSTOMISED SOLUTIONS

**Leading Suppliers and Stockholders of:**

- All types of hydraulic, industrial, medium & high pressure hoses
- Hydraulic & pneumatic custom made cylinders and power units
- Various types of hydraulic pumps, motors, oil coolers and control valves
- Pressure seals and o rings
- Lifting chains & belts, wire ropes/slings, ratchet straps etc...
- Computerised testing machine with certification printout of wire slings, chains etc...
- Truck part, air brake components, engine parts, clutch parts, gaskets etc...
- Repairs of truck gearbox
- Custom made mechanical cables for various cars and trucks


ECLIPSE STATIONERY
9, Fisher Road, Mgarr, Malta
21525248/99442106
eclipsemgarr@gmail.com
Stationery
Greeting and occasional cards
Toys
Gift Ideas
Photocopy service
Binding
Laminating
One4All Gift Vouchers
Newspapers
Mobile/Public Transport Top-Up vouchers
Printer Cartridges
Educational Games
Craft supplies
And several other products and services


Ballut Farm Ltd
Traditional Barn Reared
Local Product ... Quality Guaranteed
FARM CHICK
Did you try our cage free Omega 3 eggs?
... Better nutrition!
We offer fresh
local graded eggs
packed Small,
Medium & Large
Available at
Supermarkets
& Retail Shops.
We also supply
Catering Establishments
(+356) 9980 1719
(+356) 21 573 488
ballut.farm@maltanet.net
www.ballutfarm.com
Għajn Tuffieħa Rd, Għajn Tuffieħa, Malta

# Residential - Commercial - Industrial




**Bezzina France Drainage Works**

## Free On-Site Quotes

- Repair Drainage Blockings
- Drainage Cleaning
- Grease Traps
- Cleaning of Wells & Lifts
- Cesspit Cleaning & Unblocking of Drains, Sinks & Showers

**24 HOURS EMERGENCY**

8, Farmhouse, Triq Santa Klara,
Baħar Iċ-Ċagħaq

**99 688 747 / 99 308 521 / 99 721 590**
scerridrainageservices@gmail.com



# Ta' Falzon Landrovers Ltd.

VALLEY ROAD, MSIDA. MALTA. MSD 9022

Tel: 2149 2186 - Fax: 2148 7504

James Falzon - 9949 2387 Colin Falzon - 9942 8383

email: colfal@onvol.net

www.jcfalzon.com

LAND ROVER





After you have seen the rest,
Come and buy it from the best!

# Your one stop shop for your swimming pool

**We provide our clients with a hassle-free one-stop shop for pool & spa construction projects-from the excavation stages to the minute details of the finishing stages with our own skilled personnel, equipment & machinery.**



Eco Select
PENTAIR

These products save energy, save water, eliminate or reduce noise, or otherwise contribute to a more environmentally responsible equipment system. In every case, a product that earns the Eco Select brand is clearly our "greenest" and most efficient choice.



MUSCAT POOL CONSTRUCTION

Muscat Building, Gammari Camilleri Street, Mgarr, Malta

Tel: +356 2158 2761 E-mail: info@muscatpools.com

Web: www.muscatpools.com

Find us on: facebook

PENTAIR | STA-RITE | innowater | AQA | ROSA GRES | ONIX mosaico

opticalpoint

St Paul's Street, St Paul's Bay

Tel: 27576843 Mobile: 99921911




SONOR
Music
LINK
Importers • Wholesalers • Distributors
... the link between music and musician
We stock all types of musical instruments, Pro-Audio Equipment, accessories and music books including ABRSM, LCM and Trinity Publications
We are also agents for FERNANDES Guitars
Have you always wished to learn the piano?
Is your child interested in learning piano but the thought of being an inconvenience to your neighbours puts you off?
Do you live in a small apartment and so space is an issue?
ROLAND DIGITAL PIANOS is your answer!
With same hammered piano touch feeling and less space taken, this makes Roland digital pianos unique and comfortable in your home. It gives you the advantage of studying any time you want, even during the night, by using the headphones!
Benefits when purchasing a Roland Digital Piano:
• Never needs tuning • No maintenance necessary • lighter to move
• Safe from humidity and temperature • total control of volume
• Exceeds the specifications for digital pianos prescribed by UK Examination Boards • 2 years guarantee on parts and labour
Roland Digital Piano Pianos are used at The Royal Academy of Music and The Royal College of Music.
All models are now with IVORY FEEL TOUCH for the perfect piano playing!
262, Fleur De Lys Road, Birkirkara | Tel: 2148 2796 | Fax: 2131 5022 | E-mail: info@nvgent.com
www.nvgent.com


PAPER SOURCE
STATIONERY
TOYS & GIFTS
OPEN
WITH EVERY €100 SPENT, YOU'LL GET €10 WORTH OF STATIONERY, TOYS AND GIFTS
GREAT PRICES IN STORE!
Email us on
papersource19@gmail.com
31 Triq il-Kbira Mgarr Malta
Call us on 21572051


GATES & GARAGE DOORS
DEA
Specialists in Garage Doors, Gates & Automation
INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS
ROLLER SHUTTER DOORS
RESIDENTIAL & INDUSTRIAL, SLIDING & WING GATES IN VARIOUS DESIGNS AND FINISHES
REMOTE CONTROL AUTOMATION AVAILABLE
t. 21419275 m. 99498269 e. patrick.pds@gmail.com
Midland Micro Enterprise Park, Block D, Plots 10 & 11, Triq Burmarrad, L/O Naxxar, NXR 6345 - Malta
find us on facebook.


VELLA WHOLESALERS
Groceries, Toiletries, Detergents and Pet Shop
'St. Michael', Sir Temi Zammit Street, Zebbiegh
Tel - 21 522 805
Mob - 99 837 837


IL-MIXTLA
plants&pet supplies
Tel: 77936703


MARIO GATT
MINI READY MIX
&
MATERIAL TRANSPORT
Mob. 99495753


St. Mary's
Bakery
Tal-Pewx
Suppliers of Traditional Maltese & Fancy Bread
for Grocers, Confectionery, Restaurant and Snacks Bars
Mob: 9947 5459 | 7723 7702

MALTA SUNRIPE
A TASTE OF MALTA

A farmers-owned trade of Maltese Traditional Delicacies
Quality - Tradition - Culinary Heritage




Malta Sunripe Company Ltd., St Peter Street, Mġarr - Malta - MĠR1545
T: +356 2158 3269 - M: +356 7926 1490 / +356 7925 2339
E: msunripe@maltanet.net - W: www.maltasunripe.com






TA' KARLA cellars
WINES • SPIRITS • BEERS • TOBACCO • SNACKS
Cash & Carry

- Weddings
- Engagements
- Parties and Private functions

- Wines & Spirits
- Beers & Minerals
- Tobacco
- Snacks & Confectionery
- Foodstuffs
- Ice Cubes & Flakes
- at wholesale prices

- Rabat
- Dingli
- Bahrija,
- Mosta
- Attard
- Zebbug,
- Lija
- Iklin
- Balzan
- B'kara
- Fleur De Lys
- Mgarr
- Bidnija
- Naxxar
- Gharghur

TA' KARLA cellars
WINES • SPIRITS • BEERS • TOBACCO • SNACKS
Cash & Carry

Vincenzo Ciapara Street, Rabat
Tel: 21 454 876 • 21 459 925 • Fax: 21 451 079
Email: info@takarla.com

MARBLE
& GRANITE
Creations

Mario Zammit

Mario Garage, Triq Bartilmew Attard, Żebbuġ ZBG2713
T: +356 2146 6643 M: +356 9947 8945
E: zammitmario@live.com



White Tower Lido

White Tower
Lido & Restaurant

Il-Bajja ta Torri L-Abjad, Mellieħa

Mobile 99666292

Owner Mr Mario Cassar




RFL Towing was established in 2005 and currently operates in association with Mapfre Middlesea p.l.c.

RFL Towing understands that having problems on the road is frustrating and inconvenient, which is why the company operates everyday and at all hours, with timeliness and efficiency in mind. Organisation and responsibility are also key factors in the way RFL Towing is managed.

Roadside assistance is given to those who require it, and services include tyre changing, battery replacements and battery boosts, amongst others.

RFL Towing offers its services in both Malta and Gozo, and prices vary depending on the type of vehicle and the severity of the situation. A special rate is available for companies that make use of the service.

RFL Towing Services, Ta Saliba, Wardija Crossroads, Malta
Find us on Facebook: RFL Towing Service Website: www.rfltowing.com Email: rflt@go.net.mt

**(+356) 9945 1593 / 9957 9240**

ONE PENNY 1862

# TA' SOLDI

RESTAURANT

*the heart of good food!*

**Triq iż-Żebbiegħ, Mġarr, Malta**
**Tel: 2157 2535, 2152 5815**
**Mobiles: 9949 5896, 9984 9961, 9943 7533**

***The True Taste of Malta***
***...our speciality is the Mixed Maltese Dish!***

**Restaurant • Pizzeria • Take Away**
**Bar Café • Dolceria**

***Il-Management u l-istaff jixtiequ jawguraw***
***kull suċċess lill-banda tal-Imġarrin.***

# WHY STRAIN? GET A CRANE

CRANE FLEET RANGING FROM 25 TO 200 TONNES




- Self Erecting / Static Tower Crane
- Sales, Rentals, Erection & Dismantling
- Specialising in Crane Parts for European & Japanese Cranes
- All Type of Crane Repairs, Structural & Hydraulics
- Safe Load Indicator Crane Computer Sales & Repairs
- Industrial Remote Controllers as Fitted to Tower Cranes, High Up Cranes & Tow Trucks

## SWAEY BROS. LTD.
*Crane Services*

Vella Garage, Tal-Blata L-Għolja, Mosta MST 3380
Vella Garage, Triq il-Kunċizzjoni, Mosta MST 4802

Tel: 21 433 380 Mob: 99 492 362

Email: swaey@swaey.com

**GPS Codes**
35. 902961
14.415860

www.swaey.com




## SWAEY BROS. LTD.
*Crane Services*

- Hydraulic Sales, Repairs and Installations
- Hydraulic Hoses and Fittings • All Types of Control Valves
- Lifting Slings, Endless & Conventional Chains, Lifting Tackles, Wire Ropes and Special Hooks
- Rental of Electronic Weighing, Remote Control Load Cells up to 25 Tonnes
- PTOs, Pumps and Fittings
- Crane Repair - Hydraulic Hammer Sales and Repair
- Pneumatic Jack Hammers & Jiggers
- Supply of Chisels for any type of Hammer

difast s.r.l. sollevamento oleodinamica
DIFLEX
PAT
Atlas Copco
BPE Electronics
Rock Tools
PENTA HYDRAULIC POWER
Chicago Pneumatic
FABERCOM
Electronics and hydraulics for mobile machines
PZB
YOKE

Vella Garage, Tal-Blata L-Għolja, Mosta MST 3380
Vella Garage, Triq il-Kunċizzjoni, Mosta MST 4802

Tel: 21 433 380 Mob: 99 492 362

Email: swaey@swaey.com Web: www.swaey.com


MARKET LEADERS
• Importers, Growers, Wholesalers & Retailers
• Seasonal & Non-Seasonal Fruits & Vegetables
• Fresh & Dry Herbs and Fruits • Pre-packed Salads
• Delivery to all parts of the Maltese islands
• Fleet of Refrigerated Trucks & Vans
FNG
SUPPLIES CO. LTD
We also supply to:
Hotels
Grocers
Supermarkets
Ship Chandlers
Restaurants
Catering Establishments
We also import exotic fruits & vegetables from all over the world
FREE SAME DAY DELIVERY
mobile: 99 455 911 • 99 892 959
99 422 593
Il-Warda, Triq Ras il-Wied, Wardija, San Pawl Il-Bahar SPB 6642 | F: 21 584 077
sales@fngmalta.com | www.fngsuppliesltd.com




## DISCOVER OUR SERVICES

- Weddings
- Conferences
- Birthdays
- Graduations
- Baptisms
- Holy Communions
- Confirmations

Get in touch with us today to discuss your event and get a tailor-made quotation based on your unique requirements.









For more information please call us on 2289 5000 or send us an email to events@paradise-bay.com


Stephen
imports
Agriculture
T: +356 7970 6688
E: stephenagricultureimports@gmail.com
Sagra Familja Street, Bidnija, l/o Mosta MST5102


CN
Marble
Granite
Mifsud
m: +356 9988 5191
e: contact@cnmarbleandgranite.com
w: www.cnmarbleandgranite.com
Blokk D, Midland Micro-Enterprise Park
Triq Burmarrad. L/O Naxxar

# Is-Sala Dun Edgar u l-Konkors Teatrali tal-Imġarr

Mario Vassallo

***Daħla***

L-ewwel kumpanija tar-reċtar fl-Imġarr ingħaqdet fil-bidu tal-1932. Xi wħud minn dawk li kienu żgħażagħ dak iż-żmien kienu raw lit-tfal tal-iskola primarja jirreċtaw fil-concert tal-Milied u talbu lis-Surmast Ġanni Cilia biex jgħallimhom jirreċtaw, bl-iskop li jtellgħu xi serata jew tnejn fil-Karnival li kien riesaq. F'dawk iż-żminijiet ir-raħal kien maqtugħ għalih waħdu, kompost minn ftit djar u numru ta' familji, l-aktar bdiewa, u kien nieqes minn kollox; la kien hawn dawl elettriku, la trasport pubbliku u wisq anqas postijiet fejn wieħed seta' jqatta' ftit ħin ta' divertiment wara ġurnata xogħol iebes fl-għelieqi. Kulma kien hawn kienu erba' ħwienet fejn wieħed seta' jieħu belgħa nbid u jilgħab xi logħba karti.[1]



It-twaqqif tal-ewwel kumpanija drammatika ssemmiet 'Tal-Kruxxun'. Din kienet biċċa għodda relattivament ġdida li bdiet tintuża fil-biedja dak iż-żmien. Il-membri ftit kienu jafu jaqraw, imma l-makkjetti u l-fares li kien jikteb is-Surmast kienu jitgħallmuhom bl-amment. Barra minn hekk kien hemm fosthom li kienu atturi minn qaddishom u waqt ir-reċtar kienu jaqbdu jimprovizzaw filwaqt li jaqsmu l-udjenza numeruża bid-daħq. Sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija dawn kienu jarmaw palk u xi bankijiet fil-bitħa tal-iskola. Ġieli anke ramaw fil-parti ta' fuq ta' Triq Dun Edgar, fejn id-dar tal-kappillan.[2]

Meta għaddiet il-qilla tal-gwerra minn fuq Malta, fl-1943, Dun Ġużepp Micallef flimkien mal-membri taċ-ċirkolu tal-ġuvintur fi ħdan l-Azzjoni Kattolika (AK) tal-Imġarr reġgħu tħajru biex ikollhom post minn fejn setgħu jtellgħu xi serati komposti minn xi teatrin u xi ftit kant bħala divertiment għall-familja kollha. Bl-għajnuna tal-Kappillan Dun Edgar Salomone, li anke rregala 80 lira minn butu, huma rranġaw biċċa art fi Triq San Pawl billi qatgħu xi blat biex iffurmaw palk ftit ogħla mill-art propju fejn kellha toqgħod l-udjenza fuq xi bankijiet. Wara ftit din il-biċċa art ġiet imsaqqfa minn pjanċi taż-żingu miġjubin mingħand il-Malta Drydocks biex ġie ffurmat saqaf fit-tond. Maġenb it-triq inbniet kamra żgħira fejn kienu jinqatgħu l-biljetti u kien ukoll jinbiegħ xi xorb u xi ħaġa tal-ikel. Minħabba li fl-Imġarr kien għadu ma wasalx id-dawl elettriku kien inġieb generator, li tqiegħed in-naħa l-oħra tat-triq biex jagħti d-dawl lis-sala u l-palk. Bħala rikonoxximent tal-għajnuna minn Salomone din is-sala ssemmiet Sala Dun Edgar.[3]



Il-ftuħ ta' diversi swali taż-żfin u taċ-ċinema li bdew jinfetħu fil-gżejjer Maltin fil-bidu tas-seklu għoxrin ħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Knisja biex huma wkoll jidħlu għall-proġetti ta' bini ta' swali parrokkjali biex iservu bħala postijiet ta' divertiment xieraq għall-familji kollha. F'dan il-kuntest parti importanti mill-bini tal-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija kellha tinkludi s-Sala Dun Edgar, maħsuba kemm għall-wiri tal-films kif ukoll bħala post fejn setgħu jittellgħu serati teatrali, fost l-oħrajn.

L-ewwel ġebla tal-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija ġiet inawgurata nhar it-13 ta' Lulju 1952. Il-ħsieb kien li l-ewwel kellha tinbena s-sala l-kbira, li tesa' 500 ruħ bilqiegħda. Fil-fatt din inbniet u ssaqqfet fi żmien sena u ġiet inawgurata u mogħtija l-isem ta' Sala Dun Edgar nhar it-8 ta' Novembru 1953, 70 sena ilu.[4] Kellha tkun din is-sala, taħt id-direttur tal-Oratorju Dun Ġużepp Vella, li baqgħet tissemma fil-gżejjer Maltin għas-suċċess li kisbet fl-organizzazzjoni ta' konkors teatrali li dam sejjer għal 25 sena konsekuttiva.

### *Dun Ġużepp Vella u Leli Debono*

Fl-ewwel ftit snin, fis-Sala Dun Edgar, minbarra produzzjonijiet Imġarrin kienu bdew jittellgħu wkoll serati teatrali bis-sehem ta' xi kumpaniji barra mir-raħal. Fost dawn kien hemm xi wħud li kienu jtellgħu xogħol serju u ta' kwalità filwaqt li kien hemm xi waħdiet li kienu jiġu mingħajr interess, ħlief biex jitħallsu tas-serati li jtellgħu. Il-kumpanija teatrali Il-Caballeros, immexxija minn ċertu Leli Debono minn Ħal Qormi, kienet minn ta' quddiem biex ittella' produzzjonijiet tajbin. Dan Debono, minbarra r-reċtar, kien joqgħod ferm attent kif għandu jintrama l-palk bix-xenarju u bid-dawl biex iħalli l-akbar effetti fuq l-udjenza preżenti. Minħabba li kien inqala' inċident serju fil-kumpanija tiegħu Debono ddeċieda li jżarma minn dan ix-xogħol u ma jħarisx iżjed lejn xogħol tal-palk. Il-kelma waslet għand iż-żagħżugħ Dun Ġużepp Vella, direttur tal-Oratorju, li flimkien mal-Kappillan Dun Orazju Vella marru jkellmuh il-ħanut tiegħu f'Ħal Qormi biex jitolbuh jgħin fl-organizzar tal-palk tas-Sala Dun Edgar. Għalkemm għall-ewwel ma riedx jara iżjed palkijiet, wara li ħasibha ftit aċċetta, u b'hekk Leli Debono beda jiġi l-Imġarr biex jidderieġi x-xogħol tax-xenarju u xogħol ieħor ta' wara l-kwinti, li baqa' l-mimmi t'għajnejh sakemm miet.[5] Il-preżenza ta' Leli Debono fl-Imġarr bdiet tinħass. L-ewwel m'għamel kien li flimkien ma' grupp żgħażagħ illivellaw il-palk għax oriġinarjament kien sar immejjel lejn il-platea, bil-konsegwenza li tazza ilma fuq mejda kienet faċli tinqaleb. Wara beda jarma l-apparat mas-saqaf tal-palk biex ikun jista' jittella' u jitniżżel ix-xenarju. Beda jorganizza aħjar id-dawl meħtieġ fuq il-palk filwaqt li nxtrat switchboard moderna (għal dak iż-żmien) minn fejn seta' jiġi kkontrollat id-dawl kollu tas-sala u tal-palk.[6]


KONKORS TEATRALI

1958-59

fis-Sala Dun Edgar
l-Imgarr

bejn 16 il-
Kumpanija Filodrammatika

### *Il-Konkors Teatrali*

Minħabba li, kif diġà għedna, xi kumpaniji teatrali kienu qegħdin jippreżentaw xogħol fqir, Leli Debono u Dun Ġużepp iddeċidew li jekk jorganizzaw kompetizzjoni bejn il-kumpaniji




teatrali, bħalma kien beda jsir f'xi postijiet oħra, il-kwalità tal-preżentazzjoni kellha titjieb. Għal dan il-għan huma fasslu struttura ta' konkors teatrali mibnija fuq l-istess linji li fuqhom kienet tmexxi d-Drama League dak iż-żmien.[7] Dan wassal biex tnieda l-ewwel konkors teatrali tas-Sala Dun Edgar bejn l-1958 u l-1959. Għal dan il-konkors daħlu 16-il kumpanija filodrammatika minn madwar Malta kollha. L-ewwel premju kien ingħata lill-kumpanija minn Ħal Qormi Anici, li tellgħet programm nhar il-21 ta' Diċembru 1958. Dan kien jikkonsisti fi dramm fi 3 atti bl-isem *Id-Driegħ t'Alla*, farsa u varjetà ta' kanzunetti.[8]

Is-sena ta' wara reġgħu daħlu 15-il kumpanija għall-kompetizzjoni, u hekk, sena wara l-oħra, l-applikazzjonijiet baqgħu pjuttost numerużi, b'average ta' 11-il kumpanija kull sena. Fl-istess snin kien hemm postijiet oħra li kienu qegħdin jorganizzaw huma wkoll konkorsi teatrali, però milli jidher dawn ma damux aktar minn 6 snin konsekuttivi.[9] Il-konkors tal-Imġarr beda jiġbed lejh l-aħjar kumpaniji teatrali li kien hemm dak iż-żmien. Hekk fit-tieni sena tal-konkors l-ewwel premju ħaduh is-Sliema Dramatic Company. Mar-raba' sena bdew jidħlu wkoll il-Mosta Dramatic Company, li baqgħu jieħdu sehem sa tmiem il-konkors u rebħu premjijiet f'kull kategorija. Ma naqsitx ukoll il-kumpanija Ta' Bronk fil-bidu tas-sittinijiet. Imbagħad fis-snin sebgħin dehret ukoll il-kumpanija Delfini Ferrieħa, tal-Birgu, magħrufa għall-varjetà kkulurita li kienu jtellgħu u li wkoll rebħu bosta premjijiet. Imbagħad lejn l-aħħar snin tal-konkors daħlet għall-kompetizzjoni l-kumpanija 12th May Dramatic Company, li wkoll irnexxielhom jieħdu l-ewwel premju iżjed minn darba. Matul il-25 sena konkors l-aktar li spikkaw fil-premjijiet kienu l-Anici, Delfini Ferrieħa u t-12th May, b'erba' darbiet l-ewwel post, filwaqt li l-Mosta Dramatic Company ġew 6 darbiet fl-ewwel post.[10]





### *L-Aqwa Talent*

Naturalment il-premjijiet ma jiġux weħidhom imma trid taħdem għalihom permezz ta' produzzjoni tajba, b'atturi u kantanti bravi. Nistgħu ngħidu li matul il-konkors tal-Imġarr iddebuttaw jew taw sehemhom uħud mill-aqwa atturi ta' dak iż-żmien, jew li kienu bdew jidhru fuq il-palk jew fuq it-televiżjoni fis-snin ta' wara. Hekk insemmu lil Carmen Azzopardi, li kienet ħadet il-premju bħala l-aqwa attriċi, u anke lil Josephine Mahoney, ippremjata bħala




l-aħjar attriċi fit-tieni sena tal-konkors, mal-kumpanija Sliema Dramatic Company.

Fuq il-palk tal-Imġarr rajna wkoll lil Vitorin Galea, bil-kumpanija Ta' Bronk, tieħu l-ewwel premju. Insemmu wkoll lil Joe Gatt tal-Mosta Dramatic Company, li rebaħ il-premju tal-aqwa attur għal diversi drabi, u lil Mary Ripard, li ħadet sehem kemm-il darba.

Imbagħad lejn l-aħħar snin tal-konkors kienu dehru wkoll Carmel Cauchi u Ronald Saliba tat-12th May Dramatic Company ta' Ħaż-Żebbuġ, li kienu dejjem jiġu minn ta' quddiem, kif ukoll rajna anke lil Eileen Montesin mal-Mosta Dramatic Company, fost l-oħrajn. Matul is-snin tal-konkors dehru wkoll Charlie Clews u Johnny Navarro, li kienu jiġu mistiedna mill-kumpaniji biex jgħidu ċ-ċajt, kif ukoll gruppi u kantanti li kienu fl-aqwa tal-karriera tagħhom dak iż-żmien, fosthom The Greenfields, li rajniehom fuq il-palk tas-Sala Dun Edgar kemm-il darba. Dan kollu jixhed kemm il-kompetizzjoni kienet żviluppat f'waħda akkanita, tant li l-kumpaniji kienu jaqilgħu l-aqwa talent li kien jeżisti fil-gżejjer Maltin. Għal dan l-entużjażmu kollu l-udjenza kienet tkun dejjem numeruża, tant li s-Sala Dun Edgar kienet tkun dejjem mimlija, kultant anke bl-extra seats, jiġifieri madwar 600 persuna fil-platea.

***Il-Ġurija***

Sabiex jinkisbu dawn ir-riżultati kien hemm bżonn ta' regolamenti stretti u ġurija b'saħħitha. Sa mill-bidu tal-konkors kienu tfasslu sett ta' regolamenti mid-Direttur Dun Ġużepp Vella flimkien mal-ġurati. Dawn ir-regolamenti kienu jingħataw bil-miktub ma' kull applikazzjoni u kull kumpanija kellha toqgħod għalihom, għax inkella titlef il-punti jew tista' anke tiġi skwalifikata. Fosthom kien hemm li s-serata trid tibda fil-ħin miftiehem u r-rappreżentazzjoni jkollha tul ta' mhux inqas minn 4 sigħat, bi tliet intervalli ta' 15-il minuta bejniethom. Is-suġġett ried ikun artistikament u moralment tajjeb u ma setax jinbidel fl-aħħar ħinijiet bla permess. Regolamenti oħra kienu li l-ilbies tal-atturi jkun diċenti u li ma setgħux isiru xeni ta' qtil fuq il-palk.[11] Il-punti li jingħataw għal kull serata kienu jammontaw għal massimu ta' 100, li kienu jitqassmu fuq numru ta' kategoriji kif ġej: għall-propaganda kienu jingħataw 15-il punt, għax-xenarju, il-vestwarju u l-*messa in scena* 15, il-plott waħdu 30, l-acting 15, għall-kant u l-mużika 25 punt. Kif jidher minn dan it-tqassim tal-punti, kull kumpanija li tidħol għall-konkors riedet tieħu ħsieb kollox hi mill-bidu sal-aħħar u mhux il-plott u r-reċtar biss. Riedet anke tara kif ser tqassam il-ħin tagħha bejn dramm, farsa, kummiedja u varjetà, jekk riedet ittella' l-akbar ammont ta' punti.[12] Matul il-konkors il-ġurija esperta kienet tkun dejjem komposta minn persuni Mġarrin ġejjin minn diversi oqsma tal-ħajja. Iċ-chairman tal-ġurija kien ikun il-kappillan tar-raħal, fl-ewwel snin Mons. Orazju Vella,


*Ħaddiema ta' wara l-kwinti flimkien ma' xi żeffiena*



*Id-Dancing Shoes fi żmien l-MYDC*

filwaqt li oħrajn kienu jinkludu lis-Surmast tal-iskola Ġanni Cilia, Victor Camilleri (li kien jaħdem maċ-Ċivil) bħala segretarju, flimkien ma' xi teachers u atturi kollha mill-Imġarr. Ta' min jgħid li kemm Ġanni Cilia kif ukoll Victor Camilleri baqgħu membri tal-ġurija tul il-konkors kollu. Wara s-serati l-membri tal-ġurija kienu jinġabru f'kamra u jagħtu l-punti skont l-opinjoni tagħhom. Fl-aħħar tal-konkors kien jintgħażel ir-rebbieħ għal dik is-sena partikolari. Ir-riżultat tal-ġurija kien ikun finali u ma setax jiġi appellat. Bħala l-ewwel premju kienet tingħata x-shield, li tinżamm għal sena, flimkien ma' tazza u 20 lira. Għat-tieni premju kienet tingħata tazza u 10 liri filwaqt li l-premju għat-tielet post kien ta' 5 liri. Premjijiet oħra kienu jinkludu l-aħjar attur u attriċi kif ukoll l-aħjar plott u l-aħjar rivista ta' kant. Il-konkors tant żviluppa f'wieħed akkanit li saħansitra ġieli ttellgħu xi murtali tal-bomba malli tħabbar ir-riżultat.[13]

### *Mġarr Youth Dramatic Company*

Matul is-snin tal-konkors il-kumpanija teatrali tal-Imġarr ma kinitx tkun b'idejha fuq żaqqha. Ta' kull sena l-Mġarr Youth Dramatic Company (MYDC), taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġużepp Vella, kienet ittella' xi tlieta jew erba' serati ta' drammi u varjetà. Dawn kienu jittellgħu Ħadd qabel jibda l-konkors, f'xi Ħadd qrib il-Milied, qrib l-Għid il-Kbir u fl-aħħar tal-konkors, meta kienet tiġi organizzata l-konklużjoni tal-konkors għal dik is-sena partikolari. Naturalment dan kien jitlob ħafna xogħol ta' kunċerti min-naħa tal-atturi u l-kantanti u fl-istess ħin xogħol bla heda fit-tħejjija tal-palk, bħalma huma x-xenarju u l-vestwarju ġdid minbarra manutenzjoni l-ħin kollu. Dan ix-xogħol kollu kien jinvolvi mhux biss il-membri tal-MYDC imma wkoll is-sezzjoni ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika, li kienu jieħdu ħsieb l-Oratorju.



*Waqt reċta mill-MYDC*

Sa minn sbieħ il-Ħadd filgħodu l-membri tal-AK kienu jieħdu ħsieb li jippreparaw u jagħmlu s-sandwich (li dak iż-żmien kien popolari ħafna) għal filgħaxija. Kienu wkoll jippreparaw il-ħanut u jnaddfu kullimkien. Filgħaxija mbagħad min kien jieħu ħsieb il-ħanut, min jaqta' l-biljetti, min jiċċekkja l-biljetti fil-bieb u min għassa għal dak li jkun meħtieġ.Ħafna preparamenti oħra kienu jkunu meħtieġa fuq il-palk. Minn jiem qabel iridu jaraw x'hemm bżonn għal dak il-programm partikolari, biex jaqilgħu u jdendlu x-xenarji meħtieġa. Il-varjetà wkoll kienet titlob ħafna xogħol, bi pjan preċiż kif ser ikunu jinbidlu x-xeni minn kanzunetta għal oħra u anke liema jkun l-aħjar dawl biex il-viżwal joħroġ mill-aktar sabiħ u interessanti.

Imma l-qofol tal-preparamenti kienu jkunu l-kunċerti numerużi, kemm fir-reċtar u kemm fil-qasam tal-varjetà. Numru kbir ta' żgħażagħ u anke kbar kienu jiddedikaw sigħat twal u jagħtu mill-aħjar li jistgħu biex ir-riżultat finali jkun wieħed tajjeb ħafna, li jlaħħaq mal-aqwa produzzjonijiet minn kumpaniji oħra.

Għall-ewwel ftit snin l-MYDC kienet tieħu sehem anke fil-konkors, iżda mingħajr il-possibilità li tista' tingħata xi premju. Iżda dan kellu jitwaqqaf minħabba li kienu oġġezzjonaw xi kumpaniji.[14]



*Il-konklużjoni ta' 25 sena konkors*

### *Konklużjoni*

Il-konkors teatrali tas-Sala Dun Edgar baqa' għaddej għal 25 sena konsekuttiva. Il-ħsieb kollu kien f'moħħ id-Direttur Dun Ġużepp flimkien mat-tim ta' madwaru. Dun Ġużepp baqa' magħruf għad-dixxiplina li biha kien imexxi x-xogħol kollu meħtieġ għall-organizzazzjoni tal-konkors. Dan wassal biex intlaħaq is-suċċess mixtieq, tant li baqa' jissemma fuq fomm kulħadd. Wara 25 sena l-konkors twaqqaf ħesrem. Dun Ġużepp, li issa kien qabeż is-sittin sena, għandu mnejn beda jħoss li r-responsabilità kienet tqalet wisq għal din il-biċċa xogħol hekk impenjattiva, u forsi anke beda jħoss li qiegħed jitlef xi ftit il-kontroll fuq l-organizzazzjoni. B'hekk il-konkors teatrali tas-Sala Dun Edgar tal-Imġarr beda tajjeb u spiċċa tajjeb ħafna. Matul is-snin kien fuq fomm kulħadd u spiċċa bħala storja ta' suċċess. Sal-lum il-konkors teatrali tal-Imġarr għadu jitqies bħala avveniment uniku tax-xorta tiegħu fil-qasam tat-teatru Malti.

© Mario Vassallo, 2023

Ħajr lil kull min għaddieli xi forma ta' tagħrif dwar dan is-suġġett, imma b'mod speċjali lil Maria Vella, li għoġobha tgħaddili kopja tal-video maħdum minnha bl-isem *Minn Wara s-Siparju tar-Raħal*.

### *Endnotes*

1. *Cilia, Ġanni A.; 1998. L-Imġarr Matul iż-Żminijiet. Colour Image, l-Imġarr: 57.*
2. *ibid: 58.*
3. *Deguara, Mons. Alwiġ; 1999. L-Imġarr – Il-Ħajja u l-Ħidma ta' Niesu mill-Qedem sal-Lum. Colour Image, l-Imġarr: 304.*
4. *ibid: 264*
5. *Leli Debono waqt intervista li għamiltlu d-dar tiegħu, Ħal Qormi, fl-2015.*
6. *Leli Debono, 2015.*
7. *Leli Debono, 2015.*
8. *L-Arkivju tal-Oratorju.*
9. *Vella, Maria; 2013. Minn Wara s-Siparju tar-Raħal. Video mtella' flimkien mal-Istitut tal-Arti u d-Disinn fi ħdan l-MCAST.*
10. *L-Arkivju tal-Oratorju.*
11. *L-Arkivju tal-Oratorju.*
12. *Vella, Maria. Video.*
13. *Vella, Maria. Video.*
14. *Vella, Maria. Video.*

# Dinja waħda iżda għal mitt bniedem hemm mitt fehma…

Claudine Muscat B.Ed. (Hons), MBA

Bħala ċittadini globali għandna diversi responsabbiltajiet. Huwa kunċett li jenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni kollaborattiva u kooperattiva. Li naraw lilna nfusna bħala ċittadini globali jinvolvi li nirrealizzaw li lkoll ngħixu f'dinja waħda. Dan jinvolvi bidla fil-perspettiva morali tagħna li biha nieħdu ħsieb l-oħrajn, inklużi dawk lil hinn minn xtutna. Li nkunu ċittadini globali jinvolvi li niffukaw fuq dak li għandna komuni aktar milli fuq id-differenzi tagħna. Eżempju ta' dan hu r-responsabbiltà li nipproteġu l-pjaneta tagħna, kemm biex ngħixu f'ambjent san fil-preżent iżda wkoll biex inħallu legat għall-ġenerazzjonijiet futuri filwaqt li nedukawhom.

Is-suġġett tat-tibdil fil-klima, li qed jikkawża tempijiet estremi, bid-dinja tirreġistra temperaturi ogħla minn dawk meqjusin normali, żgur smajna bih. Minkejja dan, jidher li l-azzjoni globali sabiex jitnaqqas dan l-effett għadha mhix b'saħħitha biżżejjed, tant li għadna ma rajniex tibdil radikali fl-istil ta' ħajja li ngħixu. B'hekk wieħed irid isaqsi kif verament qed inħarsu lejn din il-problema, jekk nemmnux fiha jew le, u kif il-messaġġ t'azzjoni qed jiġi interpretat miċ-ċittadin globali.



*Minn nirien lokali għat-tidwib tas-silġ: l-impatt tat-tisħin globali huwa wiesa'*



Waħda mill-ewwel regoli ta' komunikazzjoni effettiva hija li tkun taf l-udjenza tiegħek. L-isforz kollettiv għat-tibdil fil-klima għandu jibda billi nirrikonoxxu li n-nies huma differenti u għandhom raġunijiet psikoloġiċi, kulturali u politiċi differenti biex jaġixxu (jew ma jaġixxux) favur il-protezzjoni tal-ambjent ta' madwarhom.

Il-Proġett Yale dwar il-Komunikazzjoni dwar it-Tibdil fil-Klima, li sar fl-

2012, iħares fid-dettall lejn l-attitudnijiet tal-pubbliku Amerikan dwar it-tisħin u t-tibdil tal-klima. Din ir-riċerka wriet il-kumplessità tas-suġġett hekk kif instab li l-pubbliku Amerikan mhuwiex maqsum indaqs bejn dawk li jemmnu fit-tisħin tal-klima u dawk li le. Fil-fatt hemm firxa ta' fehmiet, li rriżultat f'sitt udjenzi uniċi fi ħdan il-pubbliku Amerikan, li kull waħda twieġeb għall-kwistjoni bil-mod distint tagħha.



*Is-sitt kategoriji li jispjegaw l-attitudnijiet tal-pubbliku Amerikan lejn it-tisħin u t-tibdil tal-klima*

L-allarmati (alarmed) huma konvinti li t-tisħin tal-klima qed iseħħ, hu kkawżat mill-bniedem, għandu jiġi indirizzat b'urġenza, u jappoġġjaw bil-qawwa l-politiki (policies) dwar il-klima. Il-biċċa l-kbira, madankollu, ma jafux x'jistgħu jagħmlu, huma jew l-oħrajn, biex isolvu l-problema.

Il-konċernati (concerned) jaħsbu li qed iseħħ it-tisħin globali kkawżat mill-bniedem, huwa theddida serja u jappoġġjaw il-politiki dwar il-klima. Madankollu għandhom it-tendenza li jemmnu li l-impatti tal-klima għadhom 'il bogħod u b'hekk il-kwistjoni tat-tibdil tal-klima mhix ta' prijorità għolja.

Il-kawti (cautious) jinsabu konfużi u għad m'għandhomx pożizzjoni ċara fuq dawn il-mistoqsijiet: Qed jiġri t-tisħin globali? Huwa kkawżat mill-bniedem? Huwa serju?

Il-diżingaġġati (disengaged) ftit huma infurmati dwar it-tisħin globali. Rari jew qatt ma jisimgħu dwaru fil-midja.

Id-dubjużi (doubtful) ma jaħsbux li qed iseħħ it-tisħin globali, jew jemmnu li huwa biss ċiklu naturali. Ma jaħsbux ħafna dwar il-kwistjoni jew iqisuha bħala riskju serju.

Dawk li jiċħdu (dismissive) jemmnu li t-tisħin globali mhux qed iseħħ, jew li hu kkawżat mill-bniedem, jew li hu ta' theddida għall-umanità. Il-biċċa l-kbira jappoġġjaw il-conspirancy theories, li huma teoriji maħluqa minn konfoffa ta' nies li għandhom il-kapaċità jinfluwenzaw kif naħsbu aħna, pereżempju li t-tisħin globali huwa ingann.

Din ir-riċerka għenet lill-komunikaturi dwar il-klima jużaw strateġiji aħjar biex jikkomunikaw mal-udjenzi varji tagħhom, hekk kif is-sejbiet jissuġġerixxu wkoll li l-biċċa l-kbira tal-fehmiet tal-Amerikani dwar it-tibdil fil-klima huma fluwidi u jistgħu jiġu infurmati minn ċerti tipi ta' evidenza, narrattivi u komunikaturi tal-




*Persentaġġi li juru li l-akbar żewġ kategoriji huma tal-allarmati u l-kawti (statistika aġġornata fl-2022)*

messaġġ. Din l-idea mhix mingħajr kontroversja, fejn studjużi oħra jsostnu

li n-nies huma maqfula wisq fit-twemmin tagħhom, li jagħmilha diffiċli li jinbidlu l-opinjonijiet tagħhom dwar it-tibdil tal-klima.

Minbarra dan, ir-riċerka turi wkoll kif is-sitt kategoriji jpoġġu l-fiduċja tagħhom f'sorsi differenti ta' informazzjoni dwar il-klima. L-allarmati u l-imħassbin jafdaw lix-xjenzati u lill-organizzazzjonijiet xjentifiċi aktar minn kull sors ieħor ta' informazzjoni, filwaqt li d-dubjużi u dawk li jiċħdu jafdaw l-aktar lill-familja u lill-ħbieb tagħhom. F'dan ir-rigward hemm min jargumenta li l-ambjentalisti jistgħu jiġu meqjusa bħala soċjalisti li qed jippruvaw jikkontrollaw l-istil ta' ħajja, u x-xogħol tal-akkademiċi jista' jidher inaċċessibbli u b'hekk mhux xieraq ukoll biex jiddetermina kif għandhom jgħixu n-nies. Li huwa ċar hu li l-istess messaġġ, anke jekk ibbażat fuq fatti xjentifiċi, mhux se jilħaq lis-sitt kategoriji bl-istess mod. B'hekk il-komunikatur irid ikun mhux biss infurmat dwar it-twemmin tal-udjenza li qed jindirizza iżda jkun aktar effettiv jekk ikollu wkoll l-istess valuri u twemmin tagħhom.

Meta l-istess studju twettaq fl-2022 il-grupp tal-allarmati rdoppja filwaqt li l-persentaġġ tal-kawti naqas. Ma kienx hemm bdil sinifikanti fil-kumplament, iżda b'mod ġenerali l-Amerikani qed isiru aktar inkwetati dwar it-tisħin tad-dinja, aktar involuti fil-kwistjoni u jagħtu aktar appoġġ għas-soluzzjonijiet. Għalhekk wieħed għandu jirrikonoxxi l-isforzi tal-komunikaturi sabiex iwasslu messaġġ favur il-ħarsien tal-pjaneta u janalizza x'kienu l-metodi li għamlu l-aktar suċċess. L-użu tat-teknoloġija, partikolarment il-midja, jiffaċilita dan il-proċess, iżda bħala persuni rridu nibqgħu kritiċi u nanalizzaw l-informazzjoni, peress li mhux dejjem tkun ġejja minn sors b'reputazzjoni tajba.

Din ir-riċerka għandha valur u applikazzjoni lil hinn mill-poplu Amerikan. Tajjeb li tieqaf u tirrifletti: f'liema kategorija tpoġġi lilek innifsek?



# Spoljazzjoni

Dr Sonia Consiglio LL.D.
Konsulent Legali

***X'inhi Spoljazzjoni?***

"Spoljazzjoni" hija t-terminu li jintuża meta xi ħadd jiġi mċaħħad mill-użu ta' xi ħaġa li hija tiegħu jew tagħha. Il-Kodiċi Ċivili jiddefinixxi l-ispoljazzjoni jew l-ispoll, kif inhu magħruf aktar komunement, bħala meta persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, imneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni, ta' ħaġa mobbli jew immobbli.

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza Delia kontra Schembri rriteniet li: "L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun xi jkun… li jiġi vjolentement jew okkultament meħud mingħand il-possessur jew detentur, u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorità privata… jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."

***X'tista' tagħmel meta xi ħadd iċaħħdek mill-użu ta' xi ħaġa li kont qed tagħmel użu minnha?***

Persuna li tiġi mċaħħda milli tkompli tagħmel użu minn dak l-oġġett li tkun sa dak iż-żmien li ġiet spoljata minnu qed tuża, fi żmien xahrejn mid-data ta' meta seħħ l-ispoll, u ċoè mid-data ta' meta ġiet impedita milli tkompli tagħmel użu mill-oġġett, tista' tiftaħ kawża kontra l-awtur tal-ispoll għar-radd tal-pussess, sabiex terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni ta' dak l-oġġett.

***Min jista' mbagħad jordna li l-persuna terġa' titqiegħed fil-pussess tal-ħaġa?***

Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-Qorti, ukoll jekk il-persuna li tkun ikkawżat l-ispoll tkun is-sid tal-ħaġa li l-persuna l-oħra tkun qed tagħmel użu minnha u għalhekk batiet l-ispoll.

***Min ikun involut fil-kawża?***

F'kawżi ċivili jkun involut l-attur, li huwa l-persuna li tkun bdiet il-proċeduri ġudizzjarji, f'dan il-każ partikolari għandek il-persuna li tkun qed tallega li ġiet spoljata mill-oġġett li tkun qed tuża. In-naħa l-oħra jkun hemm il-konvenut, li huwa l-persuna li allegatament tkun ikkommettiet l-ispoll. Kemm l-attur kif ukoll il-konvenut ikollhom dritt iressqu x-xhieda tagħhom sabiex jissostanzjaw dak li jkunu qalu fir-rikors u r-risposta tagħhom.

*Xi skop għandha kawża dwar spoll?*

Fil-ġurisprudenza tagħna hu ribadit li din l-azzjoni ta' spoll hija konċepita bħala azzjoni rapida u effikaċi għall-iskop li ma tħalli lil ħadd jiddisturba stat ta' fatt arbitrarjament, jiġifieri fuq bażi ta' għażla jew kapriċċ personali, aktar milli kwalunkwe raġuni jew sistema, u hija ntiża unikament biex iġġiegħel lill-konvenut jerġa' jqiegħed il-ħaġa fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss.



Is-Sinjura Ġustizzja

*X'inhuma r-rekwiżiti biex l-attur jirnexxi f'azzjoni ta' spoll?*

F'dawn it-tip ta' kawżi l-attur irid jipprova tliet affarijiet, u ċoè:li huwa kien jippossedi b'pussess ta' kwalunkwe xorta, jew detenzjoni;

li huwa ġie spoljat minn dak il-pussess jew detenzjoni;

li huwa mexxa 'l quddiem il-kawża fi żmien xahrejn mill-jum li fih sar l-att spoljattiv allegat minnu.

*X'tip ta' pussess irid ikollu l-attur?*

Kif ġie kostantament ritenut mill-Qrati tagħna l-pussess li trid il-liġi għall-finijiet tal-azzjoni ta' riintegrazzjoni m'hemmx bżonn ikun il-pussess b'titolu ta' proprjetà jew ta' servitù, imma hu biżżejjed pussess kwalunkwe, anke purament materjali. Hu dejjem meħtieġ li l-attur jipprova li għandu "un possesso di fatto", li huwa pussess "ta' liema xorta jkun". Dawn il-prinċipji ġew ukoll ikkonfermati fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Francesco sive Frank Busuttil vs Giacchino sive Jack Scerri proprju et nomine, fejn ingħad li "kwantu għall-element tal-pussess, għall-azzjoni ta' spoll, biżżejjed li jkun hemm pussess ta' kull xorta; kwindi tant il-pussess materjali 'di fatto', kemm il-pussess leġittimu mingħajr il-materjali detenzjoni tal-ħaġa kif ukoll il-pussess 'di diritto' ta' min ikun akkwista l-ħaġa."

*Kif jista' jseħħ spoll?*

Hemm diversi komportamenti li jistgħu jagħtu lok għall-ispoll, bħal pereżempju xogħlijiet strutturali, bdil tas-serratura ta' bieb u twaħħil ta' oġġetti fi proprjetà ta' ħaddieħor. Huma komunissimi l-kawżi ta' din ix-xorta li jikkonċernaw ostakli jew impedimenti fl-eżerċizzju tad-dritt ta' passaġġi jew mogħdijiet fir-raba'. Ġie osservat però li biex il-gabillott jirnexxi fl-azzjoni ta' spoll minnu intentata sabiex jiġi riintegrat fil-pussess ta' passaġġ li fih jippretendi li ġie turbat, jeħtieġlu jipprova li huwa għandu l-pussess jew kważi pussess esklussiv tal-passaġġ, u mhux biżżejjed li juri li għandu biss id-dritt li jgħaddi mill-passaġġ.

***Kif tista' tipprova l-att ta' spoll***

It-tieni element li jrid jiġi ppruvat f'azzjoni ta' spoll hu li l-attur effettivament ġie spoljat mill-pussess tiegħu. Illi hawnhekk hu biżżejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens, espress jew taċitu, għal min isofri l-ispoll. Il-Qorti ma tidħolx fil-kwistjoni jekk il-konvenut kellux l-intenzjoni li jispolja; hija tevalwa oġġettivament jekk kienx hemm att spoljattiv. Il-vjolenza meħtieġa fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll kien arbitrarju u kontra l-volontà tal-pussessur, b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun għamel dak l-att sabiex jimpedixxi l-liberu eżerċizzju tal-pussess, ifixkel id-drittijiet, inaqqas il-pussess jew jikkawża ħsara lil min isofri l-ispoll.

***Però jista' gabillott jagħlaq passaġġ li minnu kien jgħaddi gabillott ieħor għaliex dan il-gabillott l-ieħor għandu passaġġ ieħor minn fejn jgħaddi?***

Fuq dan il-punt partikolari ppronunzjat ruħha l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Sammut John kontra Sammut Emanuel, fejn irriteniet li "huwa immaterjali jekk l-attur għandux mogħdijiet oħra servjenti għall-ħtiġijiet tiegħu. Kull prova f'dan il-kuntest ma teliminax l-att arbitrarju ta' min ikun ikkommetta l-ispoll. Dan għaliex l-azzjoni hi radikata fuq l-esiġenzi ta' l-utilità soċjali, intiża biex tagħti protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi impedut li ċ-ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f'idejh. Il-fini tal-azzjoni huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."

***Il-konvenut, u ċoè dik il-persuna li tkun qiegħda timpedixxi l-pussess tal-oġġett lill-persuna l-oħra, jista' jiddefendi ruħu?***

Il-konvenut f'kawża ta' spoll magħmula fi żmien xahrejn minn dakinhar li jkun sar l-ispoll ma jista' jagħti ebda eċċezzjoni li mhix dilatorja, qabel ma jkun raġa' qiegħed il-ħaġa fl-istat ewlieni u reġa' qiegħed għalkollox fl-istat ta' qabel il-parti li tkun batiet l-ispoll, f'dak iż-żmien illi skont iċ-ċirkostanzi jiġi mogħti lilu fis-sentenza, bla ħsara ta' jeddijiet oħra tiegħu. B'mod iktar sempliċi jista' jingħad li eċċezzjoni dilatorja hija dik li jkollha l-effett li twaqqaf il-kawża iżda ssalva l-mertu u għalhekk ma timpedix lill-attur milli jerġa' jipproponi l-azzjoni tiegħu.

***X'jiġri jekk wieħed jikkommetti spoll għaliex ikun ħaddieħor li fl-ewwel lok spussessah mill-oġġett li kien fil-pussess tiegħu?***

F'każi bħal dawn il-konvenut jista' jitlob li jiġi applikat il-prinċipju ta' "vim vi ripellere licet". Dan il-prinċipju jħaddan li huwa leċitu, jiġifieri legali, li min jiġi spoljat minn possediment tiegħu jista' mhux biss jikkonserva u jiddefendi l-pussess tiegħu bil-forza imma wkoll jirkupra l-pussess bil-forza.Din id-difiża tirnexxi biss jekk jikkonkorru ċirkostanzi partikolari. Dawn huma mfissra fit-tagħlim dottrinali, fejn irid jintwera li (a) kien hemm għemil spoljattiv vjolenti, (b) li r-reazzjoni biex tirribatti dak l-għemil isseħħ minnufih jew fi żmien qrib, u (ċ) li dik ir-reazzjoni sseħħ fl-istess ċirkostanza li jkun seħħ l-għemil spoljattiv.



# Philip Gatt (1927-1995)

mill-ktieb Għamlu Isem ta' Joe Julian Farrugia

Il-marċi li nisimgħu fil-festi ta' pajjiżna huma tradizzjoni tagħna. Bħalma l-ħoss tal-banda jaf inissel diqa bil-kompożizzjonijiet funebri fil-Ġimgħa Mqaddsa jaf ukoll iqajjem briju bil-marċi ferrieħa mat-toroq imżejnin fil-ġranet tal-festa. Il-marċ Malti mhux normali li tisimgħu barra mill-gżejjer tagħna. Iżda meta marċ jinkiteb biex jagħti ġieħ lil xi avveniment dinji jaf iġib rikonoxximent anki mill-ogħla dinjitarji. Marċ miktub mis-Surmast Philip Gatt kiseb rikonoxximent mill-President Amerikan u għadu sal-lum merfugħ fl-arkivji tan-NASA fl-Istati Uniti.

Philip Gatt twieled nhar it-12 ta' Settembru 1927 f'Ħaż-Żebbuġ. Kien l-akbar wild fost ħames aħwa, ulied Adeodato minn Ħaż-Żebbuġ u Carmen imwielda Scerri mill-Furjana. Il-missier, Adeodato, kien kompożitur u surmast tal-baned San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ u l-King's Own tal-Belt. Iz-ziju ta' Philip, Kelinu, kien ukoll surmast tal-baned San Filep u De Rohan ta' belt twelidu.

Ma jistax jonqos, għalhekk, li l-imħabba lejn il-mużika kienet tiġri fid-demm tal-familja Gatt. Iċ-ċkejken Philip mill-ewwel wera l-ħajra li jimxi fuq l-istess passi tal-antenati tiegħu, u beda jieħu l-ewwel taħriġ mużikali mingħand missieru. Kien beda jitħarreġ fit-teorija mużikali u anki fil-prattika. Aktar tard, bil-għajnuna tal-istess missieru, għażel is-saxophone alto bħala strument.

Philip Gatt kien bandist regolari mal-Banda San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ, taħt id-direzzjoni ta' missieru s-Surmast Adeodato, u ġieli daqq anki ma' baned oħrajn li kienu jistednuh. Maż-żmien laħaq ukoll l-assistent ta' missieru fit-tmexxija tal-istess banda Żebbuġija. Ġieli kien anki jmur imexxi baned oħrajn barra Ħaż-Żebbuġ, fejn kien ikun mistieden missieru. Philip kompla t-tagħlim tiegħu taħt is-Surmast Carmelo Pace u kiseb id-diplomi A.Mus.L.C.M., L.Mus.L.C.M. u F.L.C.M.

Fl-1953 Philip ingaġġa mar-Royal Air Force (Malta) u l-ħidma tiegħu kienet bħala l-bandmaster ta' dak il-qasam fis-servizz. Huwa żamm dik il-kariga sal-1975. Matul is-snin tiegħu mal-Ingliżi Philip kien mibgħut ikompli l-istudji tiegħu fir-Royal Air Force School of Music f'Uxbridge fir-Renju Unit, taħt il-Professur Norman Richardson. Hemmhekk kiseb id-diploma A.R.C.M., jiġifieri kwalifika bħala bandmaster, biex b'hekk kien wieħed mill-ewwel ftit Maltin li kisbuha.

Meta s-Surmast Adeodato spiċċa minn direttur tal-Banda San Filep fl-1962, is-Surmast Philip ħa l-banda f'idejh. Dam surmast ta' din il-banda sal-1986. Matul dawk is-snin għamel żminijiet ukoll imexxi l-baned Melita tal-Imsida, Vilhena tal-Furjana, San Ġużepp tal-Ħamrun u L'Isle Adam tar-Rabat. Ma' din l-aħħar banda fl-1982 rebaħ l-ewwel konkors nazzjonali tal-baned, u l-Banda L'Isle Adam kienet iddikjarata bħala l-banda tar-Repubblika.


*Mro Philip Gatt*

Tul l-24 sena li kienet immexxija mis-Surmast Philip Gatt il-banda Żebbuġija tat is-sehem tagħha f'ħafna okkażjonijiet. Minbarra marċi brijużi fil-festi u s-sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira din il-banda tat kunċerti u programmi b'għażla ta' mużika varjata li Philip kien dejjem jislet għall-gosti ta' kulħadd. Fl-għażla kien iħobb idaħħal ukoll kompożizzjonijiet Maltin, anki xi wħud miktubin minn missieru Adeodato jew minnu stess. Fost il-programmi li jibqgħu magħrufa wieħed irid isemmi l-okkażjoni meta kienet inġiebet relikwa ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ fl-1976. Fost il-programmi barra Ħaż-Żebbuġ kien hemm anki wieħed fil-Belt Valletta meta kienu saru l-festi ċentinarji fil-parroċċa ta' San Duminku.

Ħidma ewlenija tas-Surmast Philip Gatt fil-mużika lokali hija l-kompożizzjoni, xi ħaġa li wiret ukoll mingħand missieru. Fost il-kitbiet tas-Surmast Philip insibu l-*Kantata San Ġużepp*, il-preludju *Silver Monument*, il-kunċert valz *Silver Anniversary*, il-poema mużikali *The Battle of Britain*, l-overture *Jeunesse*, is-suite *A Man's Life*, il-fantasija *The Village Festa* u l-intermezz sinfoniku *Arygyria*.

Kiteb anki innijiet bħalma huwa l-innu *Viva San Filep ta' Aġġira* fuq kliem ta' Mons. Lawrenz Cachia fl-1982, l-*Innu Santissima Trinità* u *Lill-Madonna taċ-Ċintura*. Kiteb ukoll l-*Innu lil Ħaż-Żebbuġ*, kompożizzjoni li rebħet konkors imniedi mill-Kunsill Ċiviku Żebbuġi. Dan l-innu rebaħ anki konkors f'Melbourne, l-Awstralja fost l-emigranti Maltin. Ta' min jgħid li l-Kunsill Ċiviku ta dan l-innu lit-tliet baned Żebbuġin biex idoqquh bħala l-innu uffiċjali ta' Belt de Rohan. Fl-1976 il-Kunsill Ċiviku Żebbuġi ta l-onorifiċenza Żebbuġija lis-Surmast Philip Gatt bħala rikonoxximent ta' ħidmitu.

Bla dubju surmast u kompożitur ta' banda ma jistax ma jkollux numru ta' marċi

li l-partitarji jgawdu mat-toroq fil-festa. U minn dawn Philip kellu ħafna, li mhux biss indaqqu f'Ħaż-Żebbuġ, u minn aktar minn banda waħda, iżda wkoll xterdu mal-bliet u l-irħula f'Malta u Għawdex. Iżda l-aktar marċ li għalih is-Surmast Gatt jibqa' msemmi jġib l-isem ta' *A Small Big Step*. Dan kien marċ li Philip iddedika lit-tliet astronawti Amerikani, Neil Armstrong, Edwin Aldrin u Michael Collins, li kienu fil-vettura spazjali *Apollo XI* meta sar l-ewwel pass mill-bniedem fuq il-qamar fl-1969. L-Ambaxxatur Amerikan f'Malta John C. Priztlaff kien bagħat dan il-marċ lill-President Richard Nixon fil-White House u dan, min-naħa tiegħu, kiteb personalment lil Philip u wrieh l-apprezzament għal dan il-ġest. Il-President Amerikan kien bagħatlu anki biċċa mill-ġebel tal-qamar li l-astronawti kienu niżżlu magħhom lejn id-dinja.

Philip iżżewweġ lil Carmen imwielda Azzopardi minn Ħaż-Żebbuġ u kellhom sitt ibniet: Carmen, Marthese, Rita, Doriette, Helen u Camilla. Ebda waħda minn uliedu ma ħarġet tikkomponi jew tmexxi l-mużika kif kien jagħmel missierhom.

Philip kellu karattru kwiet, kalm u ċajtier. Meta kien żgħir kien jieħu sehem fl-isport tal-iskola u kien anki fil-boy scouts. Iżda meta kiber ħin għall-isport ma tantx kien fadallu. Fil-ftit ħin liberu wara x-xogħol u l-mużika, iżda, kien iħobb ipinġi bil-lapes xbihat tal-patrun ta' belt twelidu: San Filep ta' Aġġira.

Minkejja li lejn l-aħħar ta' ħajtu ma baqax imexxi l-Banda San Filep, inħatar surmast onorarju u kien jingħata ċ-ċans li jerġa' jżomm il-bakketta fil-programm ta' lejlet il-festa.

Is-Surmast Philip Gatt miet nhar is-16 ta' Novembru 1995 fl-età ta' 68 sena. It-tliet baned Żebbuġin kienu ngħaqdu flimkien biex tawh l-aħħar tislima. Din kienet konferma ċara li minkejja li ġejjin minn tliet każini differenti, l-imħabba u r-rispett taż-Żebbuġin kollha lejn Philip Gatt ma għandhiex partiti, kuluri u każini.

U biex ismu jibqa' marbut mal-istorja ta' belt twelidu ssemmiet triq għalih f'Ħaż-Żebbuġ, biex iż-Żebbuġin ma jinsew qatt lil dan is-surmast li qatta' ħajtu u l-karriera tiegħu magħhom mit-twelid sal-mewt.

**Żomm 'il bogħod mid-droga**
**Għid le għad-droga**




# ISABELLE'S

Crafts, Haberdashery & Bazaar

Clothes Alterations, Laundy & Dry Cleaning & more

20, Triq il-Kaħli,
St. Paul's Bay
Tel: +356 9905 1187
Find us on facebook

Opening Hours
Mon, Tue: 09.00 - 17.00
Wed: 16.00 - 19.00
Thu, Fri: 09.00 - 17.00
Sat: 09.30 - 13.00


HIUP & TRANSPORT SERVICES
Lyden Micallef
79053476
UNIC
ACX 327




# Horace Spiteri

Tan-Newwes **Funeral Services**

## Xogħol ta' Funerali ...

- *Twiebet ta' Malta u ta' Barra*
- *Karrozzi tal-Mejtin tal-istess sid*
- *Knisja u Kant*
- *Fjuri*
- *Reffiegħa*
- *Santi*
- *Xandir fuq ir-Radju*
- *Avviżi fuq il-Gazzetti*
- *Karrozzi għall-familjari*
- *Dfin u qlugħ ta' rħama*
- *Permessi u dak kollu li għandkom bżonn għall-funeral*

Prezzijiet Moderati
24 Siegħa Servizz

'Franjes', 18, Triq Dun Lawrenz Degabriele, Żejtun

Ⓜ **9949 8829 / 7749 8829** · Ⓣ **2169 4212 / 2169 3247**

MĠARR

United

Bar & Restaurant

Since 1995

# MĠARR UNITED BAR & RESTAURANT

Triq il-Magħkuba, Mġarr

(close to Football Ground )

**T: 2157 4630 M: 7905 0283**



# L-Iktar Ikla Importanti tal-Ġurnata…

Marylise Spiteri

Il-kolazzjon jitqies bħala l-iżjed ikla importanti tal-ġurnata. Imma għaliex? Dan għaliex itik l-enerġija li jkollok bżonn matul il-ġurnata. Jgħidu tkun qed tikser is-sawma, għaliex matul il-lejl ġismek jibqa' għaddej juża l-enerġija mingħajr ma jerġa' jirċeviha lura (għax tkun rieqed/rieqda). Għalhekk ara li titrejjaq sew biex b'hekk terġa' tagħti lura lil ġismek l-enerġija u n-nutrijenti li jkun uża mal-lejl!

Diversi studji wrew ukoll li meta tibda l-ġurnata b'kolazzjon tajjeb jgħinek biex tikkonċentra iżjed u jkollok burdata iktar tajba.

Importanti li wieħed jikkonsma kolazzjon bnin, baxx fix-xaħam u z-zokkor, b'varjetà ta' nutrijenti bħala parti minn dieta bilanċjata. Hawn taħt għandkom xi ftit eżempji…

## *Overnight Oats*

*L-Ingredjenti (porzjon wieħed):*

- 4 mgħaref ħafur (oats)
- 50 ml ħalib xkumat
- ½ kuċċarina kannella (cinnamon)
- 3 mgħaref yoghurt tal-għażla tiegħek
- frott tal-għażla tiegħek
- mgħarfa lewż imfarrakmgħarfa żerriegħa tal-qara' aħmar (jekk trid)

*Il-Metodu:*

1. Ġo tazza ħallat il-kannella u l-ħalib flimkien.
2. Ġo vażett itfa' l-ħafur u fuqu ferra' l-ħalib. Itfa' l-yoghurt imbagħad il-frott. Ferrex il-lewż imfarrak u ż-żerriegħa fil-wiċċ.
3. Poġġi l-vażett fil-friġġ għal madwar 8 sigħat (matul il-lejl).



## Pancakes tal-banana

***L-Ingredjenti (għal persuna waħda):***



- banana
- bajda
- ftit essenza tal-vanilla
- qoxra ta' lumija maħkuka – wara agħsarha għall-juice tagħha
- ½ kuċċarina kannella (cinnamon)

***Il-Metodu:***

1. F'reċipjent għaffeġ il-banana b'furketta.
2. Ħabbat il-bajda ġo platt u żidha mal-banana. Itfa' l-essenza tal-vanilla, il-kannella u l-lumi. Ħawwad sew.
3. Saħħan taġen non-stick. B'kuċċarun ferrex it-taħlita fit-taġen u sajjar sakemm tgħaqqad it-taħlita. Servi billi tferrex il-yoghurt, il-frott imqatta', il-lewż imfarrak u xi ftit għasel.

## Smoothie bowl tal-frawli u l-blueberries

***L-Ingredjenti (porzjon wieħed):***



- 150 gr blueberries iffriżati
- 150 gr frawli ffriżata
- 65 gr yoghurt
- mgħarfa għasel

***Il-Metodu:***

1. Ixħet l-ingredjenti kollha ġo blender u ħawwad sew.
2. Itfa' t-taħlita fi platt fond. Ferrex ftit coconut, ftit ħafur jew granola, chia seed u frott imqatta' tal-għażla tiegħek fil-wiċċ.




P. N.

Il-Kumitat Sezzjonali
tal-Partit Nazzjonalista tal-Imġarr
jixtieq jawgura
l-festa t-tajba lil kulħadd


Il-Festa t-Tajba
lill-Imġarrin kollha!
IAN BORG
follow
+356 9977 7666
contact@ianborg.eu

# Min Irreklama f'Din il-Pubblikazzjoni


Agius Agriculture 153
Agius Saliba Alex 192
Andrew Schembri 14
Anthony Galea Woodworks 40
Antoine's Butcher 55
Aquarius 148
Azzopardi Charles 18
B Grima Sons 150
Ballut Blocks 84
Ballut Farm 160
Bezzina France Drainage 161
Bjorn Cab Service 115
Blaugrana 90
Bontex (Bibas) 5
Borg Busuttil Tiziana 58
Borg Ian 199
Borg Rebekkah 122
Bottega Frawli 146
Bridge Point 119
Bugeja Said Alicia 11
Care Cuts 137
Centric Computers 83
Ciapella Landrovers 128
Convenience Shop 156
D Farm 19
David Wood Works 157
Delia Adrian 54
Desana 117
Dr Brandon Muscat 26
Dr Sonia Consiglio 21
Eclipse 160
Engerer Cyrus 116
Falzon Landrovers 162
Farrugia Portelli Julia 59
Flowers by Phyllis 39
FNG 174
Framegrip 20
Gasan Mamo 120
Gauci Clayton 127
Giovanni Gatt 30
Green Energy 91
Grey Hound 93
Hairaholic 54
Horace Ent. 64
Hungry Wolf 93
Ideal Farmhouses 92
IG Engineering 40
Il-Barri 149
Il-Mixtla 167
Il-Palazz 114
Isabelle's 192
J Micallef Service Stat 94
J&L Supermarket 92
James Falzon 4
Jardinland 145
JJ Gauci 126
K. Mifsud Funeral Service 158
Kunsill Lokali Mġarr Back Cover
Laflafet 158
Lumenerie 115
Lyden Micallef 193
M&S Bathrooms 113
Manuel Bezzina 151
Mapfre Middle Sea 122
Marble & Granite Creations 170
Mario Gatt 168
Marlene's Fish 147
Martin Grima 147
MAV Supplies 13
Melanie Bezzina Ins 128
Mgarr Farmers 90
Mgarr Pharmacy 95
Mgarr United 195
Mgarr YN 95
Michael Agius 89
Midland Steel Works 88
Mifsud Marble 176
Modern Butcher 96
Muscat Pools 163
Music Link 165
MV Hardware 87
MV Installations 86
Nathaniel Muscat 96
Needs and Treats 161
Newwes Garage - Funerals 194
Newwes Garage - Weddings 50
North 2 South 79
Nutar Sam Abela 10
Optical Point 164
Panorama Bar 111
Paper Source 166
Paradise Bay Events 175
Paul Borg Antiques 113
Pavi Pama 123
PD Gates 166
Pets World 58
Ph Borg Fuel 153
PL Mgarr 198
PN Mgarr 198
Porto Lounge 125
Pure 150
Ray's Garage Taċ-Ċatt 140
Regjun Tramuntana Inside Back
Restawrarti 96
RFL 171
Rodney Fish Shop 89
RPJ 85
Rush Parkour 55
Said Charles 145
Simon, Edward, Daniel
Funeral Service 118
Snowhite 51
St Mary Bakery 168
St Mary Pharmacy 157
Stephen Agriculture Imports 176
Stitch by Stitch 12
Sunripe 169
Swaey Bros 173
Sweet King 151
Ta' Karla 169
Ta' Soldi 172
Tal-Plitt 152
The Professionals 164
Thermaseal 82
Thermomix 83
Transport Service 155
Trattoria Da Manuele 154
Treecake 17
Universal Stationery 154
Vassallo Ian - Hagi 146
Vaxxell Inside Front
Vella Supermarket 156
VellaWholesalers 167
Vexxilina 76
Victor Estates 124
VMS 159
VZ Lines Motoring School 121
White Tower Lido 170
Zammit Antiques 114